



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Settembru 2021
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0298(NLE)

11941/21
ADD 1

ECOFIN 855
CADREFIN 412
UEM 264
FIN 701

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Anness għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill dwar l- approvazzjoni tal-evalwazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż l-anness imsemmi hawn fuq għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif rivedut u maqbul mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsillieri Finanzjarji abbażi tal-Proposta tal-Kummissjoni COM (2021) 584.

ANNESS

TAQSIMA 1: RIFORMI U INVESTIMENTI SKONT IL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

1. DESKRIZZJONI TAR-RIFORMI U L-INVESTIMENTI

1. KOMPONENT 1: L-INDIRIZZAR TAN-NEWTRALITÀ KLIMATIKA PERMEZZ TA' TITJIB FL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA, L-ENERĠIJA NADIFA U L-EKONOMIJA ĊIRKOLARI

Dan il-komponent tal-pjan Malti għall-irkupru u r-reżiljenza (RRP) jikkontribwixxi għall-indirizzar tal-isfidi relatati maż-żieda qawwija fil-konsum tal-enerġija u l-ġenerazzjoni tal-iskart li jirriżultaw minn tkabbir rapidu tal-popolazzjoni, l-impjiegi u l-PDG f'dawn l-aħħar snin. Il-karatteristiċi speċifiċi ta' Malta, inklużi d-daqs żgħir tagħha, id-densità għolja tal-popolazzjoni, l-ispazju limitat tal-art, in-nuqqas ta' ekonomiji ta' skala, id-dipendenza tagħha fuq distributuri u fornituri uniċi, kif ukoll l-iskarsezza tar-riżorsi naturali, kollha jaggravaw dawn l-isfidi.

L-oġġettivi tal-komponent huma li jsir investiment fid-dekarbonizzazzjoni ta' għadd ta' binjiet, li jiġu pprovduti soluzzjonijiet tal-enerġija rinnovabbli fi spazji pubbliċi, filwaqt li jiġu introdotti riformi biex tiġi żviluppata strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-bini u tittejjeb il-ġestjoni tal-iskart.

L-investimenti jikkonsistu fir-rinnovazzjoni ta' għadd ta' binjiet tas-settur privat u pubbliku, skejjel pubbliċi u sptarjiet li għandhom l-għan li jtejb u l-prestazzjoni enerġetika ta' dan il-bini, inaqqsu l-konsum tal-enerġija u l-emissjonijiet tal-karbonju. Il-komponent għandu l-għan ukoll li jibni skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju li għandha tinkludi wkoll l-użu ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli, kif ukoll investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi. Ir-riforma biex tiġi żviluppata strateġija fit-tul għar-rinnovazzjoni tal-bini tikkomplementa dawn l-investimenti, billi toħloq qafas li jippromwovi r-rinnovazzjoni tal-istokk tal-bini ta' Malta sal-2050. Il-komponent jipprevedi wkoll it-tfassil ta' politika mtejbba dwar l-iskart, inkluża r-riorganizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart, biex jiġi limitat l-iskart u tittejjeb iċ-ċirkolarità.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar l-investiment fit-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, b'mod partikolari dwar il-produzzjoni u l-użu nodfa u effiċjenti tal-enerġija u l-ġestjoni tal-iskart (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).

A.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C1-R1: Żvilupp ta' strateġija ta' rinnovazzjoni fit-tul

L-għan tar-riforma huwa li ssaħħaħ il-qafas istituzzjonali u tiżgura d-disponibbiltà ta' ħaddiema tas-sengħa fl-industrija tal-bini u tal-kostruzzjoni.

Ir-riforma għandha tistabbilixxi Regolatur għall-Bini, responsabbli għal regolament integrat u ġestjoni sostenibbli tal-bini u l-industrija tal-kostruzzjoni li għandhom responsabbiltajiet varji inkluż il-ħruġ u l-infurzar ta' linji gwida u metodoloġiji, politiki u regolamenti ta' Prattika tajba, li jipprovdi uffiċċju ċentralizzat għar-riċeviment u l-ipproċessar tal-ilmenti u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni, is-sikurezza u l-kwalità tal-bini u x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'Malta. Għandha tiżgura l-persunal meħtieġ għar-Regolatur u li jkun kompletament operazzjonali. Hija għandha żżid id-disponibbiltà ta' persunal kwalifikat billi testendi l-miżuri ta' titjib tal-ħiliet u ta' titjib tal-ħiliet għal kategoriji professjonali ġodda bil-ħsieb li tinkiseb kard tal-ħiliet bi prijetà speċifika relatata mal-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għall-appoġġ tal-proġetti ta' rinnovazzjoni tal-bini abbażi ta' previżjonijiet tad-domanda tal-ħiliet u tal-provvista. Il-miżuri ta' riforma huma inklużi f' strateġija fuq terminu twil bl-għan li tirrinova l-istokk tal-bini ta' Malta bil-ħsieb li ttejjeb ir-rendiment fl-użu tal-enerġija, iżżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, tnaqqas l-emissjonijiet u tikseb id-dekarbonizzazzjoni tal-istokk tal-bini sal-2050.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2023.

Riforma C1-R2: It-trawwim ta' ġestjoni effettiva tal-iskart permezz ta' qafas ta' governanza tal-iskart robust inkluża r-riforma tas-sistema tal-ġbir tal-iskart

L-għan tar-riforma huwa li ttejjeb il-ġestjoni tal-iskart u tkompli t-tranżizzjoni lejn ekonomija ċirkolari.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tranżizzjoni lejn sistema nazzjonali ta' ġbir tal-iskart reġjonalizzata u armonizzata, l-estensjoni tar-Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal setturi ġodda u ta' miżuri li jindirizzaw l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni.

Ir-riorganizzazzjoni tal-ġbir tal-iskart għandha tikkonsolida s-servizzi tal-ġbir tal-iskart f'ħames reġjuni madwar Malta u Għawdex (minn qafas frammentat eżistenti mifrux bejn 68 kunsill lokali). Ir-riforma għandha twassal għal żieda fl-ekonomiji ta' skala, żieda fil-ġbir separat, użu aħjar tal-flotta tal-vetturi rilevanti u ottimizzazzjoni tal-ispejjeż tal-investment.

Għandha tidħol fis-seħħ leġislazzjoni biex testendi l-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi ta' skart addizzjonali, bħal tajers u tessuti. Il-fattibbiltà u l-ambitu ta' tali estensjoni għandhom jiġu deċiżi abbażi ta' studju indipendenti. Dan il-proċess għandu jkun appoġġat ukoll mid-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni mmirata lejn Plastiks li jintużaw darba biss (SUP).

Għandha tiġi adottata Strateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni, li għandha tidentifika għażliet għall-ġestjoni tal-iskart li jirriżulta mill-attivitajiet tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, bil-ħsieb li t-trattament ta' tali skart jinbidel mir-rimi għall-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Sabiex tiġi implimentata tali Strateġija: (i) għandu jidħol fis-seħħ qafas regolatorju ġdid għall-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni, (ii) għandhom jiġu

adottati standards għall-industrija tal-kostruzzjoni biex jitnaqqas l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni ġġenerat u jiġi żgurat li l-iskart iġġenerat ikun adatt għat-trattament f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart; u (iii) għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet għall-irkupru ta' skart xieraq tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni fl-ammonti strettament meħtieġa għall-irdim mill-ġdid tal-barrieri, li jkunu ġew iddikjarati bħala parzjalment eżawriti, eżawriti jew inattivi, sabiex jiġu restawrati għall-istat oriġinali tagħhom.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C1-I1: Investiment fir-rinnovazzjoni u t-tħaddir tal-bini tas-settur pubbliku u privat, inkluż modifika retroattiva profonda permezz ta' miżuri ta' effiċjenza fl-enerġija u fir-riżorsi

L-oġġettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-effiċjenza fl-enerġija, inaqas id-domanda għall-enerġija, inaqas l-emissjonijiet tal-karbonju u jillimita l-iskart tal-enerġija permezz tal-modifika retroattiva tal-bini tas-settur pubbliku u privat.

L-investment għandu jikkonsisti minn rinnovazzjoni, inkluż modifika retroattiva profonda, ta' mill-inqas 9 232m² ta' binjiet pubbliċi u mill-inqas 40 605m² ta' binjiet tas-settur privat, inkluż binjiet kummerċjali u mhux residenzjali L-erja tas-superfiċje rinnovata finali ta' bini privat għandha tiddependi fuq l-ispejjeż eliġibbli taħt l-iskema tal-għotja. Il-binjiet pubbliċi li għandhom jiġu rinnovati għandhom jintgħażlu abbażi tal-ogħla potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jitqiesu l-kompromessi addizzjonali relatati ma' kwistjonijiet loġistiċi li jista' jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni realistika tal-interventi. L-ispeċifikitajiet tal-bini u r-rekwiżiti għall-bini privat għad iridu jiġu ddeterminati. Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċizzjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċizzjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C1-I2: Investiment fir-rinnovazzjoni u l-modifika radikali tal-isptarijiet pubbliċi

L-oġġettiv tal-investment huwa li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika, inaqqs id-domanda għall-enerġija, inaqqs l-emissjonijiet tal-karbonju, jillimita l-iskart tal-enerġija u jipprovdi mudell għal bini simili ieħor, permezz tal-modifika retroattiva ta' sptar pubbliku wieħed. Barra minn hekk, l-investment għandu jtejjeb ukoll il-benessri tal-pazjenti u jżid il-livell tal-kwalità tas-servizz.

L-investment għandu jikkonsisti mir-rinnovazzjoni u l-modifika retroattiva profonda ta' mill-inqas 9 167m² tal-isptar pubbliku ta' Monte Carmeli. Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30 %.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċizzjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċizzjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitthejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Marzu 2026.

Investiment C1-I3: Investiment fir-rinnovazzjoni, modifika retroattiva u enerġija rinnovabbli fl-iskejjel pubbliċi

L-għan tal-investment huwa li jtejjeb l-effiċjenza enerġetika, inaqqs id-domanda għall-enerġija, inaqqs l-emissjonijiet tal-karbonju u jillimita l-ħela tal-enerġija f'żewġ skejjel pubbliċi. L-investment għandu jagħmel l-iskejjel magħżula newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, iżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jtejjeb l-ambjent tat-tagħlim fi ħdan dawn l-iskejjel permezz tal-ottimizzazzjoni tas-saħħa, il-kwalità tal-arja u l-kumdità interni.

L-investment għandu jikkonsisti fir-rinnovazzjoni, inkluż modifika retroattiva profonda, ta' żewġ skejjel pubbliċi (St Benedict College, Skola Primarja ta' Ħal Għaxaq u Gozo College, Skola Primarja tan-Nadur), li jkopru żona totali ta' mill-inqas 9 710 m². Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30 %.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi

ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċizzjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċizzjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment C1-I4: Investiment fil-bini ta' skola pilota kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju biex iservi ta' mudell għall-futur u jipprovdi esperjenza ta' taġġim valida għall-futur lill-istudenti

L-oġġettiv tal-investment huwa li tinbena skola ġdida kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju, il-Kulleġġ Santa Teresa Skola Primarja Msida, li jikkonforma mar-rekwiżiti standard ta' effiċjenza enerġetika għolja, filwaqt li jitqiesu l-effiċjenza fir-riżorsi, il-miżuri ta' adattament għall-klima, l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali u l-affordabbiltà. Dan huwa maħsub biex iservi bħala proġett pilota għall-investimenti futuri u biex juri l-ottimizzazzjoni tas-saħħa, il-kwalità tal-arja, l-effiċjenza enerġetika għolja, l-emissjonijiet baxxi tal-karbonju u l-użu estensiv ta' sistemi tal-enerġija rinnovabbli interni. Għandu jiġi żgurat ukoll aċċess ugwali għall-persuni b'diżabbiltà.

L-investment għandu jikkonsisti fil-bini ta' skola pilota kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju li tammonta għal erja ta' madwar 14 499 m², b'kapasità ta' 500 student, 40 klassi, ċentru tal-kura tat-tfal li kapaċi jieħu madwar 120 tifel u tifla, librerija (kapasità ta' 300 persuna), u sala li għandha tkun disponibbli wkoll għall-komunità. Il-kostruzzjoni għandha tiżgura li tiġi ssodisfata Domanda għall-Enerġija Primarja ta' mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit tal-Bini b'Użu ta' Enerġija Qrib Zero.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fir-RRP skont il-Gwida Teknika La tagħmilx ħsara sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċizzjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċizzjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċizzjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja

għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2023.

Investiment C1-I5: Investimenti fl-enerġija rinnovabbli fit-toroq u fl-ispazji pubbliċi

L-għan ta' dan l-investment huwa li jiġġenera enerġija ekoloġika permezz ta' sorsi rinnovabbli. Id-daqs żgħir ta' Malta jillimita l-possibbiltà tal-ġenerazzjoni tal-enerġija fuq l-art. Madankollu, minħabba l-importanza tal-enerġija solari fuq il-gżejjer, ġew esplorati għażliet differenti li jmorru lil hinn mill-investment tradizzjonali fuq il-bjut.

L-investment għandu jikkonsisti fl-istallazzjoni ta' infrastruttura fotovoltajka f'toroq, mogħdijiet għall-mixi u spazji pubbliċi miftuħa oħra b'kapaċità installata ta' 143kW. L-enerġija prodotta għandha tintuża, b'mod partikolari, biex tiġi alimentata l-enerġija rinnovabbli għat-tidwil tat-toroq kif ukoll il-punti ta' qsim pedonali, il-punti tal-iċċarġjar għall-karozzi elettriċi u r-roti elettriċi, il-punti tal-iċċarġjar tal-USB, il-kameras tas-sigurtà, il-hotspots tal-Wi-Fi, u teknoloġiji oħra tat-triq.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fir-RRP skont il-Gwida Teknika La tagħmilx ħsara sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2024.

A.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.1	C1.R.1	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni	Dispożizzjoni fl-Att li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni Nru XIV tal-2021				Q2	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Bini u l-Kostruzzjoni bil-għan li jiġi stabbilit Regolatur għall-Bini. L-awtorità għandha tkun responsabbli għar-regolamentazzjoni, it-titjib u l-ġestjoni sostenibbli tal-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni f'Malta.
1.2	C1.R.1	Stadju Importanti	Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni — kompletament operazzjonali	L-awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni hija kompletament operazzjonali f'konformità mal-ACT Nru XIV tal-2021				Q1	2023	Huwa previst li l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni tkun kompletament operazzjonali f'konformità mal-ACT Nru XIV tal-2021. F'konformità mal-proċeduri amministrattivi stabbiliti, l-Awtorità għandha tingħata riżorsi biex tkun tista' twettaq b'mod effettiv il-mandat tagħha skont l-Att.
1.3	C1.R.1	Stadju Importanti	Taħriġ u ċertifikazzjoni ta' professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni	Tnedija ta' taħriġ u ċertifikazzjoni ta' professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni				Q4	2022	Sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet għal programm ta' taħriġ u ċertifikazzjoni għal professjonisti u negozjanti ta' diversi livelli fl-industrija tal-bini u l-kostruzzjoni biex tissaħħaħ il-kapaċità għal korsijiet ta' rinnovazzjoni. Għandu fil-mira firxa ta' professjonisti u negozjanti f'diversi livelli fl-ekosistema tal-kostruzzjoni lokali.
1.4	C1.R.1	Mira	Professjonisti mħarrġa u ċċertifikati fl-industrija tal-kostruzzjoni		Numru	0	500	Q2	2023	L-għadd ta' professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni mħarrġa u ċċertifikati bil-karta tal-ħiliet.
1.5	C1.R.2	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent aġġornat	Dispożizzjoni fl-Att li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att				Q4	2021	Id-dħul fis-seħħ tal-Att aġġornat dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent fejn l-importazzjoni, il-produzzjoni, il-bejgħ u d-distribuzzjoni ta' ċerti oġġetti tal-plastik li jintużaw darba biss (SUP), jiġifieri basktijiet tal-plastik, pożati, straws u platti għandhom ikunu pprojbiti.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.6	C1.R.2	Stadju Importanti	Studju dwar il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi addizzjonali ta' skart	Pubblikazzjoni ta' studju dwar il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi addizzjonali ta' skart				Q4	2024	Pubblikazzjoni ta' studju dwar il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi addizzjonali ta' skart. L-għan ta' dan l-istudju huwa li jivvaluta l-fattibbiltà tal-estensjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur, li bħalissa huma fis-seħħ għal xi flussi ta' skart, għal flussi ta' skart addizzjonali, inklużi t-tajers u t-tessuti. L-istudju għandu jitwettaq minn kuntrattur indipendenti, li jintgħażel wara proċedura ta' akkwist pubbliku.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.7	C1.R.2	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tista' titqies xierqa mill-istudju dwar il-fattibbiltà li jiġu mmirati flussi ġodda ta' skart permezz ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur	Dispożizzjoni fl-Att li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att				Q4	2025	Id-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni ġdida għall-flussi ta' skart meqjusa xierqa mill-istudju dwar il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi ta' skart addizzjonali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.8	C1.R.2	Stadju Importanti	L-adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni għal Malta	Il-pubblikazzjoni online tal-Istrateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni għal Malta				Q4	2021	L-adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni (K&D). L-Istrateġija għandha tkun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart u l-Protokoll u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni. L-istrateġija għandha tidentifika miżuri speċifiċi f'erba' oqsma prijoritarji ewlenin: 1. L-ippjanar u d-disinn: miżuri li jindirizzaw il-problema fis-sors, permezz ta' twaqqigħ u bini sostenibbli; 2. Immaniġġjar tal-iskart: miżuri biex tittejjeb il-loġistika tal-iskart kemm fis-sit tal-iżvilupp kif ukoll barra mis-sit; 3. Immaniġġjar tal-kwalità: miżuri assoċjati maż-żieda fil-fiduċja fil-prattiki ta' ġestjoni tal-iskart K&D kif ukoll mat-titjib tal-kwalità tal-materjali rriċiklati K&D; kif ukoll 4. Qafas ta' politika u regolamentazzjoni: għandu jiġi propost titjib fil-politika u fil-kundizzjonijiet ta' qafas sabiex tinkiser ir-rabta bejn l-iżvilupp u l-ġenerazzjoni tal-iskart. Il-qafas regolatorju propost għandu jikkonforma mal-leġiżlazzjoni u l-linji gwida tal-UE dwar l-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni. Il-miżura ma għandhiex twassal għal żieda sinifikanti fir-rimi tal-iskart, jew toħloq diżinċentivi għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.9	C1.R.2	Stadju Importanti	L-adozzjoni ta' standards għall-Industrija tal-Kostruzzjoni	L-adozzjoni ta' standards għall-industrija tal-kostruzzjoni				Q4	2022	L-adozzjoni ta' standards għall-industrija tal-kostruzzjoni. L-istandards għandhom jikkonċernaw: 1) L-aħjar prattiki għad-(de)kostruzzjoni, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-iskart iġġenerat mill-Kostruzzjoni u mid-Demolizzjoni (K&D) u li jiżguraw li l-iskart iġġenerat ikun adattat għat-trattament f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart prevista fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart. 2) Il-klassifikazzjoni tal-iskart K&D skont it-tip, il-materjal, il-kompożizzjoni u l-piż, bil-għan li thegħġeg is-separazzjoni fuq il-post kif ukoll ittejjeb il-kwalità tal-flussi tal-iskart għal użu mill-ġdid jew riċiklaġġ sussegwenti; 3) Xogħlijiet ta' skavar xierqa, bil-għan li jintuża mill-ġdid blat skavat għall-finijiet ta' kostruzzjoni; 4) Dimensjonijiet ta' aperturi interni u esterni ta' abitazzjonijiet residenzjali mmirati biex jinkoraġġixxu l-użu mill-ġdid ta' fittings kif ukoll inaqqsu d-diversifikazzjoni li twassal għal ekonomiji ta' skala. Dawn l-istandards għandhom jiġu inkorporati fil-qafas regolatorju u l-konformità ma' dawn l-istandards għandha tkun rekwiżit essenzjali qabel il-ħruġ ta' Permess ta' Żvilupp eżegwibbli.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.10	C1.R.2	Stadju Importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-ġestjoni tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni	Dispożizzjoni fil-qafas regolatorju l-ġdid li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju l-ġdid				Q4	2023	Id-dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-ġestjoni tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni f' Malta. Il-qafas regolatorju għandu jiġi żviluppat u diskuss mal-atturi kollha involuti tul il-katina tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni. Il-qafas regolatorju għandu jkun konformi mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart u l-Protokoll u l-Linji Gwida tal-UE dwar l-iskart tal-Konstruzzjoni u d-Demolizzjoni. L-oġettiv ewlieni tal-qafas regolatorju huwa li jiġi stabbilit qafas legali li jiffoka fuq l-industrija tal-konstruzzjoni b'mod olistiku, mit-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-bini sal-ġestjoni tal-iskart iġġenerat minn din l-industrija, filwaqt li jitqies l-impatt ambjentali tal-industrija f'kull stadju. Il-qafas regolatorju għandu jkun strutturat fuq l-erba' oqsma prijoritarji ewlenin indikati fl-istrateġija biex tiġi żgurata bidla lejn ekonomija aktar ċirkolari: (i) il-prevenzjoni u l-ġestjoni aħjar tal-iskart K&D f'kull stadju tal-iżvilupp, jiġifieri fl-istadji tat-twaqqiġ, it-tħaffir u l-konstruzzjoni; (ii) is-separazzjoni tal-iskart fis-sors; kif ukoll (iii) il-promozzjoni tal-iżvilupp ta' swieq sekondarji għar-riżorsi li m'għadhomx jintużaw, kif ukoll l-iżgurar li jkun hemm bidla mill-irkupru u r-rimi għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Barra minn hekk, ir-regolamenti msemija għandhom jidentifikaw u jiddefinixxu b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi (bħall-iżviluppaturi, il-kuntratturi, il-periti u s-sidien tal-proprjetà) involuti fis-settur.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju important i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.11	C1.R.2	Stadju Importanti	Irkupru tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni mill-ispazji vojta tar-rdim (barrieri)	Hemm fis-seħħ kundizzjonijiet għall-irkupru tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni fi spazji vojta				Q4	2022	Il-kundizzjonijiet li għejjin huma fis-seħħ għall-irkupru tal-iskart tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni fi spazji vojta biex jiġu restawrati fl-istat oriġinali tagħhom bi standards ambjentali għoljin: (i) l-awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi, f'kollaborazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar, identifikat il-barrieri, li għew iddikjarati bħala parzjalment eżawriti, eżawriti jew inattivi u ddeterminat il-volum li jinsabu fihom; (ii) sett ta' termini ta' referenza għar-restawr ta' spazji vojta għall-istat oriġinali tagħhom; kif ukoll (iii) mekkaniżmi li jinċentivaw it-tkissir ta' materjal qabel l-irdim mill-ġdid, bħal pereżempju l-inklużjoni tat-tkissir ta' materjal qabel l-irdim mill-ġdid bħala rekwiżit meta tiġi ppubblikata sejħa għall-offerti li tinvolvi xogħlijiet ta' konstruzzjoni minn entitajiet tal-Gvern. Id-definizzjoni ta' tali mekkaniżmi għandha tiġi determinata wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati, inklużi l-benefiċjarji potenzjali, l-awtoritajiet rilevanti kif ukoll partijiet interessati primarji oħra. Il-miżura ma għandhiex twassal għal żieda sinifikanti fir-rimi tal-iskart, jew toħloq diżinċentivi għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart. L-iskart użat għall-irdim mill-ġdid għandu jkun skart xieraq mhux perikoluż li jissostitwixxi materjali mhux skart u għandu jkun limitat għall-ammont strettament meħtieġ, f'konformità mal-Artikolu 3. 17a tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart.
1.12	C1.R.2	Stadju Importanti	It-twaqqif ta' ħames korpi reġjonali responsabbli għall-ġbir tal-iskart f'Malta u Għawdex	Ir-responsabbiltà għall-ġbir jiġi ttrasferit lejn ir-reġjuni, inkluż il-ġbir ta' materjal riċiklabbli u ċ-ċentri kollha tal-ġbir tal-iskart huma kompletament operazzjonali.				Q4	2022	Ir-responsabbiltà tal-ġbir tal-iskart għandha tinbidel minn 68 Kunsill Lokali għal ħames reġjuni: a) Ċentrali (inklużi 13-il Kunsill Lokali), b) tan-Nofsinar (14-il Kunsill Lokali), c) tax-Xlokk (15-il Kunsill Lokali), d) tat-tramuntana (12-il Kunsill Lokali), e) ta' Għawdex (14-il Kunsill Lokali). It-tranżizzjoni tal-ġbir tal-iskart għall-ħames ċentri tkun tlestiet. Il-ħames ċentri huma kompletament operattivi u responsabbli mill-ġbir tal-iskart.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.13	C1.R.2	Stadju Importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni riveduta dwar il-materjal tal-imballaġġ biex tippermetti l-ġbir reġjonali tal-iskart mill-imballaġġ	Dispożizzjoni fil-leġislazzjoni riveduta li tindika d-dħul fis-seħħ tal-leġislazzjoni riveduta				Q4	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni riveduta dwar il-materjal tal-imballaġġ li tippermetti l-ġbir reġjonali tal-iskart mill-imballaġġ. Dan għandu jibni fuq il-leġislazzjoni għall-ġbir reġjonali tal-iskart li ġiet stabbilita permezz tal-Att dwar il-Gvern Lokali. Il-Kunsilli reġjonali għandhom ikunu responsabbli għall-loġistika biex jippermettu ekonomiji ta' skala, filwaqt li l-produtturi għandhom ikunu responsabbli għall-finanzjament.
1.14	C1.I.1	Stadju Importanti	L-awditjar tal-Prestazzjoni Enerġetika ta' Bini Pubbliku	Tlestija tal-awditjar tal-Enerġija u tal-Prestazzjoni Enerġetika ta' bini pubbliku				Q2	2022	It-tlestija tal-Awditjar tal-Prestazzjoni Enerġetika ta' bini pubbliku magħżul għall-modifika retroattiva u l-effiċjenza enerġetika, f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE sabiex tiġi stabbilita l-klassi ta' Ċertifikat tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-bini magħżul u jiġi identifikati l-miżuri applikabbli ta' rinnovazzjoni tal-Effiċjenza Enerġetika. Il-bini pubbliku appoġġat minn din il-miżura għandu jkollu erja ta' mill-inqas 9 232 m².
1.15	C1.I.1	Stadju Importanti	Servizzi kkuntrattati għar-rinnovazzjoni ta' bini pubbliku	Kuntratti ffirmati għall-akkwist ta' servizzi ta' rinnovazzjoni għal bini pubbliku magħżul kopert minn dan l-investment				Q2	2023	Il-kuntratti kollha ffirmati għall-akkwist ta' servizzi ta' rinnovazzjoni ta' bini pubbliku b'erja ta' mill-inqas 9 232 m². Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.
1.16	C1.I.1	Mira	Binjiet pubbliċi rinnovati		m²	0	9 232	Q4	2025	Ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku appoġġat tkun tlestiet, u tkopri mill-inqas 9 232 m². Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.17	C1.I.1	Stadju Importanti	Tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal għotjiet immirati għar-rinnovazzjoni tal-bini tas-settur privat	Għotjiet immirati għar-rinnovazzjoni tal-bini tas-settur privat, inkluż bini kummerċjali u bini mhux residenzjali ieħor immedja				Q1	2022	It-tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għall-għażla ta' applikanti għal għotjiet immirati għar-rinnovazzjoni tal-bini tas-settur privat għall-modifika retroattiva u l-effiċjenza enerġetika (inkluż bini kummerċjali/mhux residenzjali). L-erja ffinanzjata taħt dan l-investiment għandha tkun ta' mill-inqas 40 605 m².
1.18	C1.I.1	Mira	Bini tas-settur privat rinnovat		m²	0	40 605	Q4	2025	It-tlestija tar-rinnovazzjoni ta' mill-inqas 40 605 m² f'binjiet tas-settur privat appoġġati mill-għotjiet immirati għar-rinnovazzjoni tal-bini tas-settur privat. Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30 %.
1.19	C1.I.2	Stadju Importanti	L-awditjar tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-Isptar Pubbliku Monte Carmeli	It-tlestija tal-awditjar tal-Enerġija u tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-Isptar Monte Carmeli.				Q2	2022	It-tlestija tal-Awditjar tal-Prestazzjoni Enerġetika fl-Isptar Monte Carmeli f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE biex tiġi stabbilita l-klassi ta' Ċertifikat tal-Prestazzjoni Enerġetika tal-blokk rispettivi u jiġu identifikati l-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-Effiċjenza Enerġetika applikabbli.
1.20	C1.I.2	Stadju Importanti	Servizzi kuntrattati għar-rinnovazzjoni u l-modifika retroattiva profonda tal-Isptar Pubbliku ta' Monte Carmeli	Il-kuntratti kollha ffirmati għar-rinnovazzjoni tal-isptar pubbliku Monte Carmeli.				Q4	2023	Il-kuntratti kollha ffirmati għall-akkwist ta' servizzi ta' rinnovazzjoni għall-Isptar Pubbliku Monte Carmeli ta' mill-inqas 9 167 m². Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.
1.21	C1.I.2	Mira	Blokk tal-isptar Monte Carmeli rinnovati		m²	0	9 167	Q1	2026	Rinnovazzjoni ta' blokk fl-Isptar Monte Carmeli li jkopri erja ta' mill-inqas 9 167m². Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.22	C1.1.3	Stadju Importanti	L-awditjar tal-Prestazzjoni Enerġetika ta' Skejjel Pubbliċi	It-tlestija tal-awditjar tal-Enerġija u tal-Prestazzjoni Enerġetika ta' żewġ skejjel pubbliċi				Q4	2021	It-tlestija tal-awditu tal-prestazzjoni tal-enerġija ta' żewġ binjiet tal-iskejjel pubbliċi (Skola Primarja Għaxaq Kulleġġ San Benedittu u Skola Primarja Kulleġġ Nadur Għawdex) f'konformità mad-Direttiva 2010/31/UE biex tiġi stabbilita l-klassi taċ-Ċertifikat tal-Prestazzjoni Enerġetika tagħhom u jiġu identifikati l-miżuri ta' rinnovazzjoni tal-Effiċjenza Enerġetika applikabbli. It-tlestija għandha tfisser it-twassil ta' rapport ta' awditjar.
1.23	C1.1.3	Stadju Importanti	Servizzi kkuntrattati għar-rinnovazzjoni ta' żewġ Skejjel Pubbliċi	Kuntratti ffirmati għar-rinnovazzjoni ta' żewġ Skejjel Pubbliċi.				Q1	2022	Il-kuntratti kollha ffirmati għall-akkwist ta' rinnovazzjoni ta' żewġ binjiet ta' skejjel pubbliċi (Skola Primarja u Kulleġġ San Benedittu u Skola Primarja u Kulleġġ Nadur Għawdex) li jkopru żona totali ta' aktar minn 9 710 m ² . Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.
1.24	C1.1.3	Mira	Żewġ skejjel pubbliċi rinnovati		m ²	0	9 710	Q4	2023	Xogħlijiet ta' rinnovazzjoni ta' żewġ skejjel pubbliċi (Skola Primarja u Kulleġġ San Benedittu u Skola Primarja u Kulleġġ Nadur Għawdex), li flimkien jipprovdu għal madwar 500 student, għandhom jitlestew. Ir-rinnovazzjoni għandha tikseb tnaqqis fid-domanda għall-enerġija primarja (PED) ta' mill-inqas 30%.
1.25	C1.1.4	Stadju Importanti	Servizzi kuntrattati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju	Kuntratti ffirmati għall-kostruzzjoni ta' Skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju.				Q1	2022	Kuntratti ffirmati għall-akkwist ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju. Il-kostruzzjoni għandha tiżgura li tiġi ssodisfata Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-rekwiżit ta' NZEB.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
1.26	C1.1.4	Mira	Il-kostruzzjoni ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju tlestiet.		m ²	0	14 499	Q4	2023	Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-iskola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju tlestew. Huwa meqjus li l-iskola tipprovdi għal madwar 500 student u għandha superfiċje tal-art ta' mill-inqas 14 499 m ² . I-kostruzzjoni għandha tiżgura li tiġi ssodisfata Domanda għall-Enerġija Primarja (PED) li tkun mill-inqas 20 % inqas mir-reqwiżit ta' NZEB.
1.27	C1.1.5	Mira	L-installazzjoni ta' infrastruttura fotovoltajka fi spazji pubbliċi miftuħa		kW	0	143	Q2	2024	Kapaċità ta' ġenerazzjoni installata tal-infrastruttura fotovoltajka fit-toroq, mogħdijiet għall-mixi u spazji pubbliċi miftuħa oħra f'Malta u Għawdex.

B. KOMPONENT 2: NIDDEKARBONIZZAW IT-TRASPORT

Dan il-komponent tal-RRP Malti jikkontribwixxi biex tiġi indirizzata l-isfida tal-konġestjoni tat-traffiku fit-toroq, tal-gassijiet b'effett ta' serra u tal-emissjonijiet ta' sustanzi li jniġġsu, u l-ħtieġa li s-settur tat-trasport isir aktar sostenibbli.

L-oġġettiv tal-komponent huwa li t-traffiku jiġi ttrasferit mit-toroq għal modi aktar sostenibbli u li t-trasport bit-triq jiġi dekarbonizzat permezz tal-elettrifikazzjoni, f'konformità mal-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima ta' Malta għall-2030, mal-Istrateġija ta' Żvilupp b'Livell Baxx ta' Emissjonijiet tal-Karbonju tal-2050, mal-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta (2020) u mal-Istrateġija Nazzjonali dwar it-Transport ta' Malta.

Ir-riformi f'dan il-komponent itejbu l-ippjanar tat-trasport, jespandu l-użu tat-trasport pubbliku u jimplimentaw azzjonijiet tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-reġjun tal-Belt Valletta. Huma jagħżlu wkoll żoni ta' riġenerazzjoni, jippromwovu t-telexogħol fis-settur pubbliku, u jżidu l-effiċjenza tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku. L-investimenti jinkludu l-konstruzzjoni ta' post għall-iżbark tal-laneċ, skema ta' skrappjar li tappoġġa x-xiri ta' vetturi elettriċi mingħajr emissjonijiet fis-settur privat, it-tiġdid tal-flotta tal-vetturi tas-settur pubbliku b'vetturi elettriċi mingħajr emissjonijiet, u x-xiri ta' karożżi tal-linja elettriċi mingħajr emissjonijiet għat-trasport pubbliku.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż biex l-investiment jiġi ffukat fuq it-tranżizzjoni ekoloġika (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020), it-trasport sostenibbli (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020) u t-tnaqqis tal-konġestjoni tat-traffiku (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).

B.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C2-R1: L-istimulazzjoni tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-politiki li jippromwovu s-sostenibbiltà tas-settur tat-trasport, inkluż permezz tal-inkoraġġiment tal-użu ta' trasport kollettiv u multimodali

L-għan tar-riforma huwa li tappoġġa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport permezz tal-promozzjoni ta' ppjanar aħjar tat-trasport. Dan għandu jgħin biex titthaffef it-tranżizzjoni tas-settur tat-trasport lejn in-newtralità karbonika, titnaqqas il-konġestjoni u tikkontribwixxi biex tinkiseb in-newtralità klimatika sal-2050.

Ir-riforma għandha tikkonsisti minn: (i) it-tlestija ta' studju, l-Istħarriġ Nazzjonali dwar l-Ivvjaġġar tal-Pubbliku ta' Malta, u (ii) kampanja ta' sensibilizzazzjoni għall-promozzjoni tat-trasport sostenibbli.

L-istudju għandu jikkwantifika x-xejriet attwali tal-ivvjaġġar, l-imġiba u jkejjel l-opinjoni pubblika dwar azzjonijiet potenzjali ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-Pjan Regolatorju tat-Transport aġġornat. It-tlestija tal-istħarriġ tirreferi għall-mument meta l-ġbir u l-analiżi tad-data għall-istħarriġ ikunu twettqu u s-sejbiet ikunu ġew identifikati bil-miktub.

Il-kampanja ta' sensibilizzazzjoni għandha tkun kampanja nazzjonali mmirata lejn is-setturi kollha tas-soċjetà. Għandha tippromwovi modi ta' trasport aktar ekoloġiċi, inkluża l-multimodalità għall-ivvjaġġar essenzjali, u sistema ta' mobilità aktar sostenibbli f'Għawdex u f'Malta. Hija għandha tuża midja differenti, inklużi l-istampa, it-TV u l-midja soċjali.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C2-R2: Il-promozzjoni ta' aktar użu tat-trasport kollettiv pubbliku bit-triq

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tippromwovi l-użu tat-trasport pubbliku bħala mezz biex jitnaqqsu l-emissjonijiet u tiġi indirizzata l-konġestjoni.

Din ir-riforma għandha tagħti aċċess bla ħlas għas-servizzi tat-trasport pubbliku bit-triq skedati lil gruppi ta' koorti ġodda li għandhom jinkludu mill-inqas 103 000 persuna.

L-għażla tal-gruppi ta' koorti għandha tkun mirfuda mill-Istħarriġ Nazzjonali tal-Ivvjaġġar tal-Pubbliku (NHTS; L-NHTS għandu jikkwantifika l-ammont potenzjali ta' bidla modali minn karożżi privati għal trasport pubbliku bil-karożżi tal-linja bħala riżultat dirett tal-introduzzjoni ta' vjaġġar mingħajr ħlas bil-karożżi tal-linja.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma C2-R3: It-tħaffif tal-finalizzazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) għar-Reġjun tal-Belt Valletta

L-għan ta' din ir-riforma huwa li trawwem il-mobilità sostenibbli f'Malta permezz ta' ppjanar aħjar tat-trasport u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet ta' mobilità sostenibbli.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni online tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli (SUMP) għar-Reġjun tal-Belt Valletta u l-implimentazzjoni tiegħu. Il-pjan għandu jiffoka fuq ir-reġjuni tal-portijiet tat-Tramuntana u tan-Nofsinhar li jaqdbu aktar minn 40 % tal-popolazzjoni totali tal-Gżejjer Maltin. L-SUMP għandu jfittex li jtejjeb il-kwalità tal-ħajja u l-mobilità f'Malta billi jiffaċilita l-mobilità kosteffettiva, effiċjenti fl-użu tal-enerġija u bla xkiel. Il-pubblikazzjoni għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-SUMP fuq is-sit web tal-Ministeru tat-Transport.

Sabiex timplimenta l-SUMP, ir-riforma timplimenta miżuri mill-SUMP f'mill-inqas disa' unitajiet amministrattivi lokali fir-reġjun tal-Belt Valletta, b'mill-inqas miżura waħda għal kull unità amministrattiva lokali. It-tipi eliġibbli ta' interventi huma: skemi ta' parkeġġ periferali li jinkoraġġixxu modi ta' trasport aktar sostenibbli inkluż iċ-ċikliżmu u l-mixi fil-qalba tal-belt, il-lokalizzazzjoni u l-implimentazzjoni taċ-ċentri tat-trasport lokali, l-infrastruttura taċ-ċikliżmu, il-kondiviżjoni tal-karożżi bejn diversi persuni u s-servizzi tat-trasport fuq talba, l-introduzzjoni u l-użu ta' vetturi elettriċi u l-infrastrutturi tal-iċċarġjar f'żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni, u l-loġistika urbana, bħal permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-aħħar mil, inkluż għal finijiet kummerċjali u l-appoġġ għal soluzzjonijiet ta' mobilità alternattivi.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma C2-R4: It-tnaqqis tal-impatt soċjoekonomiku u ambjentali tal-vetturi fiż-żoni urbani

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jiġu stabbiliti spazji ħielsa mill-karożżi madwar Malta u Għawdex li huma miftuħa għall-pubbliku. L-għan ta' din ir-riforma huwa li tippromwovi r-riġenerazzjoni tal-pjazez pubbliċi u l-ispace komunitarji fil-qalba tal-villaġġi u l-ibliet u tnaqqas id-dipendenza tal-vetturi privati. Permezz tat-tlestija taż-żoni ta' riġenerazzjoni, din ir-riforma għandha trawwem spazju sikur u silenju għar-residenti, l-anzjani, it-tfal u l-familji, fost l-oħrajn, biex iqattgħu l-ħin

liberu tagħhom barra fil-miftuħ. Għandha toħloq aktar opportunitajiet għan-negozji u n-negozjanti lokali u spazji għall-artisti u l-organizzazzjonijiet lokali biex jorganizzaw attivitajiet.

L-azzjonijiet għandhom ikunu permanenti, iżda d-disponibbiltà tagħhom tista' tkun limitata għal perjodi magħżula. Il-perjodi magħżula jistgħu jkunu ċerti perjodi fis-sena, ċerti ġranet tal-ġimgħa, jew ċerti sigħat tal-ġurnata.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tlestija ta' mill-inqas tliet żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani fuq medda ta' tliet snin, b'mill-inqas żona waħda fis-sena. Żona ta' riġenerazzjoni hija żona mingħajr karożżi fejn il-Kunsilli Lokali għandhom jippromwovu l-mixi, iċ-ċikliżmu u t-trasport pubbliku, b'mod parallel ma' kampanji edukattivi oħra biex jiġi evitat l-ivvjaġġar bla bżonn, li għandu jirriżulta fi spazju pubbliku miftuħ liberu u bla xkiel addizzjonali. F'dawn iż-żoni, għandha tingħata prijorità lill-persuni mexjin fit-triq u lir-roti għall-ivvjaġġar essenzjali li jwassal għal bidla lejn modi ta' trasport aktar nodfa u sostenibbli. L-għażla taż-żoni ta' riġenerazzjoni għandha tkun konsistenti mal-miżuri deskritti fil-Pjan Regolatorju tat-Trasport ta' Malta.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2025.

Riforma C2-R5: Il-promozzjoni tat-telexogħol fis-servizz pubbliku

L-għan ta' din ir-riforma huwa li jissaħħaħ it-telexogħol fis-settur pubbliku. Il-possibbiltà li wieħed jaħdem mid-dar jew permezz ta' ċentri reġjonali hija mistennija li tnaqqas il-vjaġġi lejn u mix-xogħol u għalhekk il-konġestjoni tat-traffiku.

L-ewwel nett, din ir-riforma għandha tikkonsisti fl-istabbiliment ta' 15-il faċilità ta' uffiċċji li jippermettu t-telexogħol għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku madwar il-Gżejjer Maltin. Tali spazji għall-uffiċċji għandhom ikunu operazzjonali għat-telexogħol u għandhom jakkomodaw mill-inqas 140 stazzjon tax-xogħol b'kolloxx fuq 15-il faċilità tal-uffiċċju.

It-tieni, din ir-riforma għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni tal-Politika tat-telexogħol għal Impjegati tal-Gvern. Il-politika għandha tiddekrivi l-kriterji tal-eliġibbiltà, il-kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni u l-linji gwida għall-applikazzjoni li jirregolaw din l-inizjattiva li tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2022.

Riforma C2-R6: Ġestjoni mtejbja tal-mobilità fis-servizz pubbliku

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-ġestjoni tal-mobilità fis-servizz pubbliku Malti, li twassal għal servizz ta' mobilità pubblika aktar effiċjenti u aktar ekoloġiku.

Bħalissa l-flotta tas-servizz pubbliku użata mid-dipartimenti tal-Gvern f'Malta tikkonsisti f'madwar 650 vettura. Dawn jitħaddmu b'mod deċentralizzat peress li kull Ministeru jew Dipartiment għandu l-pool ta' karożżi tiegħu stess. Il-koordinazzjoni limitata hija ostaklu għal servizzi tat-trasport effiċjenti u effettivi.

L-ewwel azzjoni ta' din ir-riforma għandha tinvolvi studju biex tiġi vvalutata l-infrastruttura tat-trasport tas-servizz pubbliku attwalment fis-seħħ fil-Gżejjer Maltin b'mod ġenerali u speċifikament fil-ministeri u d-dipartimenti rispettivi. L-istudju għandu jeżamina s-sitwazzjoni attwali u jistabbilixxi linja bażi tal-mobilità kondiviża eżistenti fis-servizz pubbliku. Huwa għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jerġa' jinbena l-proċess ta' kondivizzjoni tal-karożżi li jwassal għal effiċjenza akbar u jidentifika, f'termini ta' numru u tip, flotta aktar nadifa ta' vetturi tal-gvern li jintużaw b'mod ġenerali. L-istudju għandu jitwettag minn kuntrattur indipendenti wara proċedura ta' akkwist pubbliku.

It-tieni azzjoni ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti f'miżuri biex tiżdied il-mobilità kondiviża fis-servizz pubbliku, bħall-iżvilupp u l-promozzjoni ta' mekkaniżmi ta' kondiviżjoni tar-rikbiet. L-oġettiv huwa li tiżdied il-mobilità kondiviża fis-servizz pubbliku b'10 % mil-linja bażi ddeterminata fl-istudju indipendenti dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-mobilità fis-servizz pubbliku Malti. Il-mobilità kondiviża titkejjel f'termini ta' vjaġġi kkoordinati bejn mill-inqas żewġ Dipartimenti tal-Gvern.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2025.

Investiment C2-I1: Post ġdid għall-iżbark tal-laneċ għall-promozzjoni ta' mezzi alternattivi ta' trasport f'Buġibba, San Pawl il-Baħar

L-oġettiv tal-investiment huwa li s-settur tat-trasport f'Malta jiġi dekarbonizzat billi jiġi promoss l-użu tat-trasport intermodali permezz ta' servizzi ġodda ta' laneċ f'Buġibba, San Pawl il-Baħar.

L-investiment għandu jikkonsisti fil-bini ta' infrastruttura marittima inklużi faċilitajiet għall-iżbark tal-laneċ, terminal tal-passiġġieri, faċilitajiet għall-irmiġġ u l-inżul u pjattaformi aktar sikuri, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet tat-temp avversi. It-terminal tal-laneċ għandu jinkludi żona ta' xiri ta' biljetti protetta u żona ta' stennija għal min jivvjaġġa. Filwaqt li jikkomplementa dan l-investiment, għandu jiġi pprovdut servizz ta' proviżjonament tal-karozzi tal-linja bl-użu tan-network tal-karozzi tal-linja eżistenti.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-konformità mad-DNSH hija żgurata permezz tal-installazzjoni ta' sitt pilastri alimentatriċi għall-iċċarġjar ta' bastimenti tal-baħar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-moll u ħames toqob kbar għall-iċċarġjar elettriku għall-bastimenti tal-baħar fuq in-naħa ta' barra tal-moll. Tliet pilastri għandhom jiġu installati wkoll fuq in-naħa tat-triq barra ż-żona li twassal għall-moll għall-karozzi tal-klijenti tal-laneċ li għandhom jiġu ċċarġjati waqt li l-klijenti jużaw il-vapur.

F'konformità mal-konklużjonijiet li waslu għalihom l-awtoritajiet kompetenti Maltin matul il-valutazzjoni tal-applikazzjoni tal-ippjanar għal din il-miżura fid-dawl tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, hija meqjusa meħtieġa valutazzjoni dettaljata ulterjuri biex jiġi vvalutat is-sinifikat tal-impatt u l-implikazzjonijiet fir-rigward tal-politiki rilevanti. Dan huwa rilevanti peress li l-iżbark tal-laneċ huwa ppjanat li jsir f'siti tan-Natura 2000, u għalhekk il-proġett għandu jkun soġġett għal valutazzjoni xierqa skont l-Artikolu 6(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE, fid-dawl tal-għanijiet ta' konservazzjoni tas-sit u biex jiġi żgurat li dan ma jaffettwax ħażin l-integrità tas-siti kkonċernati.

Barra minn hekk, il-miżuri kollha li potenzjalment jista' jkollhom effetti sinifikanti fuq l-ambjent għandhom ikunu soġġetti għal Valutazzjoni tal-Impatt Ambjentali (VIA), li għandha titlesta skont id-Direttiva 2011/92/UE, kif ukoll għal valutazzjonijiet rilevanti fil-kuntest tad-Direttiva 2000/60/KE, inkluż l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni meħtieġa, li jiżguraw konformità mal-Gwida Teknika DNSH (2021/C58/01).

Kwalunkwe miżura identifikata fil-qafas tal-EIA skont id-Direttiva 2011/92/UE kif ukoll il-valutazzjonijiet skont id-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE kif meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità mal-prinċipju DNSH għandhom jiġu integrati fil-proġett u għandhom jiġu osservati b'mod strett fl-istadji tal-kostruzzjoni, l-operat u d-dekummissjonar tal-infrastruttura.

B'żieda ma' dan, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (eskluż il-materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista

Ewropea tal-Iskart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar l-iskart perikoluż (notifikat taħt id-dokument numru C(2000) 1147)) iġġenerati fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jiġu sostitwiti materjali oħra, skont il-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni. Dan japplika għal materjal mhux immellaħ u, fejn fattibbli, materjal immellaħ. Sabiex jiġi stabbilit liema materjal immellaħ jista' jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ jew għall-irkupru ta' materjal ieħor, l-operaturi ekonomiċi għandhom iwettqu valutazzjoni tal-materjal. Jekk il-valutazzjoni tikkonferma li l-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ jew l-irkupru ta' materjal ieħor mhumiex fattibbli, l-operaturi ekonomiċi għandhom jarmu l-materjal skont ir-regolamenti lokali tal-immaniġġjar tal-iskart f'miżbla awtorizzata għal skart inerti.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C2-I2: It-tisħiħ tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jħeġġeġ bidla usa' lejn il-mobilità elettrika u jnaqqas l-emissjonijiet li jirriżultaw mis-settur tat-trasport bit-triq f'Malta billi jippromwovi l-użu ta' vetturi elettriċi fis-settur privat, inkluż is-settur kummerċjali.

L-investimenti għandhom jikkonsistu fi skema ta' għotjiet għax-xiri ta' vetturi elettriċi permezz ta' 5 600 għotja. L-iskema għandha tappoġġa x-xiri ta' vetturi ġodda tal-passiġġieri, tal-kura tal-passiġġieri u tal-merkanzija, minibuses/coaches, kwadriċikli/muturi u pedelecs.

L-istruttura tal-iskema tal-għotjiet għandha tkun iddisinjata biex iżżid is-sehem tal-vetturi elettriċi fost il-flotta totali tal-vetturi. L-iskema għandha tqis il-fatturi li ġejjin:

- Il-prezzijiet attwali tas-suq ta' vetturi elettriċi ħfief, ġodda u użati;
- Id-differenza fil-prezz bejn il-vetturi ħfief elettriċi użati u l-vetturi ħfief elettriċi ġodda;
- Differenzjali fil-prezz bejn mudelli ta' vetturi komparabbli għall-vetturi ħfief elettriċi u vetturi b'magna tal-kombustjoni interna;
- Il-provvista tas-suq / id-disponibbiltà tal-mudell ta' vetturi elettriċi ħfief ġodda disponibbli bl-istering fuq il-lemin;
- Id-domanda tas-suq kif indikata mill-użu annwali tal-għotjiet li saru disponibbli mill-2016.

Fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-iskema, għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiżdied l-użu ta' vetturi elettriċi f'Għawdex, f'konformità mal-oġġettiv li titħaffef it-tranżizzjoni ta' Għawdex lejn in-newtralità klimatika.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi b'emissjonijiet żero biss għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment C2-I3: Id-dekarbonizzazzjoni tal-flotta tas-servizz pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investment huwa d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-trasport f'Malta permezz tal-promozzjoni tal-użu ta' vetturi elettriċi fis-servizz pubbliku.

L-investment jikkonsisti fix-xiri ta' vetturi elettriċi sabiex jissostitwixxu vetturi b'magna b'kombustjoni interna u jiksibu sehem ta' vetturi elettriċi fil-flotta tas-servizz pubbliku użata mid-dipartimenti tal-Gvern ta' 38 %. Flimkien mar-riforma C2-R6: Ġestjoni mtejbja tal-mobilità fis-servizz pubbliku, l-investment għandu jirriżulta fi flotta ta' vetturi tas-servizz pubbliku aktar nadifa u mnaqqsa fuq in-network tat-toroq, li tnaqqas l-emissjonijiet u l-konġestjoni.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-vetturi b'emissjonijiet żero biss għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment C2-I4: Sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku

L-objettiv ta' dan l-investment huwa li jiddekarbonizza parti mis-settur tat-trasport pubbliku bit-triq f'Malta.

L-investment jikkonsisti fix-xiri ta' 102 karożżi tal-linja elettrika (12m) għall-flotta tat-trasport pubbliku bit-triq. Il-finanzjament għandu jkopri d-differenza fil-prezz tax-xiri bejn karożżi tal-linja b'magna tal-kombustjoni interna (12m) u xarabanks elettriċi (12 m). Dawn il-karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero għandhom jissostitwixxu l-karożżi tal-linja tad-diżil fl-istokk attwali tat-trasport pubbliku (karożżi tal-linja Euro 5). Dan l-investment huwa kkumplimentat mill-provvista ta' trasport pubbliku b'xejn lil persuni f'koorti ta' età differenti biex ikompli jittejjeb l-użu tat-trasport kollettiv (ir-riforma C2.R2).

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-karożżi tal-linja b'emissjonijiet żero biss għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2025.

B.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.1	C2.R.1	Stadju Importanti	Stħarriġ Nazzjonali dwar l-ivvjaġġar tal-Pubbliku	It-tlestija tal-Istħarriġ Nazzjonali dwar l-ivvjaġġar tal-Pubbliku				Q4	2021	Ikun tlesta l-Istħarriġ Nazzjonali dwar l-ivvjaġġar tal-Pubbliku. L-istudju għandu jkollu l-għan li jikkwantifika x-xejriet attwali tal-ivvjaġġar, l-imġiba u jkejjel l-opinjoni pubblika dwar miżuri potenzjali ġodda li għandhom jiġu inklużi fil-Pjan Regolatorju tat-Trasport aġġornat. It-tlestija tal-istħarriġ tirreferi għall-mument meta l-ġbir u l-analiżi tad- <i>data</i> għall-istħarriġ ikunu twettqu u s-sejbiet ikunu ġew identifikati f'rapport bil-miktub.
2.2	C2.R.1	Stadju Importanti	It-tlestija ta' Kampanja ta' Sensibilizzazzjoni dwar trasport sostenibbli żero u b'livell baxx ta' karbonju	It-tlestija tal-kampanja ta' sensibilizzazzjoni				Q4	2025	Il-kampanja ta' sensibilizzazzjoni għall-pubbliku ġenerali tkun tlestiet. Il-kampanja għandha tkun inizjattiva nazzjonali mmirata lejn is-setturi kollha tas-soċjetà. Għandhom tintuża midja differenti inklużi l-istampa, it-TV u l-midja soċjali. L-għan tal-kampanja għandu jkun li tippromwovi bidla fl-imġiba fl-użu tal-modi tat-trasport. Għandha tippromwovi modi ta' trasport aktar ekoloġiċi, inkluża l-multimodalità għall-ivvjaġġar essenzjali, u sistema ta' mobilità aktar sostenibbli f'Għawdex u f'Malta.
2.3	C2.R.2	Mira	L-ġhadd ta' persuni fil-gruppi ta' koorti l-ġodda b'aċċess għal trasport pubbliku b'xejn		Numru	0	103 000	Q4	2023	L-ġhadd ta' persuni li jappartjenu għall-koorti li għadhom kif ġew identifikati li jistgħu jibbenefikaw mit-trasport pubbliku mingħajr ħlas.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.4	C2.R.3	Stadju Importanti	Pubblikazzjoni tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta	Pubblikazzjoni online tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta				Q4	2022	Pubblikazzjoni online tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta, li jistabbilixxi interventi eliġibbli li għandhom jiġu implimentati permezz tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli. It-tipi eliġibbli ta' interventi huma: skemi ta' parkeġġ periferali li jinkoraġġixxu modi ta' trasport aktar sostenibbli inkluż iċ-ċikliżmu u l-mixi fil-qalba tal-belt; il-lokalizzazzjoni u l-implimentazzjoni taċ-ċentri tat-trasport lokali, l-infrastruttura taċ-ċikliżmu, il-kondiviżjoni tal-karozzi bejn diversi persuni u s-servizzi tat-trasport fuq talba; it-tnedija u l-użu ta' vetturi elettriċi u l-infrastrutturi tal-iċċarġjar f'żoni urbani b'densità għolja ta' popolazzjoni u l-loġistika urbana, bħal permezz tal-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet tal-aħħar fażi, inkluż għal skopijiet kummerċjali u l-appoġġ għal soluzzjonijiet ta' mobilità alternattivi.
2.5	C2.R.3	Mira	Unitajiet Amministrattivi Lokali fir-Reġjun tal-Belt Valletta b'soluzzjonijiet ta' mobilità urbana mtejbja skont il-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli		Numru	0	9	Q2	2025	F'mill-inqas disa' unitajiet amministrattivi lokali fir-Reġjun tal-Belt Valletta, mill-inqas tip wieħed eliġibbli ta' interventi mill-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta jiġi implimentat bis-shiñ.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.6	C2.R.4	Stadju Importanti	Ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar iż-żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani	It-tlestija ta' tliet żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani.				Q2	2021	L-iffirmar tal-ftehim bejn Transport Malta u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-għażla ta' żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani. Żona ta' riġenerazzjoni hija żona mingħajr karożżi fejn il-Kunsilli Lokali għandhom jipprovwu l-mixi, iċ-ċikliżmu u t-trasport pubbliku, b'mod parallel ma' kampanji edukattivi oħra biex jiġi evitat l-ivvjaġġar bla bżonn, li għandu jirriżulta fi spazju pubbliku miftuħ liberu u bla xkiel addizzjonali. L-għażla taż-żoni ta' riġenerazzjoni għandha tkun konsistenti mal-miżuri deskritti fil-Pjan Regolatorju tat-Trasport ta' Malta.
2.7	C2.R.4	Mira	Żoni ta' riġenerazzjoni maħluqa f'żoni urbani għal spazji miftuħa u mingħajr karożżi		Numru	0	3	Q2	2025	It-tlestija ta' tliet żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani.
2.8	C2.R.5	Stadju Importanti	Pubblikazzjoni tad-Dokument ta' Politika tat-telexogħol għall-Impjegati tal-Gvern	Pubblikazzjoni tad-Dokument tat-telexogħol dwar il-Politika għall-Impjegati tal-Gvern				Q1	2022	Pubblikazzjoni ta' Politika tat-telexogħol għall-impjegati tal-Gvern. Il-politika għandha tiddekrivi l-kriterji tal-eliġibbiltà, il-kundizzjonijiet, ir-rekwiżiti għall-approvazzjoni u l-linji gwida għall-applikazzjoni li jirregolaw din l-inizjattiva li tippromwovi l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u tikkontribwixxi għas-sostenibbiltà.
2.9	C2.R.5	Mira	15-il faċilità tal-uffiċċju li jippermettu t-telexogħol għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku fil-Gżejjer Maltin operazzjonali		Numru	0	15	Q4	2021	Għadd ta' uffiċċji f'lokalitajiet differenti li jkunu operazzjonali b'faċilitajiet li jippermettu t-telexogħol mill-forza tax-xogħol tas-servizz pubbliku fil-Ministeri kollha. Tali spazji għall-uffiċċji għandhom jakkomodaw mill-inqas 140 stazzjon tax-xogħol b'kolloxx fuq 15-il faċilità tal-uffiċċju.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.10	C2.R.6	Stadju Importanti	It-tlestija tal-istudju dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-mobilità fis-servizz pubbliku Malti	Studju b'rakkomandazzjonijiet lesti				Q1	2023	It-tlestija tal-istudju dwar il-bidla fil-ġestjoni tal-mobilità fis-Servizz Pubbliku Malti. L-istudju għandu jeżamina s-sitwazzjoni attwali u jistabbilixxi linja bażi tal-mobilità kondiviża eżistenti (vjaġġi kkoordinati bejn mill-inqas żewġ dipartimenti tal-Gvern) fis-servizz pubbliku; jagħmel rakkomandazzjonijiet biex jerġa' jinbena l-proċess li jwassal għal effiċjenza akbar; u jidentifika n-numru u t-tip ta' flotta aktar nadifa ta' vetturi tal-gvern li jintużaw b'mod ġenerali. L-istudju għandu jitwettaq minn kuntrattur indipendenti wara proċedura ta' akkwist pubbliku. L-istudju għandu jinqasam mal-Kummissjoni Ewropea.
2.11	C2.R.6	Mira	Żieda fil-mobilità kondiviża fis-servizz pubbliku		% (Persentaġġ)	0	10	Q2	2025	Din il-mira tkejjel it-titjib fil-mobilità kondiviża (vjaġġi kkoordinati bejn mill-inqas żewġ Dipartimenti tal-Gvern) fis-servizz pubbliku mil-linja bażi ddeterminata fl-istudju indipendenti dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-mobilità fis-servizz pubbliku ta' Malta.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.12	C2.I.1	Stadju Importanti	Permess tal-Awtorità tal-Ippjanar	Permess tal-ippjanar maħruġ				Q2	2022	Il-ħruġ tal-Permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar (inkluża l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha ta' mitigazzjoni li jirriżultaw minn Valutazzjonijiet Xierqa (li jirriżultaw mid-Direttiva 2011/92/UE, id-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE) u l-Kundizzjonijiet tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi biex jiġu indirizzati r-rekwiżiti tad-DNSH skont il-Gwida Teknika DNSH (2021/C58/01) għall-Post il-Ġdid għall-Iżbark tal-Laneċ kif ukoll il-faċilitajiet u l-faċilitajiet li jippromwovu l-bidla modali. Sabiex ikun hemm konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01), sitt pilastri alimentatriċi għandhom jipprevedu l-iċċarġjar elettriku tal-bastimenti tal-baħar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-moll, ħames toqob kbar għandhom jipprovdu għall-iċċarġjar elettriku tal-bastimenti tal-baħar irmiġġati fuq in-naħa ta' barra tal-moll, u tliet pilastri għandhom jipprevedu l-iċċarġjar elettriku għall-karożżi fuq in-naħa tat-triq barra ż-żona li twassal għall-moll.
2.13	C2.I.1	Stadju Importanti	Servizzi kuntrattati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal Post Ġdid għall-Iżbark tal-Laneċ u għall-amenitajiet/faċilitajiet	Kuntratt iffirmat				Q3	2022	Kuntratt iffirmat għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għall-post il-ġdid għall-iżbark tal-laneċ f' Buġibba, San Pawl il-Baħar, wara sejħa għall-offerti kompetittiva. Sabiex ikun hemm konformità mal-Gwida Teknika DNSH (2021/C58/01), sitt pilastri alimentatriċi għandhom jipprevedu l-iċċarġjar elettriku tal-bastimenti tal-baħar fuq in-naħa ta' ġewwa tal-moll, ħames toqob kbar għandhom jipprovdu għall-iċċarġjar elettriku tal-bastimenti tal-baħar irmiġġati fuq in-naħa ta' barra tal-moll, u tliet pilastri għandhom jipprevedu l-iċċarġjar elettriku għall-karożżi fuq in-naħa tat-triq barra ż-żona li twassal għall-moll.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.14	C2.I.1	Stadju Importanti	Post il-ġdid għall-iżbark u għall-amenitajiet/faċilitajiet ta' mobilità kkompletati b'servizzi ta' laneċ operazzjonali	It-tlestija ta' post ġdid għall-iżbark tal-laneċ u għall-amenitajiet/faċilitajiet ta' mobilità				Q4	2025	It-tlestija tax-xogħlijiet għall-Post il-Ġdid għall-Iżbark tal-Laneċ u għall-amenitajiet/faċilitajiet ta' mobilità li jiffaċilitaw il-bidla modali kif attestat miċ-ċertifikat tal-perit tat-tlestija tax-xogħlijiet. Ix-xogħlijiet għandhom jinkludu xogħlijiet strutturali relatati mal-kostruzzjoni ta' breakwater ġdid u d-demolizzjoni tal-istruttura eżistenti, skal relatat max-xogħlijiet strutturali, aċċessorji tal-mollijiet, bħal rampi, passerelli u ilqugħ, servizzi u utilitajiet inkluż il-forniment ta' stazzjonijiet tal-iċċarġjar, u l-faċilità tat-terminal għall-iżbark tal-laneċ. Is-servizzi tal-laneċ għandhom ikunu kompletament operazzjonali.
2.15	C2.I.2	Stadju Importanti	Sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet għal vetturi elettriċi u roti fis-settur privat, inkluża l-iskema tal-iskrappjar	Tnediet sejħa miftuħa għal applikazzjonijiet għal vetturi elettriċi u roti fis-settur privat, inkluża l-iskema tal-iskrappjar				Q1	2022	It-tnedija ta' sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet għal appoġġ għax-xiri ta' vetturi elettriċi u roti ġodda fis-settur privat, inklużi skemi ta' skrappjar għal unitajiet domestiċi u impriżi kummerċjali Is-sejħa għandhom jinkludu appoġġ għax-xiri ta' vetturi ġodda tal-passiġġieri, tal-kura tal-passiġġieri u tal-merkanzija, minibuses/coaches, kwadriċikli/muturi u pedelegs.
2.16	C2.I.2	Mira	Numru ta' għotjiet mogħtija għal vetturi elettriċi taħt l-iskema għas-settur privat		Numru	0	1 000	Q2	2023	Din il-mira tkejjel l-għadd ta' għotjiet mogħtija taħt l-iskema tal-Vetturi Elettriċi fis-settur privat.
2.17	C2.I.2	Mira	Numru ta' għotjiet mogħtija għal vetturi elettriċi taħt l-iskema għas-settur privat		Numru	1 000	5 600	Q4	2024	Din il-mira tkejjel l-għadd ta' għotjiet mogħtija taħt l-iskema tal-Vetturi Elettriċi fis-settur privat. Dan jinvolti t-tlestija tal-iskema tal-vetturi elettriċi.
2.18	C2.I.3	Stadju Importanti	Servizzi kuntrattati għall-provvista ta' vetturi elettriċi għall-flotta tas-servizz pubbliku	Kuntratti iffirmati				Q3	2023	Kuntratti ffirmati għall-provvista ta' vetturi elettriċi għas-servizz pubbliku li għandhom jissostitwixxu l-vetturi b'magna b'kombustjoni interna li qed jintużaw bħalissa.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
2.19	C2.I.3	Mira	Perċentwal ta' vetturi elettriċi fil-flotta ta' użu ġenerali tal-Gvern		% (Persentaġġ)	0	38	Q3	2025	38 % tal-flotta tas-servizz pubbliku użata mid-Dipartimenti tal-Gvern għandha tkun kompletament elettrika (mingħajr emissjonijiet).
2.20	C2.I.4	Stadju Importanti	Memorandum ta' Qbil għas-sostituzzjoni parzjali tal-flotta Maltija tat-trasport pubbliku	Ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil				Q2	2022	Ġie ffirmat Memorandum ta' Qbil bejn il-Ministeru responsabbli għat-Trasport u t-Trasport Pubbliku ta' Malta, li jaqbel dwar ix-xiri ta' 102 xarabanks kompletament elettriċi għas-sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku.
2.21	C2.I.4	Mira	Xarabanks elettriċi operattivi b'emissjonijiet żero introdotti għas-sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku		Numru	0	102	Q2	2025	Il-mira tkejjel l-għadd ta' xarabanks kompletament elettriċi f'servizz attiv mit-Trasport Pubbliku ta' Malta.

C. KOMPONENT 3: DIĠITALIZZAZZJONI

Dan il-komponent tal-RRP ta' Malta jindirizza l-isfidi relatati maż-żieda ulterjuri tad-diġitalizzazzjoni fis-setturi pubbliċi u privati, b'mod partikolari f'termini ta' titjib tar-reżiljenza, il-kapaċità u s-sigurtà tan-network diġitali tal-gvern, l-aċċess għat-teknoloġija diġitali, il-firxa u l-kwalità tas-servizzi tal-gvern elettroniku, l-użu ta' dawk is-servizzi miċ-ċittadini u n-negozji, u d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat. Il-komponent jikkontribwixxi wkoll biex tiġi indirizzata l-isfida tat-titjib tal-prestazzjoni ta' Malta fir-riċerka u l-innovazzjoni (R&I), fejn Malta hija kklassifikata bħala “innovatur moderat”, skont it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021.¹

L-oġġettiv tal-komponent huwa li jħaffef it-tranżizzjoni diġitali, b'mod partikolari billi jsaħħaħ il-qafas ta' politika nazzjonali, jinvesti f'aktar diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u s-servizzi pubbliċi (biex jiżdiedu l-firxa, il-kwalità u l-użu tagħhom), kif ukoll jappoġġa d-diġitalizzazzjoni tal-SMEs. Il-komponent għandu wkoll l-għan li jtejjeb il-prestazzjoni ta' R&I ta' Malta.

L-ewwel riforma f'dan il-komponent tikkonċerna l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-inizjattivi rigward it-tliet aspetti ewlenin li ġejjin tal-Istrateġija Diġitali ta' Malta 2021-2027: li jitnaqqas id-distakk diġitali, li jiġu promossi l-ħiliet diġitali, u li jittejjbu s-servizzi pubbliċi diġitali. L-implimentazzjoni tal-istrateġiji għall-iżvilupp tal-ħiliet diġitali għandha tiġi appoġġata permezz tal-użu ta' programmi oħra ta' finanzjament tal-UE, bħall-Fond Soċjali Ewropew Plus. It-tieni riforma hija relatata mal-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' Malta, b'enfasi partikolari fuq it-trawwim tar-R&I tan-negozju u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni pubblika-privata. L-investimenti huma mmirati lejn it-tisħiħ tas-sinsla diġitali u s-soluzzjonijiet diġitali tal-gvern, id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili, id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tal-amministrazzjoni pubblika u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' appoġġ għad-diġitalizzazzjoni tas-settur privat (jiġifieri l-SMEs).

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mat-tranżizzjoni diġitali (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020) u mar-riċerka u l-innovazzjoni (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2020).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01).

C.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C3-R1: Approfondiment tat-trasformazzjoni diġitali permezz ta' riforma tal-politika, b'enfasi fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali u l-promozzjoni tal-ħiliet diġitali

L-oġġettiv tar-riforma huwa li jiġu żviluppati u implimentati strateġiji u inizjattivi li jiffokaw fuq it-tnaqqis tad-distakk diġitali, il-promozzjoni tal-ħiliet diġitali u t-titjib tas-servizzi pubbliċi diġitali.

Ir-riforma għandha tinkludi l-implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fl-Istrateġija Diġitali ta' Malta 2021-27. B'mod partikolari, ir-riforma għandha tinvolvi t-tnedija ta' programm immirat biex jappoġġa familji bi dħul baxx biex ikunu konnessi u jkollhom aċċess għall-kompjuters kif ukoll

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, “Tabella ta' Valutazzjoni tal-Innovazzjoni Ewropea 2021”, 21 ta' Ġunju 2021.

għarfien relatat, biex b'hekk jitjeb il-litteriżmu diġitali, jitnaqqas id-distakk diġitali u titjeb il-koeżjoni soċjoekonomika. Barra minn hekk, ir-riforma għandha ssaħħa u tippromwovi l-kapaċità tar-riżorsi umani permezz tat-tnedija ta' skema ta' boroż ta' studju biex tħeġġeġ lill-istudenti jsiru professjonisti fil-qasam diġitali, inkluż f'teknoloġiji innovattivi bħall-intelliġenza artifiċjali. Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha tiffaċilita t-twassil bla xkiel tas-servizzi pubbliċi fuq il-mobile u l-web, trawwem l-użu ta' teknoloġiji emerġenti, tipprovdi aċċess miftuħ għall-bażijiet tad-*data* tal-gvern pubbliku u trawwem ekosistema li twassal għad-diġitalizzazzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma C3-R2: Tiffinalizza u timplimenta l-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' Malta, b'enfasi partikolari fuq it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni tan-negozju u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni pubblika-privata

L-għan tar-riforma huwa li tistabbilixxi u timplimenta qafas ta' politika ġdid għall-ispeċjalizzazzjoni intelliġenti, b'enfasi fuq it-trawwim tar-riċerka u l-innovazzjoni tan-negozju u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni pubblika-privata.

Ir-riforma għandha tinkludi l-adozzjoni tal-istrateġija ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti ta' Malta 2021-2027, li l-inizjattivi ewlenin tagħha għandhom jinkludu l-promozzjoni ta' kollaborazzjoni bejn l-aġenziji b'appoġġ għall-intrapriżi u l-koordinazzjoni bejn l-aġenziji sabiex titqajjem kuxjenza dwar l-iskemi ta' finanzjament tar-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll is-simplifikazzjoni tal-proċeduri relatati mal-applikazzjoni għall-finanzjament u l-għoti ta' gwida lill-benefiċjarji potenzjali b'mod aktar immirat u effettiv. Ir-riforma għandha tinkoraġġixxi wkoll il-kooperazzjoni pubblika-privata biex tittrasforma r-riżultati tar-riċerka f'soluzzjonijiet lesti għas-suq. Din ir-riforma għandha tikkomplementa l-isforzi fir-riċerka u l-innovazzjoni mwettqa permezz tal-fondi tal-politika ta' koeżjoni tal-Unjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Investiment C3-I1: It-tisħiħ tar-reżiljenza, is-sigurtà u l-effiċjenza tal-qafas diġitali tal-gvern u l-investiment f'soluzzjonijiet, apparati u għodod diġitali xierqa

L-oġettiv tal-investiment huwa li jtejjeb ir-reżiljenza u s-sigurtà tal-qafas diġitali tal-gvern u jżid l-omoġeneità, l-istandardizzazzjoni u l-kondiviżjoni tas-servizzi madwar il-gvern. Sigurtà mtejbja u ambjent flessibbli huma kruċjali għad-diġitalizzazzjoni u l-kontinwità tan-negozju kontinwi tal-gvern. Il-qafas diġitali huwa maħsub biex iservi wkoll bħala l-pedament interoperabbli orizzontali biex jippermetti l-implimentazzjoni ta', pereżempju, il-prinċipju ta' darba biss u l-kondiviżjoni tad-*data*. Minbarra l-effett pożittiv fuq is-servizzi pubbliċi diġitali, l-investiment għandu jtejjeb l-interfaċċa man-negozji, pereżempju, billi jiffaċilita l-liċenzji.

L-investiment għandu jikkonsisti fit-tfassil, l-akkwist u l-implimentazzjoni fi ħdan il-qafas diġitali ta' diversi soluzzjonijiet u komponenti diġitali biex ikomplu jittejbu s-sigurtà, ir-reżiljenza u l-kapaċità ġenerali tal-qafas (pereżempju, billi jittejbu l-kapaċità u r-reżiljenza taċ-ċentri tad-*data*, jiġu implimentati għodod għall-monitoraġġ tas-sigurtà tal-cloud, il-klassifikazzjoni tad-*data*, il-ġestjoni privileġġata tal-kontijiet, l-adozzjoni ta' teknoloġiji emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, l-implimentazzjoni ta' Ċentru tal-Operazzjonijiet tas-Sigurtà tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u l-investiment f'għodod u infrastruttura oħra għaċ-ċibersigurtà). L-investiment fl-għodod għandu jiġi kkomplementat minn taħriġ diġitali pprovdut lill-uffiċjali pubbliċi u minn kampanji ta' sensibilizzazzjoni, b'mod partikolari dwar iċ-ċibersigurtà. L-investiment għandu jippermetti wkoll il-prova tal-kunċetti mmirati biex jirriżultaw f'servizzi ġodda u mtejbja biex tissaħħa l-esperjenza diġitali sigura tal-utenti.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C3-I2: Id-diġitalizzazzjoni tad-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili fi ħdan Transport Malta

L-investiment għandu l-għan li jkompli jiddiġitalizza s-settur tat-trasport marittimu merkantili, li huwa ta' importanza kbira għal Malta. L-investiment fis-servizzi diġitali u infrastruttura bbażata fuq il-cloud għandhom jgħinu biex jiġu żgurati prattiki regolatorji aktar effiċjenti u jittejjbu l-operazzjonijiet interni, ir-relazzjonijiet mal-klijenti u l-amministrazzjoni fi ħdan id-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili ta' Malta.

L-investiment għandu jikkonsisti fl-iżvilupp tal-għodod u s-sistemi tal-IT li ġejjin: is-sistema ta' ġestjoni tad-dokumenti, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-fajls fiżiċi, is-sistema ta' ġestjoni tal-bastimenti, l-interfaċċa marittima diġitali (kemm interfaċċa tal-utent pubbliku kif ukoll interfaċċa tal-utent privat), is-sistema ta' ġestjoni tal-baħħara, l-għodda analitika marittima u l-modulu tal-kontijiet. Barra minn hekk, il-persunal għandu jkollu l-ħiliet imtejjba u mħarrġa mill-ġdid biex juża s-sistemi u l-għodod żviluppati tal-IT. L-investiment għandu jippermetti wkoll lill-klijenti aħħarin japplikaw għal servizzi direttament permezz tas-sistema. Barra minn hekk, l-investiment għandu jinkludi d-diġitalizzazzjoni tal-fajls tal-vapuri. Dan l-investiment għandu jibni fuq il-ħidma teknika preċedenti mwettqa taħt il-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali u l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku tal-Unjoni.

L-investiment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C3-I3: Aktar diġitalizzazzjoni u modernizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika

L-oġettiv tal-investiment huwa li l-amministrazzjoni pubblika tipprovdi esperjenza aħjar tal-konsumatur liċ-ċittadini u lill-organizzazzjonijiet tan-negozju, li żżid l-użu ta' servizzi online u fl-aħħar mill-aħħar li ssaħħaħ il-kompetittività tal-ekonomija Maltija. Dan l-investiment għandu jiżviluppa wkoll mezzi moderni u ta' telexogħol għall-uffiċjali pubbliċi, li huwa mistenni li jippermetti lill-amministrazzjoni pubblika tkun impjegatur mudell, filwaqt li jipprovdi għall-kontinwità tan-negozju, jippromwovi l-ugwaljanza bejn il-ġeneri (pereżempju, billi jżid il-flessibbiltà) u jieħu ħsieb l-ambjent.

L-investiment għandu jikkonsisti f'għadd ta' miżuri li għandhom l-għan li jtejjbu l-esperjenza tal-klijenti bis-servizzi online:

- it-tfassil mill-ġdid ta' servizzi pubbliċi u interfaċċati biex jitjieb il-proċess ta' twassil tagħhom, b'mod partikolari billi jiġu ttrasformati fi flussi tax-xogħol, jiġu massimizzati l-oportunitajiet ta' awtomatizzazzjoni u jiġu integrati ma' sistemi back-end. Il-proċess ta' tfassil mill-ġdid għandu jinvolvi wkoll lill-klijenti biex jindirizzaw il-ħtiġijiet u l-isfidi ewlenin tagħhom.
- it-tisħiħ tal-esperjenza tal-klijenti minn ta' quddiem fiċ-ċentri fiżiċi (pereżempju, billi l-uffiċjali tal-kura tal-klijenti jiġu pprovduti bl-għodod diġitali meħtieġa u bl-implimentazzjoni tas-sistema tal-kjuwiziet ġestita ċentralment) u online (pereżempju, bl-użu ta' soluzzjonijiet ta' intelliġenza artifiċjali biex jiġu ffaċilitati l-proċessi permezz ta' għodod ta' analiżi tas-sentiment test-to-speech/speech-to-text u magni għall-ipproċessar tal-lingwa naturali).
- il-ħolqien ta' pjattaforma, li tgħaqqad il-partijiet interessati kollha kkonċernati fil-proċess tat-trasferiment tal-proprjetà (bħal banek, nutara, reġistru tal-artijiet, reġistru pubbliku, u utilitajiet) u hija bbażata fuq teknoloġija tar-reġistru distribwit, biex jiġi ffaċilitat il-proċess tat-trasferiment tas-sjieda tal-proprjetà.

- l-istabbiliment ta' reġistri ta' bażi u amministrattivi għal skopijiet ta' kondivizzjoni u użu mill-ġdid tad-*data* f'konformità mad-Direttiva (UE) 2019/1024 dwar id-*Data* Miftuħa, biex jikkontribwixxu għas-simplifikazzjoni tal-proċessi amministrattivi u l-kisba tal-prinċipju ta' darba biss; kif ukoll
- l-introduzzjoni tal-Punt Uniku ta' Servizz Nazzjonali għad-dwana biex tikkontribwixxi għad-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni sħiħa tal-proċess tal-approvazzjoni tal-merkanzija.

L-investment għandu jservi wkoll biex ikompli jiżviluppa soluzzjonijiet ta' telexogħol għall-uffiċjali pubbliċi, inkluż billi jsaħħaħ il-Post tax-Xogħol Diġitali Modern, pjattaforma tat-telexogħol implimentata f'Malta mill-2019. Din il-parti tal-investment għandha tkun magħmula mill-forniment tal-hardware u s-software meħtieġa biex ikun jista' jsir it-telexogħol mill-uffiċjali pubbliċi.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C3-I4: L-introduzzjoni ta' miżuri biex tiġi intensifikata d-diġitalizzazzjoni tas-settur privat

L-investment għandu l-għan li jappoġġa lill-kumpaniji fl-isforzi tagħhom ta' diġitalizzazzjoni billi jindirizza l-lakuni fl-opportunitajiet ta' finanzjament. L-investment għandu jappoġġa lill-intrapriżi biex jiksibu kapaċitajiet diġitali ġodda u jiddiġitalizzaw il-proċessi operazzjonali bħad-disinn tal-prodott u tal-proċess, l-akkwist minn tarf sa tarf, il-katina/id-distribuzzjoni tal-provvista u wara l-bejgħ.

L-investment għandu jikkonsisti fi skemi ta' għotjiet mill-Istat għan-negozji biex jinvestu fid-diġitalizzazzjoni (inklużi hardware, software u soluzzjonijiet diġitali) biex itejbu l-operazzjonijiet tagħhom u jesploraw opportunitajiet ġodda ta' negozju. L-iskemi ta' għotjiet għandhom jappoġġaw primarjament lill-SMEs (inklużi l-mikrointrapriżi u dawk li jaħdmu għal rashom), u b'hekk jiżguraw komplementarjetajiet mal-appoġġ ipprovdut taħt programmi oħra ta' finanzjament tal-UE.

L-appoġġ għandu jingħata lil kumpaniji li joperaw f'setturi ekonomiċi differenti, inkluż il-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, it-turiżmu (inkluża l-kultura) u l-manifattura. Fis-settur tat-turiżmu, l-investment għandu jindirizza mhux biss il-loġistika operattiva iżda jesplora wkoll il-possibbiltà li jintużaw għodod analitiċi u intelliġenza artifiċjali biex jitfasslu u jiġu adattati pakketti ta' ospitalità u joffru li jiġu massimizzati l-esperjenzi tal-klijenti. L-investment fid-diġitalizzazzjoni u teknoloġiji oħra għandu jikkontribwixxi wkoll għal effiċjenzi aħjar fir-riżorsi fl-industrija tat-turiżmu, inkluż l-użu tal-ilma u l-elettriku. Fis-settur tal-manifattura, l-investment għandu jgħin lill-intrapriżi jtejjbu l-effiċjenza, il-produttività u l-esperjenza tal-klijenti tagħhom, b'mod partikolari billi jisfruttaw teknoloġiji emerġenti bħall-ġemellaġġ diġitali, il-manutenzjoni tat-tbassir, it-trekkjar u t-traċċar, u d-disinn modulari, fost l-oħrajn. Fl-aħħar nett, il-kamp ta' applikazzjoni tal-investimenti appoġġati f'setturi differenti għandu jkopri wkoll il-ġestjoni taċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodott, l-analiżi taċ-ċiklu tal-ħajja, l-Internet tal-Oġġetti, iċ-ċibersigurtà u l-protezzjoni tad-*data*, is-sistemi ċiberfiżiċi, ir-realtà awmentata, l-intelliġenza artifiċjali, il-manifattura ċirkolari, is-soluzzjonijiet awtonomi, il-ġestjoni tal-big data u tad-*data*, u s-sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet.

Sabiex jiġi żgurat li l-miżura tikkonforma mal-Gwida Teknika "Bla ħsara sinifikanti" (2021/C58/01), il-kriterji ta' eliġibbiltà li jinsabu f'termini ta' referenza għal sejħiet għal proġetti li ġejjin għandhom jeskludu l-lista ta' attivitajiet li ġejja: (i) attivitajiet relatati mal-fjuwils fossili,

inkluż l-użu downstream²; (ii) attivitajiet taħt l-Iskema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) li jiksbu emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix inqas mill-parametri referenzjarji rilevanti³; (iii) attivitajiet relatati ma' miżbljet tal-iskart, incineraturi⁴ u impjanti tat-trattament mekkaniku u bijoloġiku⁵; u (iv) attivitajiet fejn ir-rimi fit-tul tal-iskart jista' jikkawża ħsara lill-ambjent. It-termini ta' referenza għandhom jeħtieġu wkoll li jintgħażlu biss attivitajiet li jikkonformaw mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

L-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

² Ħlief għal proġetti taħt din il-miżura fil-ġenerazzjoni tal-enerġija u/jew tas-sħana, kif ukoll fl-infrastruttura ta' trażmissjoni u distribuzzjoni relatata, li jużaw il-gass naturali, li huma konformi mal-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness III tal-Gwida Teknika "la tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01).

³ Meta l-attività appoġġata tikseb emissjonijiet ta' gassijiet serra proġettati li mhumix ferm aktar baxxi mill-parametri referenzjarji rilevanti, għandha tingħata spjegazzjoni tar-raġunijiet għaliex dan mhuwiex possibbli. Il-parametri referenzjarji stabbiliti għall-allokazzjoni bla ħlas għall-attivitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-Sistema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet, kif stabbilit fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/447.

⁴ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ddedikati esklussivament għat-trattament ta' skart perikoluż mhux riċiklabbli, u għal impjanti eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika, jinqabdu l-gassijiet tal-egżost għall-ħżin jew l-użu jew l-irkupru ta' materjali mill-irmied tal-inċinerazzjoni, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

⁵ Din l-esklużjoni ma tapplikax għal azzjonijiet taħt din il-miżura f'impjanti ta' trattament mekkaniku u bijoloġiku eżistenti, fejn l-azzjonijiet taħt din il-miżura huma għall-fini li tiżdied l-effiċjenza enerġetika jew il-modifika retroattiva ta' operazzjonijiet ta' riċiklaġġ ta' skart separat għall-kompost tal-bijoskart u d-diġestjoni anaerobika tal-bijoskart, dment li tali azzjonijiet taħt din il-miżura ma jirriżultawx f'żieda fil-kapaċità tal-ipproċessar tal-iskart tal-impjanti jew f'estensjoni tal-ħajja tal-impjanti; li għalihom tiġi pprovduta evidenza fil-livell tal-impjant.

C.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
3.1	C3.R.1	Stadju importanti	Tnedija ta' skema ta' boroż ta' studju għall-istudenti biex isiru professjonisti tal-ICT	Pubblikazzjoni online tal-iskema				Q1	2022	F'konformità mal-Istrateġija Diġitali ta' Malta 2021-27, iftaħ skema ta' boroż ta' studju biex thegħġg lill-istudenti jsegwu karriera f'oqsma speċjalizzati tal-ICT bħall-intelliġenza artifiċjali.
3.2	C3.R.1	Mira	Individwi appoġġati biex itaffu d-distakk diġitali		Numru	0	1 000	Q4	2023	Fl-2021 għandha titnieda skema pilota ta' sentejn biex tanalizza l-impatt li l-konnessjoni tal-internet fid-dar u l-aċċess għal kompjuter huwa mistenni li jkollu fuq familji bi dħul baxx fir-rigward tal-litteriżmu diġitali, il-konnettività, l-integrazzjoni tat-teknoloġija diġitali u l-ħiliet tal-kompjuter. L-iskema pilota għandha timmira lejn applikanti b'introjtu baxx u b'mezzi limitati. Il-benefiċjarji għandhom jingħataw aċċess għall-internet u kompjuter, kif ukoll taħriġ u gwida dwar l-użu taġġhom meta jintalbu jaġġmlu dan.
3.3	C3.R.2	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta	Pubblikazzjoni online tal-istrateġija				Q4	2021	Pubblikazzjoni ta' strateġija nazzjonali ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti. L-istrateġija għandha tiffoka fuq għadd ta' inizjattivi ewlenin li jinkludu: - investiment fl-infrastruttura tar-riċerka; - l-appoġġ għall-internazzjonalizzazzjoni, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'Orizzont Ewropa; - il-promozzjoni ta' kollaborazzjoni bejn l-aġenziji b'appoġġ għall-intrapriżi; kif ukoll - inċentivi għal partijiet interessati tal-industrija biex jinnovaw ruħhom.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
3.4	C3.R.2	Mira	Ġestjoni tal-kontijiet bejn l-aġenziji bejn Malta Enterprise u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija		Numru	0	50	Q4	2024	Għadd ta' impriżi appoġġati permezz tal-ġestjoni tal-kontijiet bejn l-aġenziji bejn Malta Enterprise u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija (MCST). L-intrapriżi għandhom jiġu pprovduti b'informazzjoni, gwida u appoġġ fir-rigward tal-attivitajiet tar-R&Ż kif ukoll l-esplorazzjoni tal-internazzjonalizzazzjoni permezz tal-parteċipazzjoni fi programmi Ewropej, fost l-oħrajn.
3.5	C3.I.1	Mira	Żieda fiż-żmien operazzjonali tal-Qafas Diġitali		% (Perċentwal)	99.7	99.8	Q4	2023	Il-perċentwal ta' uptime (il-ħin totali li fih ikun żdied dak is-servizz, diviż bl-għadd totali ta' sigħat matul dak il-perjodu, eskluż il-waqfien skedat) tal-qafas diġitali (in-Network tal-Gvern imsejjaħ MAGNET u ċ-Ċentri tad-Data Korporattiva MITA) imkejje mill-Aġenzija Maltija tat-Teknoloġija tal-Informatika (MITA).
3.6	C3.I.1	Stadju importanti	Livell imtejjeb fil-qafas ta-ċibersigurtà tan-NIST	Il-livell tan-NIST ivvalutat bħala livell 4 f'rapport intern kif ivvalidat minn korp estern				Q4	2025	Valutazzjoni interna li tiċċertifika li l-infrastruttura tal-MITA tilħaq livell ġenerali 4 fin-NIST. Ir-rapport għandu jkun rigoruż u dettaljat, li juri b'mod ċar kif jintlaħaq il-livell fuq kull miżura preskritta mill-qafas. Ir-rapport għandu jiġi vvalidat minn korp estern.
3.7	C3.I.2	Mira	Diġitalizzazzjoni tal-fajls tal-Bastimenti		Numru	0	15 000	Q4	2024	Jikkonvertu l-fajls fiżiċi f'fajls diġitali u jagħmluhom disponibbli elettronikament fuq is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Ġestjoni. Mill-inqas 15 000 fajl skennjati u magħmula aċċessibbli għat-tiftix u l-użu diġitali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
3.8	C3.I.2	Stadju importanti	It-tnedija u d-disponibbiltà għall-utenti tal-għodod u s-sistemi żviluppati tal-IT	L-għodod u s-sistemi żviluppati tal-IT jitnedew u jsiru disponibbli għall-użu tal-IT				Q4	2025	Lkun tlesta l-iżvilupp tal-għodod u s-sistemi tal-IT li ġejjin; dawn jiġu varati u jsiru kompletament disponibbli għall-użu mill-utenti fi ħdan u, fejn xieraq, barra mid-Direttorat tal-Bastimenti Merkantili: • Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-fajls fiżiċi • Sistema ta' Ġestjoni tal-Bastimenti • Interfaċċa Marittima Diġitali (tinkludi interfaċċa tal-utent pubbliku u interfaċċa tal-utent privat) • Sistema ta' Ġestjoni tal-Baħħara • Analiżi Marittima • Modulu tal-Kontijiet. Dan għandu jiġi attestat permezz ta' rapport fis-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infommazzjoni.
3.9	C3.I.2	Mira	Għoti ta' Taħriġ Tekniku lill-persunal		Numru	0	135	Q4	2025	L-għadd ta' persunal (aġenti tal-bidla u persunal operazzjonali) imħarreġ fl-użu tal-għodod u s-sistemi żviluppati tal-IT, jiġifieri: • Sistema ta' Ġestjoni tad-Dokumenti, inkluża d-diġitalizzazzjoni tal-fajls fiżiċi • Sistema ta' Ġestjoni tal-Bastimenti • Interfaċċa Marittima Diġitali (tinkludi interfaċċa tal-utent pubbliku u interfaċċa tal-utent privat) • Sistema ta' Ġestjoni tal-Baħħara • Analiżi Marittima • Modulu tal-Kontijiet.
3.10	C3.I.3	Mira	In-nefqa mġarrba b'rabta mal-post tax-xogħol diġitali modern u s-soluzzjonijiet biex titjeb l-esperjenza tal-klijenti avvanzati		EUR	0	2 500 000	Q4	2022	Mill-inqas tħallas valur ta' EUR 2 500 000 għal obbligi kuntrattwali relatati ma' miżuri b'rabta mal-post tax-xogħol diġitali modern u soluzzjonijiet biex titjeb l-esperjenza tal-klijenti minn ta' quddiem.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
3.11	C3.I.3	Mira	Akkwist ta' liċenzji addizzjonali tal-Microsoft 365 (jew ekwivalenti)		Numru	20 000	23 500	Q4	2025	L-MITA ilha mill-2019 timplimenta l-Proġett Modern Desktop li, sa tmien l-2019, ippermetta lil 12 000 uffiċjal pubbliku jużaw għodod tal-Microsoft 365 inklużi Teams u OneDrive. Iċ-ċifra żdiedet għal 20 000 sa tmien l-2020. L-MITA għandha takkwista wkoll 3 500 liċenzja addizzjonali ta' Microsoft 365 (jew ekwivalenti) sa tmien l-2025.
3.12	C3.I.3	Mira	Akkwist ta' oġġetti addizzjonali ta' hardware u software tal-IT		Numru	0	2 000	Q4	2024	Sabiex utenti addizzjonali jkunu jistgħu jwettqu t-telexogħol, għadd ta' utenti għandu jkollhom il-laptop tagħhom sostitwit [2 000] peress li l-magni kurrenti ma jappoġġawx it-teknoloġija l-ġdida. L-MITA għandha timplimenta wkoll prova ta' kunċetti biex iżjed karatteristiċi ġodda bħat-telefonija (liċenzji li għandhom jiġu akkwistati għal 2 000 utent) u desktop virtwali (liċenzji li għandhom jiġu akkwistati għal 2 000 utent). Biex jappoġġa din l-implimentazzjoni l-MITA għandu jimplimenta wkoll il-verifika tal-identità online u s-sigurtà għal funzjonijiet kritiċi fl-applikazzjonijiet tan-negozju.
3.13	C3.I.3	Mira	Żieda fl-użu tas-servizzi online		% (Perċentwal)	63	71	Q4	2025	Indikatur tad-DESI: Individi li użaw l-Internet, f'dawn l-aħħar 12-il xahar, għall-interazzjoni mal-awtoritajiet pubbliċi, espressi bħala perċentwal tal-utenti tal-Internet.
3.14	C3.I.4	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet	Pubblikazzjoni tas-sejħa				Q1	2022	It-tnedija ta' sejħiet għal applikazzjonijiet biex in-negozji jirċievu appoġġ ta' għotja għad-diġitalizzazzjoni, inklużi s-setturi tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, tat-turiżmu (inkluża l-kultura) u tal-manifattura. It-termini ta' referenza għandhom jinkludu kriterji ta' eliġibbiltà li jiżguraw li l-proġetti magħżula jikkonformaw mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżiti ta' konformità mal-leġislazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t- trimestru u s- sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
3.15	C3.I.4	Mira	Impriżi appoġġati f'investimenti fid-diġitalizzazzjoni		Numru	0	360	Q2	2026	L-għadd minimu ta' impriżi li rċevew appoġġ għad-diġitalizzazzjoni, inklużi s-setturi tal-ingrossa u tal-bejgħ bl-imnut, tat-turiżmu (inkluż il-kultura) u tal-manifattura, bil-konklużjoni ta' ftehimiet ta' għotja għal EUR 15 000 000 u b'mill-inqas 90% tal-baġit li jitħallas lill-benefiċjarji wara t-tlestija tal-proġetti ta' diġitalizzazzjoni tagħhom. L-investimenti appoġġati għandhom jinkludu investimenti f'hardware, software u soluzzjonijiet diġitali mill-SMEs; appoġġ għall-industrija tat-turiżmu biex jissaħħu l-operazzjonijiet, inklużi l-loġistika operattiva, l-effiċjenza tar-riżorsi u l-introduzzjoni ta' għodod analitiċi u l-IA; u appoġġ għall-intrapriżi tal-manifattura inkluż fl-ottimizzazzjoni tal-użu ta' teknoloġiji eżistenti u l-isfruttar ta' teknoloġiji u xejriet emerġenti, ġestjoni tad-<i>data</i> u sistemi ta' appoġġ għad-deċiżjonijiet, fost l-oħrajn. L-għoti tal-kuntratti għall-proġetti magħżula taħt is-sejthiet għall-applikazzjonijiet imsemmija fl-istadju 3.14, f'konformità mal-Gwida Teknika "La tagħmilx ħsara sinifikanti" (2021/C58/01) permezz tal-użu ta' lista ta' esklużjoni u r-rekwiżit ta' konformità mal-leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti tal-UE u nazzjonali.

D. KOMPONENT 4: IS-SAHHA

Dan il-komponent tal-Pjan ta' Rkupru u Reżiljenza Malti jindirizza l-isfidi li qed jiffaċċja s-settur tal-kura tas-saħħa ta' Malta b'mod partikolari biex jissodisfa d-domandi ta' popolazzjoni li qed tixjieħ. L-oġġettiv tal-komponent huwa li jżid ir-reżiljenza u s-sostenibbiltà tas-settur tas-saħħa filwaqt li jiżgura aċċess universali, kwalità għolja tal-kura u servizzi sostenibbli.

L-ewwel riforma għandha l-għan li ttejjeb il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol. Tindirizza l-ostakli għar-reklutaġġ u ż-żamma ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa barranin, anke billi ttejjeb il-benessri tagħhom. Tikkontribwixxi wkoll għall-prevenzjoni tal-mard relatat mas-saħħa tat-tfal. It-tieni riforma tindirizza l-ostakli regolatorji li jistgħu jfixxlu l-isfruttament sħiħ taċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċellooli.

L-ewwel investiment jikkonsisti fl-istabbiliment ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċellooli qrib ħafna tal-isptar ewlieni f'Malta. It-tieni investiment jikkonsisti fi tliet proġetti li jsaħħu r-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda.

Dan il-komponent jibni fuq azzjonijiet preċedenti mmirati biex iżidu l-varjetà ta' servizzi offruti lill-popolazzjoni f'Malta u biex jissimplifikaw l-interazzjonijiet bejn servizzi differenti biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-kura.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż dwar it-titjib tar-reżiljenza u s-sostenibbiltà fiskali tas-sistema tal-kura tas-saħħa (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2019) u (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2020), speċjalment fid-dawl tal-pandemija globali. Il-miżuri f'dan il-komponent huma kkumplementati minn inizzjattivi ffinanzjati taħt programmi oħra tal-UE biex jappoġġaw il-bini tal-kapaċità għall-professionisti tas-saħħa u aktar investiment fiċ-ċentri tal-kura primarja.

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

D.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C4-R1: L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' qafas ta' politika tas-saħħa mmirat biex jagħmel is-sistema tas-saħħa aktar sostenibbli u reżiljenti, b'enfasi partikolari fuq il-prevenzjoni tas-saħħa u forza tax-xogħol b'saħħitha

L-għan ta' din ir-riforma huwa li trawwem ir-reżiljenza fis-settur tas-saħħa billi tiżgura forza tax-xogħol b'saħħitha u sostenibbli, u li ssaħħaħ il-prevenzjoni tal-mard relatat mas-saħħa tat-tfal.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-iżvilupp ta' għodda personalizzata għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol. L-għodda għandha tinkludi karatteristiċi relatati mal-ibbaġitjar tar-riżorsi umani, il-ġestjoni tal-postijiet tax-xogħol battala u l-iffaċilitar tar-reklutaġġ.

Ir-riforma għandha timplimenta wkoll miżuri biex ittejjeb il-benessri u l-integrazzjoni tal-ħaddiema barranin fis-settur tas-saħħa. Il-miżuri għandhom jiġu identifikati fuq il-bażi ta' studju li għandu jitwettaq minn kuntrattur indipendenti. L-istudju għandu jstabbilixxi l-valur bażi tal-indikaturi tal-

benesseri MH1 u MH2 tal-metodoloġija tal-istħarriġ dwar is-saħħa tal-SF36⁶. Il-miżuri għandhom iwasslu għal tiġib ta' 10 % tal-indikaturi tal-benesseri fuq il-valur bażi stabbilit mill-istudju.

Ir-riforma għandha wkoll: (i) tivvaluta s-sitwazzjoni bil-prevalenza tal-obeżità fost it-tfal ta' bejn l-4 u l-5 snin, li huwa parti mill-programm ta' sorveljanza tal-obeżità fost it-tfal tal-iskola (ii) tintroduċi programm ta' skrinjar tas-smiġh ta' trabi tat-twelid biex jiġu identifikati trabi bi problemi ta' smiġh kmieni fil-ħajja. Dan għandu jippermetti intervent fil-pront biex b'hekk jiġi minimizzat kwalunkwe dewmien fl-iżvilupp li jista' jseħħ f'dawn it-tfal bħala riżultat tas-snin bikrin tagħhom.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C4-R2: Tirrevedi l-qafas leġiżlattiv nazzjonali relatat mat-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta.

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb il-qafas leġiżlattiv nazzjonali relatat mat-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ ta' leġiżlazzjoni speċifika li tindirizza kwalunkwe lakuna, ostaklu jew konġestjoni li jistgħu jfixxlu l-isfruttament sħiħ taċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli ġdid (ara l-investment C4-I1) u li jeħtieġu li tinbidel il-leġiżlazzjoni nazzjonali. Studju indipendenti minn qabel għandu jidentifika tali lakuni, ostakli u konġestjonijiet filwaqt li jqis il-leġiżlazzjoni u l-linji gwida Ewropej rilevanti.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Ġunju 2024.

Investiment C4-I1: It-twaqqif ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli għal Malta

L-oġġettiv ta' dan l-investment huwa li jtaffi d-dipendenza ta' Malta fuq pajjiżi oħra għall-provvista ta' terapiji tad-demm, tat-tessuti u taċ-ċelloli meħtieġa f'interventi u trattamenti mediċi, bil-ħsieb li titnaqqas il-ħtieġa għal terapiji fit-tul, jitnaqqsu l-ispejjeż tas-saħħa u jitjieb il-benesseri soċjali billi jiġu offruti servizzi lokament.

L-investment għandu jikkonsisti fl-istabbiliment ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli. Dan għandu jinkludi d-disinn u l-konstruzzjoni tal-bini u l-akkwist ta' tagħmir mediku u għamara medika. Iċ-Ċentru għandu jipprovi mill-inqas is-servizzi li ġejjin: bank tad-demm, bank tat-tessuti (għadam, kornea, membrana amnjotika), trapjant awtologu taċ-ċelloli staminali.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' konstruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-konstruzzjoni u d-demolizzjoni (minbarra materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea ta' Skart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikata taħt id-dokument numru C (2000) 1147)) ġġenerat fis-sit tal-konstruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor,

⁶ SF-36 tfisser l-Istħarriġ dwar is-Saħħa f'Formola Qasira (Short Form 36), li huwa sstharriġ dwar is-saħħa tal-pazjenti rrapportat mill-pazjenti b'36 punt. L-indikaturi MH1 u MH2 huma kkalkulati abbażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet korrispondenti fit-taqsimas tas-Saħħa Mentali tal-istħarriġ.

inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Diċembru 2025.

Investiment C4-I2: It-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa permezz tad-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda

L-għan ta' dan l-investment huwa li titħaffef it-tranżizzjoni diġitali tas-sistema tal-kura tas-saħħa ta' Malta. Id-diġitalizzazzjoni u d-dipendenza fuq teknoloġiji ġodda għandhom itejbu l-kwalità tal-kura tal-pazjenti, itejbu l-esperjenza tal-pazjenti billi jipprovdu informazzjoni f'waqtha u trasparenti, u jnaqqsu l-ħin ta' stennija.

L-investment għandu jikkonsisti minn: (i) id-diġitalizzazzjoni tal-proċessi ta' ġestjoni tal-outpatients u tal-operazzjonijiet, billi jintużaw it-tagħlim awtomatiku, l-intelliġenza artifiċjali u l-awtomatizzazzjoni biex jippermettu bis-sħiħ l-użu effettiv tar-riżorsi, il-ġestjoni tal-ħin u l-flussi tax-xogħol; (ii) it-trasformazzjoni tal-fluss tax-xogħol u r-rappurtar tal-istopatoloġija tal-analiżi tat-tessuti fi pjattaforma diġitali avvanzata faċilment aċċessibbli; (iii) it-titjib tat-twassil tar-radjuoterapija bl-akkwist ta' magna moderna ta' Aċċelleratur Lineari tar-Reżonanza Manjetika li għandha tipprowdi kwalità ta' immaġni superjuri flimkien ma' twassil imtejjeb tat-terapija, u b'hekk jitnaqqsu l-volumi u l-ħinijiet tal-kura u l-effetti sekondarji għall-pazjenti. Il-magna tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari tikkombina t-teknoloġija għal-lokalizzazzjoni preċiża tat-tumuri u l-organi f'riskju u l-aċċeleraturi lineari biex twassal ir-radjuoterapija, b'titjib notevoli fil-kura tal-pazjenti.

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinjifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (minbarra materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea ta' Skart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikata taħt id-dokument numru C (2000) 1147)) ġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2025.

D.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.1	C4.R.1	Stadju importanti	Studju dwar l-ostakli u l-faċilitaturi għal integrazzjoni u benesseri aħjar tal-forza tax-xogħol barranija	Pubblikazzjoni tal-istudju dwar l-ostakli u l-faċilitaturi għal integrazzjoni u benesseri aħjar tal-forza tax-xogħol barranija				Q2	2022	Pubblikazzjoni ta' studju dwar l-integrazzjoni u l-benessri tal-forza tax-xogħol barranija fi ħdan is-settur Pubbliku. L-istudju għandu: (i) jistudja l-ostakli u l-faċilitaturi għal integrazzjoni u benesseri aħjar tal-forza tax-xogħol barranija (inklużi l-aspettattivi, it-tħassib, ir-relazzjoni mal-pari) (ii) jikkonsulta lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha (inklużi JobsPlus u Identity Malta) (iii) jipproponi rakkomandazzjonijiet ta' politika dwar miżuri biex jittejbu l-integrazzjoni u l-benesseri tal-forza tax-xogħol barranija. L-istudju għandu juża għodod ta' valutazzjoni u metodoloġija xierqa għall-kejl tal-benesseri. L-istudju għandu jeżamina s-sitwazzjoni attwali u jistabbilixxi linja bażi tal-benessri eżistenti ta' ħaddiema barranin, abbażi tal-punteġġi MH1 jew MH2 tal-kwestjonarju tal-SF36, li huwa sħarriġ tas-saħħa tal-pazjenti rrapportat minn 36 punt. L-indikaturi MH1 u MH2 huma kkalkulati abbażi tat-tweġibiet għall-mistoqsijiet korrispondenti fit-taqsimha tas-Saħħa Mentali tal-istħarriġ. L-istudju għandu jitwettagħ minn kuntrattur indipendenti involut permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-istudju għandu jkun disponibbli għall-Kummissjoni permezz tas-Sistema ta' Ġestjoni tal-Infurmazzjoni.
4.2	C4.R.1	Stadju importanti	Għodda personalizzata għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol	Għodda personalizzata għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol fis-seħħ u operazzjonali				Q2	2023	L-għodda għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa inklużi karatteristiċi relatati mar-riżorsi umani, l-ibbaġitjar, il-ġestjoni tal-postijiet tax-xogħol battala u l-iffaċilitar tar-reklutaġġ, hija żviluppata u operazzjonali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.3	C4.R.1	Stadju importanti	Rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri u tqabbil tal-benessri wara l-intervent mal-valutazzjoni inizjali.	Pubblikazzjoni online tar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri u t-tqabbil tal-benessri wara l-intervent meta mqabbel mal-valutazzjoni inizjali				Q4	2025	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ta' politika elaborati fl-oġġettiv 4.1 u dwar it-titjib miksub tal-benessri tal-ħaddiema barranin, abbażi tal-metodoloġija stabbilita fl-oġġettiv 4.1
4.4	C4.R.1	Mira	Titjib tal-benessri rrapportat ta' ħaddiema barranin		% (perċentwal)	0	10	Q4	2025	Din il-mira tkejjel it-titjib fil-benessri rrapportat ta' ħaddiema barranin meta mqabbel mal-linja bażi stabbilita fl-oġġettiv 4.1 imkejla f'termini tal-punteġġi medji MH1 jew MH2 fit-taqsimi rispettivi tal-kwestjonarju tal-SF36.
4.5	C4.R.1	Stadju importanti	Rapport dwar il-prevalenza tal-obeżità fost dawk bejn l-4 u l-5 snin fil-popolazzjoni Maltija	Pubblikazzjoni online tar-rapport dwar il-prevalenza tal-obeżità fost dawk bejn l-4 u l-5 snin fil-popolazzjoni Maltija				Q4	2022	Pubblikazzjoni ta' rapport dwar l-obeżità fit-tfal, li għandu jikkontribwixxi għall-programm ta' sorveljanza tal-obeżità fost it-tfal. L-istudju għandu jeżamina l-prevalenza tal-obeżità fost dawk bejn l-4 u l-5 snin fil-popolazzjoni Maltija. 10 % tat-tfal fis-Snin Skolastiċi minn 1 sa 11 għandhom jiġu kkampjunati flimkien mat-tfal kollha li jattendu 50 % taċ-ċentri Kindergarten 2. Din il-valutazzjoni għandha tistabbilixxi linja bażi għal dan il-grupp ta' età żgħira biss u tqabbel ma' koorti aktar anzjani. Dan għandu jwassal għal rakkomandazzjonijiet ta' politika, li jistgħu jinkludu kampanji ta' sensibilizzazzjoni.
4.6	C4.R.1	Mira	Implimentazzjoni ta' programm ta' skrinjar ta' smiġħ neonatali		% (perċentwal)	40	95	Q1	2023	Il-programm għandu jidentifika l-problemi tas-smiġħ fis-snin bikrin (Programm ta' Skrinjar tas-Smiġħ tat-Twieled). Il-programm għandu jikkonsisti fl-identifikazzjoni ta' dawk it-trabi li jinsabu f'riskju ta' indeboliment tas-smiġħ, sabiex tinkiseb identifikazzjoni bikrija u riabilitazzjoni. Biex tintlaħaq il-mira, mill-inqas 95 % tat-trabi li twieldu matul is-sena ta' qabel għandhom jiġu skrinjati.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.7	C4.R.2	Stadju importanti	Reviżjoni tal-qafas regolatorju relatat maċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli	Pubblikazzjoni online tar-rieżami tal-qafas regolatorju relatat maċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli				Q1	2022	Ir-rieżami għandu: (i) jiskrutinizza l-qafas regolatorju relatat mad-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli; u (ii) jidentifika l-bidliet legali meħtieġa biex jitneħħew l-ostakli regolatorji u l-punti ta' konġestjoni li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament taċ-Ċentru. L-istudju għandu jinkludi reviżjoni tal-oqsma regolatorji li ġejjin: 1. Il-leġiżlazzjoni dwar id-Demm, it-Tessuti u ċ-Ċelloli; 2. Leġiżlazzjoni ambjentali rilevanti; 3. Leġiżlazzjoni organizzattiva rilevanti (opportunitajiet indaqs, protezzjoni tad- <i>data</i> , etika u drittijiet tal-pazjenti, aċċessibbiltà); u 4. Leġiżlazzjoni dwar l-għajjnuna mill-istat. The review shall take into account the EU initiative on Revision of the Union legislation on blood, tissues and cells (https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/12734-Demm-tessuti-u-celloli-g%C4%A7al-trattamenti-u-terapiji-medici-regoli-riveduti-tal-UE_mt). Ir-reviżjoni għandha titwettaq minn kuntrattur indipendenti magħżul permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku.
4.8	C4.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju rivedut relatat maċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju rivedut relatat maċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli				Q2	2024	Dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju rivedut relatat maċ-Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli. Il-qafas rivedut ineħħi kwalunkwe ostaklu regolatorju u ostakli li jistgħu jaffettwaw il-funzjonament taċ-Ċentru.
4.9	C4.I.1	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli	Kuntratt iffirmit għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli				Q1	2023	Wara l-akkwist pubbliku, ġie ffirmat kuntratt għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.10	C4.I.1	Stadju importanti	Ċentru ta' Demm, Tessuti u Ċelloli miftuħ għall-utenti	Ċentru ta' Demm, Tessuti u Ċelloli miftuħ għall-utenti				Q4	2025	Il-faċilità tkun tlestiet, tiġi ċċertifikata biex tipproċessa d-demm, it-tessuti u ċ-ċelloli. Tkun miftuħa għall-utenti u mogħtija r-riżorsi operattivi biex tipprovdi s-servizzi previsti. Il-kapaċità tal-faċilità tinkludi mill-inqas: - 17,000 unità ta' konċentrati taċ-ċelloli ħomor tad-demm; - 2,000 unità ta' pjastrini (miġbura flimkien) u 200 pjastrini ta' aferesi; and- 100 unità ta' għadam.
4.11	C4.I.2	Stadju importanti	Kuntratt iffirmit għall-akkwist ta' soluzzjoni ta' tagħmir tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo	Kuntratt iffirmit għall-akkwist ta' soluzzjoni ta' tagħmir tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari (MR Linac) fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo				Q2	2022	Wara l-akkwist pubbliku, ġie ffirmit kuntratt għall-akkwist ta' tagħmir tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo fl-Isptar Mater Dei
4.12	C4.I.2	Stadju importanti	Tagħmir ta' Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari operattiv u miftuħ għall-utenti	Tagħmir tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza manjetika Lineari kompletament operattiv u miftuħ għall-utenti				Q2	2023	L-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari huwa operattiv u jintuża għall-kura tal-pazjenti fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.13	C4.I.2	Stadju importanti	Il-kuntratti kollha ffirmati għas-servizzi diġitali tal-patoloġija fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-Isptar Mater Dei	Il-kuntratti kollha ffirmati għas-servizzi diġitali tal-patoloġija fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-Isptar Mater Dei				Q2	2022	Wara l-akkwist pubbliku, il-kuntratti ffirmati għal servizz diġitali ta' patoloġija turnkey fid-dipartiment tal-istopatoloġija tal-Isptar Mater Dei. Il-proċess ta' akkwist għandu jinkludi: (a) software li jitratta l-fażi preanalitika u jipprovdi awtomatizzazzjoni bla xkiel ta' proċessi ta' kampjuni (inkluż traċċar tal-każijiet f'ħin reali) li jintegra mas-sistema attwali ta' ġestjoni tal-informazzjoni tal-laboratorju (LIMS); (b) faċilitajiet tal-immaġini tal-kampjun gross u software abilitanti; (c) skeners diġitali bi fluss għoli u sistema diġitali ta' ġestjoni tal-każijiet; (d) soluzzjonijiet tas-server tan-networking, biex jiġu ffaċilitati l-faċilitajiet ta' ħżin online f'ħin reali u l-arkivjar ta' slajds kif ukoll punti tan-network f'diversi stazzjonijiet fi ħdan il-kmamar tas-sezzjoni u tal-ipproċessar; u (e) hardware, inklużi l-kompjuters personali f'postijiet li mhumx il-laboratorju biex ikunu jistgħu jsiru telefonati għall-konferenzi u laqgħat ta' timijiet multidixxiplinari.
4.14	C4.I.2	Stadju importanti	Servizzi diġitali ta' patoloġija pprovduti fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-Isptar Mater Dei	Servizzi diġitali ta' patoloġija pprovduti fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-Isptar Mater Dei				Q2	2024	Servizzi diġitali ta' patoloġija pprovduti fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-Isptar Mater Dei operazzjonali u użati mill-pazjenti. Il-Faċilità għandha tinkludi l-kapaċitajiet minimi li ġejjin: Sistema elettronika ta' traċċar mir-riċeviment tal-kampjuni sal-awtorizzazzjoni eventwali tal-każ; id-diġitalizzazzjoni ta' każijiet istoloġiċi; l-integrazzjoni ta' makro-immaġnijiet u r-rikonossiment tal-vuċi fid-dissezzjoni tal-kampjun; l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi ta' verifika f'kull stadju tal-proċessi tal-laboratorju; u l-awtomatizzazzjoni tal-assenjazzjoni tal-każijiet lill-konsulenti rispettivi.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
4.15	C4.I.2	Stadju importanti	Il-kuntratti kollha ffirmati għad-diġitalizzazzjoni tal-faċilità l-ġdida għall-outpatients fl-Isptar Mater Dei	Il-kuntratti kollha ffirmati għad-diġitalizzazzjoni tal-faċilità l-ġdida għall-outpatients fl-Isptar Mater Dei				Q4	2022	Wara l-akkwist pubbliku, il-kuntratti ffirmati għad-diġitalizzazzjoni tal-Faċilità l-Ġdida għall-Outpatients fl-Isptar Mater Dei. Il-proġett għandu jingrana t-teknoloġija għal servizz ambulatorju aktar versatili u effiċjenti fil-Faċilità li jinkludi: l-iskedar tal-ħatriet u l-appoġġ loġistiku relatat; ir-razzjonalizzazzjoni tal-iskedar tal-pazjenti u tal-klinika; il-faċilitazzjoni tal-involvement tal-pazjenti u d-djalogu magħhom; il-possibbiltà ta' appuntamenti li jkunu finalizzati immedjatament permezz ta' intelliġenza artifiċjali; u l-ħolqien ta' interfaċċja ma' soluzzjonijiet oħra tal-ICT tal-Ministeru tas-Saħħa.
4.16	C4.I.2	Stadju importanti	Id-diġitalizzazzjoni ta' faċilitajiet ġodda għall-outpatients fl-Isptar Mater Dei huma operattivi u miftuħa għall-pazjenti	Id-diġitalizzazzjoni ta' faċilitajiet ġodda għall-outpatients fl-Isptar Mater Dei huma kompletament operattivi u miftuħa għall-pazjenti				Q2	2025	Id-diġitalizzazzjoni tal-faċilitajiet ġodda għall-outpatients fl-Isptar Mater Dei huma kompletament operattivi u miftuħa għall-pazjenti. Il-Faċilità għandu jkollha infrastruttura tat-teknoloġija diġitali avvanzata li bħala minimu għandha tippermetti (a) l-iskedar u skedar mill-ġdid tal-pazjenti u tal-klinika; (b) faċilità tad-dashboards għas-segwitu tal-pazjenti; (c) l-involvement elettroniku tal-pazjenti u d-djalogu; u (d) faċilità għal appuntamenti minn wara xulxin permezz tal-intelliġenza artifiċjali.

E. KOMPONENT 5: IT-TITJIB TAL-EDUKAZZJONI TA' KWALITÀ U T-TRAWWIM TAS-SOSTENIBBILTÀ SOĊJOEKONOMIKA

Dan il-komponent tal-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza Malti jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi ta' ishma għoljin ta' persuni li jħallu l-iskola kmieni u adulti b'livell baxx ta' hili, nuqqas prevalenti ta' hili, u l-ħtieġa li jttejbu l-kwalità u l-inklużività tas-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Huwa jivvaluta aktar is-sistema attwali tal-pensjonijiet u l-benefiċċji tal-qgħad bil-ħsieb li jkompli jsegwi r-riformi ta' politika biex tiżgura l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tagħhom. L-oġettiv tiegħu huwa li trawwem ir-reżiljenza tal-forza tax-xogħol u tas-soċjetà ta' Malta, anke fid-dawl tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Ir-riformi f'dan il-komponent isaħħu l-miżuri ta' intervent u ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, jespandu l-gwida u l-opportunitajiet għat-titjib tal-hili u t-taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha u b'mod partikolari għal dawk b'livell baxx ta' hili, itejbu l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali, itejbu s-sistema ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni u jkompli jiżviluppaw l-analiżi u l-monitoraġġ regolari tas-sistema tal-pensjonijiet u tal-benefiċċji tal-qgħad biex jappoġġaw l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tagħha. L-investiment jinkludi t-twaqqif ta' Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (*il-Kampus tal-ITS*) li jinkludi fakultà ġdida, faċilitajiet ta' Prattika, ċentru ta' inkubazzjoni tan-negozju li jinkoraġġixxi l-intraprenditorija, ċentru R&Ż li jstimula ideat innovattivi, u faċilità ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) biex tinkoraġġixxi persuni b'responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa, b'mod partikolari n-nisa, biex jattendu korsijiet. Dan għandu jkun akkumpanjat mill-iżvilupp ta' programmi aġġornati ta' taħriġ biex jissaħħu l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) inizjali u kontinwi validi għall-futur għall-industrija tal-ospitalità u tat-turiżmu, wieħed mis-setturi ekonomiċi u tal-impjiegi ewlenin ta' Malta.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-edukazzjoni ta' kwalità u inklużiva (ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2020 u r-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 3 tal-2019), is-suq tax-xogħol (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 2020), u s-sistema tal-pensjonijiet (rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 1 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP skont il-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

E.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C5-R1: Jissaħħu l-miżuri ta' prevenzjoni tat-tluq bikri mill-iskola, b'enfasi fuq l-akkwist tal-hili

Flimkien ma' miżuri addizzjonali barra l-RRP li għandhom l-għan li jindirizzaw il-kwistjoni multidimensjonali tat-tluq bikri mill-iskola, bħal konsulenza, attivitajiet ekstrakurrikulari u miżuri kontra l-bullying, l-oġettiv ta' din ir-riforma huwa li ssaħħaħ l-intervent tat-tluq bikri mill-iskola u l-miżuri ta' prevenzjoni li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-rata attwali ta' tluq bikri mill-iskola (MT 16,7 % vs EU 9,9 %; 2020) għall-mira nazzjonali ta' 12,7 % sal-2025.

Ir-riforma għandha tinkludi l-provvediment ta' programmi akkreditati ta' appoġġ għal-litteriżmu bbażati fl-iskejjel (*il-programm ta' Rkupru tal-Qari*) fil-forma ta' sessjonijiet ta' kuljum ta' 30 minuta għal persuna waħda għall-istudenti b'kisbiet baxxi ta' bejn is-6 u s-7 snin. Il-programm għandu jippermetti li t-tfal fil-bżonn jilhqqu livelli ta' età mistennija fil-qari bażiku fi żmien 12-il ġimgħa sa 20 ġimgħa. L-edukaturi għandhom jirċievu t-taħriġ rispettiv.

Wara l-adozzjoni tal-*Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi*, ir-riforma għandha tinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' mill-inqas tliet (3) miżuri mill-erbgħa u għoxrin (24) miżura deskritti fl-*Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi* għal studenti ta' kull età.

Barra minn hekk, ir-riforma għandha tikkonsisti fl-introduzzjoni ta' sistema ta' traċċar ta' persuni li jiġi mill-iskola qabel iż-żmien, il-*proġett tal-Maħżen tad-Data*, b'aċċess għad-data għall-istituzzjonijiet li jaħdmu fuq il-monitoraġġ u l-gwida tal-politika.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma C5-R2: It-tisħiħ tal-iżvilupp u r-rikonossiment tal-ħiliet, b'enfasi partikolari fuq l-adulti b'livell baxx ta' ħiliet

L-objettiv ta' din ir-riforma huwa li tespandi l-opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid għall-adulti kollha irrispettivament mill-istatus tal-impjeg tagħhom, inklużi dawk b'livell baxx ta' ħiliet li l-parteċipazzjoni tagħhom fit-tagħlim tul il-ħajja hija partikolarment baxxa.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-twaqqif ta' Kulleġġ elettroniku li joffri korsijiet online komprensivi kif ukoll kowċijiet online u helpdesk biex jgħin lill-istudenti. Il-kulleġġ elettroniku għandu jkun ikkomplementat minn faċilità ta' hub li tipprovdi spazju fiżiku b'tagħmir tekniku u kkwċjar fuq il-persuna għal adulti li ma jkollhomx ħiliet jew tagħmir diġitali biex jaċċessaw korsijiet online. Għandha tiġi stabbilita wkoll unità ta' mentoraġġ u gwida biex tipprovdi servizzi ta' gwida lill-adulti li jkunu qed ifittxu l-aħjar trajettorja edukattiva biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid kif ukoll konsulenza fil-benesseri ġenerali.

Ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' tliet (3) miżuri inklużi fil-*Pjan Direzzjonali dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' gwida għat-tagħlim għall-adulti, inkluż il-bini tal-kapaċità għall-professjonisti tat-tagħlim għall-adulti u l-istabbiliment ta' networks ta' gwida*.

Din il-miżura hija appoġġjata minn kooperazzjoni msaħħa bejn is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u l-impjegaturi li rriżultat mir-riforma 1 tal-Komponent 1 u r-riforma 2 tal-Komponent 3 kif ukoll minn attivitajiet tas-servizz pubbliku tal-impjiegi (*JobsPlus*) barra l-RRP.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma C5-R3: L-iżvilupp ta' mogħdijiet edukattivi ġodda lejn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tissaħħaħ l-edukazzjoni inklużiva ta' kwalità.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fit-tnedija ta' kmamar għat-tagħlim multi-sensorju (MSLR) għal studenti bi bżonnijiet severi f'kulleġġi (Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (ISCED) tal-livell 1, tal-edukazzjoni primarja) u l-istabbiliment ta' żewġ unitajiet tal-awtiżmu fl-iskejjel sekondarji (livell ISCED 2, edukazzjoni sekondarja baxxa), biex b'hekk tkun tista' ssir aktar integrazzjoni ta' studenti bi bżonnijiet speċjali fl-ambjent tal-iskola prinċipali. Il-miżura għandha tkun akkumpanjata minn taħriġ kontinwu fil-pedagoġija inklużiva għall-għalliema u l-edukaturi ta' appoġġ għat-tagħlim.

Ir-riforma għandha tinvolvi wkoll l-implimentazzjoni ta' mill-inqas għoxrin (20) miżura (li jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-miżuri kollha) tal-*Istrateġija tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni* aġġornata li twassal għall-kisba ta' miri intelliġenti identifikati fl-Istrateġija.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C5-R4: L-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tiġi stabbilita u implimentata sistema effettiva ta' monitoraġġ tal-politika tal-edukazzjoni.

Din ir-riforma għandha tinvolvi l-istabbiliment ta' pjan ta' ħidma b'indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ relatati kif ukoll lista ta' miżuri ta' politika li għandhom

jìgu evalwati kull sena, li jiffaċilitaw il-monitoraġġ tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-qafas tal-politika tal-edukazzjoni. Il-pjan ta' hídma għandu jiddeskrivi wkoll sistema komprensiva ta' evalwazzjoni marbuta mal-proċessi ta' evalwazzjoni interna tal-iskejjel u li tinvolvi lill-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, inkluż il-persunal tal-iskola. Hija tinkludi wkoll ir-reklutaġġ ta' persunal ġdid għall-Unità tal-Monitoraġġ tal-Politika li ġiet stabbilita fi hídan il-Ministeru responsabbli għall-Edukazzjoni. Is-sidien tal-politika għandhom jirrapportaw il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-miżuri speċifiċi skont il-pjan ta' hídma stabbilit fuq bażi ta' kull xahar. Din l-informazzjoni għandha tiddaħħal fil-laqgħa ta' kull tliet xhur tal-Bord ta' Ġestjoni Strateġika tal-Ministeru għal diskussjoni li tiffaċilita l-proċess tal-implimentazzjoni tal-politika. Kull sena għandu jitħejja rapport intern dwar l-*istatus* tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-politika.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C5-R5: It-tishih tar-reżiljenza tas-suq tax-xogħol

L-għan ta' din ir-riforma huwa li tivvaluta u timmonitorja perġodikament l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad f'Malta, biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-suq tax-xogħol kif ukoll biex ittejjeb l-ugwaljanza bejn il-ġeneri b'mod ġenerali.

Din ir-riforma għandha tinkludi studju li jivvaluta l-adegwatezza u l-kopertura tal-benefiċċji tal-qgħad u jirakkomanda għażliet ta' politika biex jinkisbu adegwatezza u kopertura aħjar tal-benefiċċji, kemm f'termini ta' tul ta' żmien kif ukoll ta' aċċess effettiv, filwaqt li jissaħħaħ l-inċentiv għax-xogħol. B'kont meħud tar-rakkomandazzjonijiet tal-istudju, għandu jiġi varat proċess ta' monitoraġġ sabiex perġodikament jittieħed kont tal-effettività tal-miżuri ta' politika li jkunu fis-seħħ. L-ewwel rapport għandu jitlesta sa tmiem l-2024, li għandu jistabbilixxi data għall-pubblikazzjoni tar-rapport li jmiss fi żmien ħames snin.

Wara l-adozzjoni tal-*Istrateġija dwar l-Impjiegi*, ir-riforma għandha tinvolvi wkoll l-implimentazzjoni tal-*Istrateġija dwar l-Impjiegi* li tikkonċerna mill-inqas: (i) ħaddiema akbar fl-età (minn 55 sa 64 sena), b'mod partikolari l-attivazzjoni ta' nisa akbar fl-età; (ii) adulti b'livell baxx ta' ħiliet; u (iii) id-disparità bejn il-ġeneri fl-impjiegi.

Wara l-adozzjoni tal-*Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Integrazzjoni*, ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-implimentazzjoni ta' miżuri ewlenin tal-*Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u l-Integrazzjoni*.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2025.

Riforma C5-R6: Reviżjoni tas-sostenibbiltà u l-offerta tas-sistema tal-pensjonijiet ta' Malta

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ttejjeb is-sostenibbiltà u l-adegwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.

Din ir-riforma għandha tikkonsisti fil-pubblikazzjoni ta' Pjan ta' Azzjoni li jiddeskrivi l-proposti ta' politika, inklużi bidliet leġiżlattivi fejn rilevanti, biex jittejbu s-sostenibbiltà u l-adegwatezza tas-sistema tal-pensjonijiet, bħala segwitu għar-*Rapport ta' Rieżami tal-Pensjonijiet* li jivvaluta s-sistema tal-pensjonijiet attwali u jirakkomanda azzjonijiet ta' politika, u r-rispons ta' wara l-konsultazzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2022.

Investiment C5-I1: It-twaqqif ta' Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (il-Kampus tal-ITS)

L-objettiv ta' dan l-investiment huwa li jsaħħaħ l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwi (ETV) għall-industrija tal-ospitalità u tat-turiżmu billi jżid l-attrazzjoni tagħha, ir-rilevanza għas-suq tax-xogħol u r-rabta mat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi.

L-investment għandu jikkonsisti fit-twaqqif ta' Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali billi jinbena kampus ġdid tal-Istitut tal-Istudji tat-Turiżmu (ITS) li jinkludi fakultà, faċilitajiet ta' Prattika u l-infrastruttura kollha ta' appoġġ. Il-kampus il-ġdid għandu jinkorpora wkoll ċentru ta' inkubazzjoni li jħeġġeġ l-intraprenditorija, ċentru tar-riċerka u tal-iżvilupp li jstimula ideat innovattivi, u faċilità ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) li tħeġġeġ lill-persuni b'responsabbiltajiet ta' kura mhux imħallsa, b'mod partikolari n-nisa, biex iwettqu studji dwar it-turiżmu u jinvolvu ruħhom u jintegraw mill-ġdid fl-industrija tal-ospitalità u tat-turiżmu. Il-faċilitajiet kollha għandhom jiġu adattati sabiex il-persuni b'diżabilità jkunu jistgħu jagħmlu użu sħiħ minnhom. Il-miżura għandha tkun akkumpanjata mill-iżvilupp ta' programmi aġġornati ta' taħriġ li jirriflettu l-ħtiġijiet emerġenti tal-industrija li jkopru oqsma bħalma huma t-Turiżmu Sostenibbli u Ekoturiżmu; It-Turiżmu tal-Benesseri u dak Mediku kif ukoll it-Turiżmu Diġitali u l-Intelliġenza Artifiċjali fit-Turiżmu.

Il-bini kollu li għandu jinbena taħt dan l-investment għandu jkun konformi ma' nZEB (Bini b'Emissjonijiet kważi Żero - (near Zero Emissions Building)).

Huwa mistenni li din il-miżura ma tagħmilx ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżura u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fil-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza skont il-Gwida Teknika La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti (2021/C58/01). B'mod partikolari, il-miżura tirrikjedi li l-operaturi ekonomiċi li jwettqu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni jiżguraw li mill-inqas 70 % (skont il-piż) tal-iskart mhux perikoluż tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni (minbarra materjal li jokkorri b'mod naturali msemmi fil-kategorija 17 05 04 fil-Lista Ewropea ta' Skart stabbilita bid-Deċiżjoni 2000/532/KE tat-3 ta' Mejju 2000 li tissostitwixxi d-Deċiżjoni 94/3/KE li tistabbilixxi lista ta' skart skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/442/KEE dwar l-iskart u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 94/904/KE li tistabbilixxi lista ta' skart perikoluż skont l-Artikolu 1(4) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/689/KEE dwar skart perikoluż (notifikata taħt id-dokument numru C (2000) 1147)) ġġenerat fis-sit tal-kostruzzjoni għandu jitħejja għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-irkupru ta' materjal ieħor, inklużi operazzjonijiet ta' rdim mill-ġdid bl-użu tal-iskart biex jissostitwixxi materjali oħra, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, l-Artikolu 11.2 (b) tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart u l-Protokoll tal-UE dwar il-Ġestjoni tal-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni.

L-investment għandu jiġi implimentat sal-31 ta' Ottubru 2025.

E.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.1	C5.R.1	Mira	Għadd ta' studenti (minn 6 sa 7 snin) imħarrġa fil-Programm ta' Rkupru tal-Qari (RR)		Numru	0	1 000	Q4	2024	L-udjenza fil-mira għandha tikkonsisti f' medja ta' 250 student (minn 6 sa 7 snin) imħarrġa kull sena fil-programm ta' Rkupru tal-Qari (RR) li jibda mill-2021. Matul l-2021 sal-2024, total ta' mill-inqas 1 000 student għandhom ikunu temmew b'suċċess il-Programm RR u saru qarrejja u kittieba indipendenti kif jixhed test fi tmiem il-programm.
5.2	C5.R.1	Mira	Edukaturi mħarrġa fil-Programm ta' Rkupru tal-Qari (RR)		Numru	0	85	Q4	2023	Grupp ta' 85 għalliem edukattiv komplementari bbażat fl-iskejjel li jaħdmu mat-tfal li huma l-aktar diffiċli biex jitgħallmu għandhom jipparteċipaw f'taħriġ intensiv ta' sena biex jitgħallmu jużaw il-metodoloġija ta' Rkupru tal-Qari (RR). Matul dan il-perjodu, l-għalliema għandhom jidentifikaw tfal li jlaħħqu l-inqas u jaħdmu ma' dawn l-istudenti għal nofs siegħa kuljum sa massimu ta' għoxrin (20) ġimgħa u sal-aħħar ta' dan il-programm mill-inqas 80 % tal-istess studenti għandhom isiru qarrejja u kittieba indipendenti.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.3	C5.R.1	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri inklużi fl- <i>Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi</i>	Wara l-adozzjoni tagħha, jiġu implimentati miżuri inklużi fl- <i>Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi</i>				Q4	2024	Wara l-adozzjoni tagħha, għandhom jiġu implimentati mill-inqas tliet (3) miżuri mill-erbgħa u għoxrin (24) miżura deskritti fl-<i>Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi</i> għal studenti ta' kull età, inklużi: (i) L-introduzzjoni ta' "Kontroll tal-Ħiliet" mid-Direttorat għar-Riċerka, it-Tagħlim tul il-Ħajja u l-Impjegabbiltà (DRLLE) fil-forma ta' applikazzjoni elettronika u wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat għall-awtokejl tal-livelli ta' litteriżmu, numeriżmu u ħiliet diġitali (Il-Kontroll tal-Ħiliet għandu jkun rilevanti sal-livell 3 MQF (Malta Qualifications Framework)) bħala indikatur u assistenza biex tiġi pproġettata trajettorja edukattiva ulterjuri; (ii) taħriġ edukattiv fi speċjalizzazzjoni fil-pedagoġija tal-ħiliet bażiċi (mill-inqas 120 għalliema għandhom jiġu pprovduti b'taħriġ); kif ukoll (iii) mill-inqas erba' (4) offerti ta' gwida għall-karriera u ta' taħriġ ġenerali għall-benesseri pprovduti mill-Università ta' Malta, inkluż għal studenti b'ħiliet bażiċi li juru interess fit-titjib tal-livell tal-ħiliet tagħhom u li jixtiequ jingħaqdu f' kors mad-DRLLE.
5.4	C5.R.1	Stadju importanti	Sistema ġenerali ta' traċċar tal- <i>Proġett tal-Maħżen tad-Data</i> / tluq bikri mill-iskola (ESL)	Sistema ġenerali ta' traċċar tal- <i>Proġett tal-Maħżen tad-Data</i> / tluq bikri mill-iskola (ESL) tkun tlestiet u qed titħaddem				Q3	2024	Il-<i>Maħżen tad-Data</i> għandu jkun operattiv, b'aċċess għad-<i>data</i> għall-istituzzjonijiet li jaħdmu fuq il-monitoraġġ u l-gwida tal-politika. L-għan ewlieni ta' dan il-proġett huwa li jiffoka fuq <i>data</i> tal-iskejjel tal-Istat bil-possibbiltà li tiġi inkluża wkoll <i>data</i> skolastika mhux statali, soġġett għall-kooperazzjoni tagħhom.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.5	C5.R.2	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri inklużi fil- <i>Pjan Direzzjonali dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' gwida, il-bini tal-kapaċità għall-professjonisti tat-tagħlim għall-adulti u l-istabbiliment ta' networks ta' gwida</i>	Jiġu implimentati miżuri inklużi fil- <i>Pjan Direzzjonali dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' gwida, il-bini tal-kapaċità għall-professjonisti tat-tagħlim għall-adulti u l-istabbiliment ta' networks ta' gwida</i>				Q2	2023	Wara l-adozzjoni tagħha, għandhom jiġu implimentati mill-inqas tliet (3) miżuri minn għaxra (10) inklużi fil- <i>Pjan Direzzjonali dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' gwida, inkluż il-bini tal-kapaċità għall-professjonisti tat-tagħlim għall-adulti u l-istabbiliment ta' networks ta' gwida</i> . Fost dawn il-miżuri hemm: (i) L-istabbiliment ta' ċentru nazzjonali, fejn kwalunkwe adult jista' jitlob gwida għat-trajettorja lejn it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid; (ii) taħriġ ta' mill-inqas erba' (4) edukaturi ta' gwida biex ikunu jistgħu jissodisfaw it-talbiet tal-istudenti adulti; kif ukoll (iii) l-eżistenza ta' gwida dwar il-karriera u l-benesseri ġenerali f'kull ċentru ta' tagħlim għall-adulti.
5.6	C5.R.2	Stadju importanti	Tnedija tal-Kulleġġ elettroniku	Il-Kulleġġ elettroniku huwa operattiv, inkluż unità ta' gwida, hub u desk online				Q2	2022	Il-Kulleġġ elettroniku għandu jkun legalment u prattikament operattiv b'mill-inqas għaxar korsijiet li jkopru oqsma ta' suġġetti differenti. Il-Kulleġġ elettroniku għandu jkollu mill-inqas sistema ta' ġestjoni tat-tagħlim, unità ta' mentoraġġ u gwida, ċentru online u kowċijiet online li jassistu lill-istudenti.
5.7	C5.R.2	Mira	L-istudenti attirati lejn l-użu tal-pjattaforma l-ġdida tal-Kulleġġ elettroniku		Numru	0	4 800	Q4	2024	Mill-inqas 4 800 student għandhom ikunu qed jużaw is-servizzi pprovduti permezz tal-pjattaforma l-ġdida tal-Kulleġġ elettroniku Il-grupp fil-mira huwa magħmul minn adulti minn sfondi soċjoekonomiċi differenti, li għandhom minn 15-il sena 'l fuq u li m'għandhomx kwalifiki tal-livell 3 tal-MQF (il-Qafas Malti tal-Kwalifiki) jew ogħla.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.8	C5.R.3	Mira	It-twaqqif ta' żewġ unitajiet tal-awtiżmu (spazji fiżiċi mgħammra b'taġhmira u persunal tal-edukazzjoni mħarreġ) fl-iskejjel sekondarji		Numru	0	2	Q4	2021	Żewġ unitajiet tal-awtiżmu ġodda (spazji fiżiċi) jkunu tlestew u jitħaddmu. Dawn l-unitajiet għandhom ikunu disponibbli għall-użu tal-istudenti kif meħtieġ (kamra bajda - sodda tal-ilma u bubble tube). Massimu ta' 16-il student jistgħu jibbenefikaw mill-ewwel żewġ Unitajiet tal-Awtiżmu stabbiliti. Żewġ (2) għalliema u sitt (6) Edukaturi tal-Appoġġ għat-Tagħlim għandhom jirċievu taħriġ addizzjonali fil-pedagoġija inklużiva u fit-twassil ta' kurrikulu funzjonali b'mill-inqas għalliem wieħed (1) u żewġ (2) Edukaturi tal-Appoġġ għat-Tagħlim (LSEs) f'kull klassi. It-taħriġ tal-għalliema u tal-LSEs għandu jingħata internament minn prattikanti fis-Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Iskejjel (NSSS).
5.9	C5.R.3	Mira	L-istabbiliment ta' żewġ kmamar ġodda għat-tagħlim multi-sensorju (MSLR) (spazji fiżiċi mgħammra b'taġhmira u persunal tal-edukazzjoni mħarreġ) fil-kulleġġi		Numru	0	2	Q1	2022	Għandhom jitlestew u jitħaddmu żewġ kmamar ġodda għat-tagħlim multi-sensorju (MSLR). Tali kmamar għandhom ikunu disponibbli għall-użu tal-istudenti kif meħtieġ. Kamra waħda għandha tintuża bħala żona sensorja u għandha tinkludi elementi bħal: pixxina tal-blalen, trampolin, peanut ball; u oħra għandha tkun għal attività ġenerali u għandha tinkludi elementi bħal: kċina żgħira, żona tal-kompjuter u żona għall-kalma. Għandu jkun hemm mill-inqas għalliem wieħed f'kull klassi. It-taħriġ tal-għalliema għandu jingħata internament minn prattikanti fis-Servizzi Nazzjonali ta' Appoġġ għall-Iskejjel (NSSS).

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.10	C5.R.3	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri tal- <i>Istrateġija tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni</i> aġġornata	Wara l-adozzjoni tagħha, jiġi implimentati miżuri inklużi fl- <i>Istrateġija tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni</i> aġġornata				Q4	2025	L-implimentazzjoni ta' mill-inqas għoxrin (20) miżura (li jammontaw għal mill-inqas 50 % tal-miżuri kollha) tal-<i>Istrateġija tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni</i> aġġornata li jwasslu għall-kisba ta' miri intelliġenti identifikati fl-<i>Istrateġija</i>. Fost dawn il-miżuri hemm: (i) Jiġi żgurat li l-Pjanijiet ta' Edukazzjoni Indivduali (IEPs) annwali għall-istudenti bi bżonnijiet speċjali fl-iskejjel Statali kollha jkunu mfasslin sew biex jiġi ddeterminat il-mudell ta' taġġlim f'qafas kurrikulari xieraq għall-età, li l-istruzzjoni pprovduta mill-edukaturi (għalliema/form teachers/delegati u Edukaturi ta' Appoġġ għat-Taġġlim (LSEs, Learning Support Educators)) tindirizza l-ħtiġijiet tal-istudenti individwali, u li l-modifiki u l-akkomodazzjonijiet huma rrakkomandati sabiex l-istudenti jkollhom aċċess għall-programm ta' taġġlim. Iridu jsiru rieżamijiet xierqa fl-aħħar ta' kull sena skolastika. L-IEPs jiġu kkompilati mil-LSE f'kollaborazzjoni mal-għalliema. Il-Kapijiet tad-Dipartimenti (tal-Inklużjoni) jiżguraw u jimmonitorjaw li l-IEPs jissodisfaw il-kriterji tal-kwalità; (ii) Dħul fis-seħħ tal-obbligu għall-iskejjel kollha tal-Istat li jorganizzaw attivitajiet mill-inqas darba kull terminu li jirrikonoxxu u jiċċelebraw id-diversità u joħolqu sensibilizzazzjoni bħala miżura preventiva u proattiva kontra kwalunkwe forma ta' bullying li jirriżulta minn nuqqas ta' tolleranza. Mingħajr ma jkunu limitati għalihom, dawn jistgħu jinkludu suġġetti relatati mal-orijini razzjali jew etnika, mar-reliġjon jew it-twelmin, mad-diżabbiltà, jew l-orjentazzjoni sesswali; u (iii) Dħul fis-seħħ tal-obbligu li l-istqarrijiet tal-missjoni kollha tal-iskejjel tal-Istat jinkludu evidenza ta' valuri ta' diversità u inklużjoni li jagħtu importanza kbira lill-ekwità u eżiti mtejbja għall-istudenti kollha.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.11	C5.R.4	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma ta' evalwazzjoni u monitoraġġ li għadu kif ġie introdott	L-ewwel pubblikazzjoni tar-rapport intern annwali dwar l- <i>istatus</i> tal-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ				Q4	2025	Wara l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma ta' evalwazzjoni u monitoraġġ li jiddeskrivi l-indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni u l-arranġamenti ta' monitoraġġ relatati kif ukoll lista ta' miżuri ta' politika li jridu jiġu evalwati kull sena, is-sidien tal-politika għandhom jirrapportaw dwar il-progress tagħhom fl-implimentazzjoni tal-miżuri skont il-pjan ta' ħidma fuq bażi ta' kull xahar. Din l-informazzjoni għandha tiddaħħal fil-laqgħa ta' kull tliet xhur tal-Bord ta' Ġestjoni Strateġika tal-Ministeru għad-diskussjoni u l-iffaċilitar tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-politika. Kull sena għandu jitħejja rapport intern dwar l-<i>istatus</i> tal-proċess ta' implimentazzjoni tal-politika. Dan għandu jkopri l-politiki kollha dwar l-edukazzjoni li ġew riveduti u jkopru l-perjodu 2021–2030. Għandhom jiġu ingaġġati żewġ uffiċjali biex jiffurmaw parti mill-Unità tal-Monitoraġġ tal-Politika.
5.12	C5.R.5	Stadju importanti	Valutazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad	Pubblikazzjoni online ta' studju dwar il-valutazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad				Q2	2022	Għandu jitlesta u jiġi ppubblikat studju li jivvaluta l-benefiċċji tal-qgħad f' Malta. L-istudju għandu jivvaluta s-sitwazzjoni u jagħmel rakkomandazzjonijiet konkreti u dettaljati lill-Gvern dwar kif itejjeb il-kopertura effettiva u jikseb adegwatezza aħjar tal-benefiċċji, kemm f'termini ta' tul ta' żmien kif ukoll ta' aċċess effettiv, filwaqt li jsaħħaħ l-inċentiv għax-xogħol.
5.13	C5.R.5	Stadju importanti	Proċess ta' monitoraġġ tal-isfidi u l-miżuri ta' politika relatati mal-benefiċċji tal-qgħad	Pubblikazzjoni online tal-ewwel rapport ta' monitoraġġ bl-informazzjoni statistika rilevanti				Q4	2024	Għandu jiġi varat proċess ta' monitoraġġ b'informazzjoni statistika rilevanti sabiex perjodikament jittieħed kont tal-effettività tal-miżuri ta' politika li jkun fis-seħħ fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad. L-ewwel rapport għandu jitlesta sa tmiem l-2024, u għandu jiffissa data għall-pubblikazzjoni tar-rapport li jkun imiss fi żmien ħames (5) snin.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.14	C5.R.5	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri fl- <i>Istrateġija dwar l-Impjiegi</i> li għadha kif ġiet adottata	Wara l-adozzjoni tal- <i>Istrateġija dwar l-Impjiegi</i> , jiġi implimentati miżuri li joħroġu mill- <i>Istrateġija</i> , inkluż id-dħul fis-seħħ tal-leġiżlazzjoni meta jkun rilevanti				Q3	2025	Wara l-adozzjoni tagħha, l-implimentazzjoni tal-miżuri fl- <i>Istrateġija</i> dwar l-Impjiegi li jikkonċernaw mill-inqas: (i) Ħaddiema akbar fl-età (minn 55 sa 64 sena), b'mod partikolari l-involvement ta' nisa akbar fl-età; (ii) adulti b'livell baxx ta' ħiliet; u (iii) id-differenza bejn il-ġeneri fl-impjiegi.
5.15	C5.R.5	Stadju importanti	Implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil- <i>Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar l-Integrazzjoni u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri</i> li għadu kif ġie adottat	Wara l-adozzjoni tal- <i>Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar l-Integrazzjoni u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri</i> , jiġi implimentati miżuri li joħroġu mill- <i>Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija</i>				Q4	2025	L-implimentazzjoni tal-miżuri fil- <i>Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar l-Integrazzjoni u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri</i> li tikkonċerna mill-inqas dan li ġej: (i) għandhom isiru emendi fil-leġiżlazzjoni f'każijiet/dispożizzjonijiet li jiddistingwu bla bżonn bejn l-irġiel u n-nisa; (ii) għandu jiġi implimentat programm ta' taħriġ għall-persunal edukattiv (Senior Leadership Teams (SLT)) fl-iskejjel Statali obbligatorji kollha li jindirizza kwistjonijiet ta' diskriminazzjoni bejn il-ġeneri u ta' sterjotipi; u (iii) għandu jiġi implimentat għir sistematiku ta' <i>data</i> diżaggregata skont is-sessi biex jiġi appoġġat aktar approċċ għat-tfassil tal-politika bbażat fuq l-evidenza .
5.16	C5.R.6	Stadju importanti	Segwitu tar- <i>Rapport ta' Rieżami tal-Pensjonijiet</i> bi proposti ta' politiki	Pubblikazzjoni online ta' <i>Pjan ta' Azzjoni</i> li jiddeskrivi l-proposti ta' politiki, inklużi bidliet leġiżlattivi meta jkun rilevanti, bħala segwitu għar- <i>Rapport ta' Rieżami tal-Pensjonijiet</i> u r-rispons ta' wara l-konsultazzjoni				Q4	2022	Pubblikazzjoni ta' <i>Pjan ta' Azzjoni</i> li jiddeskrivi l-proposti ta' politiki, inklużi bidliet leġiżlattivi meta jkun rilevanti, bħala segwitu għar- <i>Rapport ta' Rieżami tal-Pensjonijiet</i> u r-rispons ta' wara l-konsultazzjoni, bl-oġettiv li jittejjb s-sostenibbiltà u l-adekwatezza fit-tul tas-sistema tal-pensjonijiet.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għal stadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għal miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Mira	Kwart	Sena	
5.17	C5.I.1	Mira	Żieda fil-programmi ta' taħriġ b'riżultat tal-investiment		Numru	23	31	Q3	2025	Minbarra t-23 programm prinċipali attwali offruti mill-Istitut tal-Istudji Turistiċi, għandu jkun hemm tmien (8) programmi oħra ta' taħriġ li l-istudenti jistgħu jinkitbu għalihom għal total ta' mill-inqas wieħed u tletin (31) kwalifika sħiħa inkluż fl-Istudji dwar l-Għaġina, Studji dwar l-Inbejjed, Diploma Superjuri ta' Master Chef, it-Turiżmu Diġitali u għall-Benessri u t-Turiżmu Sostenibbli. Il-prospectus għandu jiġi rieżaminat f'konsultazzjoni mal-industrija.
5.18	C5.I.1	Mira	Nefqa mġarrba b'rabta mal-implimentazzjoni taċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (<i>il-Kampus tal-ITS</i>)		EUR	0	15 000 000	Q4	2023	Saret nefqa ta' mill-inqas EUR 15 000 000 f'konformità ma' xogħlijiet/servizzi ċċertifikati b'rabta maċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (<i>il-Kampus tal-ITS</i>).
5.19	C5.I.1	Stadju importanti	Tnedija taċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (<i>il-Kampus tal-ITS</i>) għall-industrija tal-ospitalità	Iċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (<i>il-Kampus tal-ITS</i>) huwa ffinalizzat u miftuħ biex jilqa' l-istudenti				Q3	2025	Iċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (<i>il-Kampus tal-ITS</i>) għandu jkun operattiv għalkollox. Dan jinkludi: (i) il-faċilità tkun miftuħa biex tilqa' l-istudenti; (ii) il-faċilità ta' edukazzjoni u kura bikrija tat-tfal (ECEC) tkun miftuħa biex tieħu sa 30 tifel u tifla, u tkun kompletament mgħammra u amministrata minn persunal/għalliema kkwalifikati; (iii) l-inkubatur tan-negozju għandu jitwaqqaf bl-għan li joħloq ambjent u struttura ta' appoġġ li taġixxi bħala katalist għall-iżvilupp, il-ħolqien u s-sostenibbiltà ta' negozji ġodda innovattivi fl-Industrija tat-Turiżmu f'Malta; u (iv) iċ-Ċentru tar-riċerka u l-iżvilupp għandu jiġi stabbilit fl-Istitut għall-Istudji Turistiċi bl-għan li joħloq u jiġġenera sorsi ġodda ta' għarfien u kunċetti tan-negozju f'oqsma ta' ġestjoni tat-turiżmu relatati.

F. KOMPONENT 6: TISĦIĦ TAL-QAFAS ISTITUZZJONALI

Dan il-komponent tal-RRP Malti jindirizza għadd ta' sfidi istituzzjonali u ta' governanza fil-qasam tal-ġustizzja, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, u t-tassazzjoni. Dwar is-sistema ġudizzjarja, ġew identifikati dgħufijiet fir-rigward tal-indipendenza tal-ġudikatura, in-nuqqas ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat mill-fergħa investigattiva, kif ukoll ineffiċjenzi. Id-diġitalizzazzjoni ulterjuri tas-sistema ġudizzjarja mistennija wkoll tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati dawn l-ineffiċjenzi. Ġew identifikati wkoll sfidi fil-qafas ta' governanza biex ikun hemm l-identifikazzjoni u l-prosekuzzjoni effettivi tal-korruzzjoni inkluż, fost l-oħrajn, difetti strutturali li pprevenew il-funzjonament indipendenti u effettivi tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni ta' Malta. Fir-rigward tal-isfidi tal-ħasil tal-flus, l-isfidi huma relatati ma' investigazzjoni u prosekuzzjoni dgħajfa ta' każijiet ta' ħasil tal-flus u reġim insuffiċjenti ta' traċċar tal-assi u ta' konfiska tar-rikavat mill-kriminalità. Is-sitwazzjoni hija aggravata mill-iskemi ta' ċittadinanza u residenza ta' Malta u tkabbir rapidu f'dawn l-aħħar snin ta' attivitajiet orjentati internazzjonalment bħas-servizzi finanzjarji, l-assi virtwali u l-logħob tal-azzard mill-bogħod. Dwar it-tassazzjoni, in-nuqqas ta' dispożizzjonijiet nazzjonali li jipprevedu t-tassazzjoni effettiva ta' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu, l-iskemi ta' ċittadinanza u ta' residenza ta' Malta, u n-nuqqas ta' regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment jipprovdu lok għal prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi.

L-oġettiv huwa li jittejjbu l-kapaċità u l-governanza tas-sistema ġudizzjarja, jissaħħaħ il-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni, jissaħħaħ ir-reġim kontra l-ħasil tal-flus u jiġi indirizzat l-ippjanar aggressiv tat-taxxa. Bosta elementi ta' dan il-komponent huma retroattivi, peress li diġà ġew implimentati parzjalment fl-2020 u fil-bidu tal-2021.

Ir-riformi biex titjieb is-sistema ġudizzjarja jinkludu bidliet fil-metodu tal-ħatra u t-tneħħija tal-ġudikatura filwaqt li tiġi vvalutata u implimentata wkoll l-azzjoni korrettiva meħtieġa biex tiġi żgurata l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati. Il-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni mistennija tissaħħaħ permezz tal-implimentazzjoni tal-elementi tal-bini tal-kapaċità tal-istrateġija nazzjonali kontra l-frodi u l-korruzzjoni, ir-riforma tal-uffiċċju għall-irkupru tal-assi u permezz ta' riformi mmirati lejn korp importanti kontra l-korruzzjoni, jiġifieri l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC). Biex tissaħħaħ l-investigazzjoni ta' reati kriminali, inklużi l-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, ir-riformi jinkludu proċedura ta' ħatra ġdida għall-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-qasam tal-prosekuzzjoni, il-komponent jipproponi l-ħolqien ta' servizz ta' prosekuzzjoni separat, filwaqt li jimplimenta wkoll sħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet biex ma ssirx prosekuzzjoni mill-Avukat Ġenerali. F'dan il-komponent qed jitressqu wkoll miżuri biex jissaħħaħ ir-reġim għall-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu. Barra minn hekk, erba' riformi jindirizzaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa (ATP), jiġifieri billi jillimitaw l-eżenzjoni mit-taxxa għal dividendi ġejjin minn pajjiżi elenkati fil-lista tal-“Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta” ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx, jintroduċu leġislazzjoni dwar l-ipprezzar ta' trasferiment, iwettqu studju segwit minn emendi leġislattivi dwar miżuri relatati ma' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties, li jidħlu u joħorġu, u finalment jiskambjaw b'mod spontanju informazzjoni dwar applikanti futuri li jirċievu ċittadinanza Maltija taħt l-iskema taċ-ċittadinanza mal-ġurisdizzjonijiet tat-taxxa oriġinali tagħhom.

Dan il-komponent jinkludi wkoll investiment wieħed li għandu l-għan li jtejjeb il-kwalità u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja permezz tad-diġitalizzazzjoni tagħha.

Il-komponent jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-indipendenza ġudizzjarja, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa

(ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 4 tal-2020 u ir-rakkomandazzjoni speċifika għall-pajjiż 2 tal-2019).

Huwa mistenni li l-ebda miżura f'dan il-komponent ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852, filwaqt li jitqiesu d-deskrizzjoni tal-miżuri u l-passi ta' mitigazzjoni stabbiliti fl-RRP f'konformità mal-Gwida Teknika tad-DNSH (2021/C58/01).

F.1. Deskrizzjoni tar-riformi u l-investimenti għal appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Riforma C6-R1: Riforma tal-metodu tal-ħatra u t-tkeċċija tal-ġudikatura

L-għan ta' din il-miżura huwa li tissaħħaħ l-indipendenza tal-ġudikatura.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Atti XLV u XLIII tal-2020 biex jipprevedu l-ħatra tal-Prim Imħallef bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra tar-Rappreżentanti filwaqt li tinbidel ukoll il-kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Ħatriet fil-Ġudikatura (JAC) sabiex aktar minn nofs il-membri tiegħu jkunu membri tal-ġudikatura. Permezz ta' din ir-riforma, is-sejthiet pubbliċi għall-postijiet vakanti fil-ġudikatura għandhom jibdwu ikunu possibbli anke meta persuni eliġibbli jkunu jistgħu jesprimu l-interess tagħhom quddiem il-JAC. Din il-proċedura ddaħħlet fis-seħħ għall-ħatra ta' erba' Mħallfin u erba' Maġistrati fl-2021. Barra minn hekk, deċiżjonijiet dwar it-tneħħija mill-kariga ta' mħallfin u maġistrati għandhom ikunu l-prerogattiva tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, b'maġġoranza magħmula minn membri tal-ġudikatura. Peress li l-metodu tal-ħatriet u l-governanza tat-tribunali speċjalizzati huwa differenti minn dak tal-ġudikatura ordinarja, għandu jsir ukoll rieżami tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati b'komunikazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa. Ir-rapport għandu jinkludi (i) valutazzjoni tal-garanziji tal-indipendenza għall-ħatriet tal-membri ta' daww it-tribunali speċjalizzati, (ii) valutazzjoni tal-garanziji li jipprevedu li d-deċiżjonijiet tat-tribunali jiġu rieżaminati bis-siħ mill-qorti ordinarji tal-appell, u (iii) rakkomandazzjonijiet ta' politika konkreti u preċiżi. L-emendi leġiżlattivi għandhom jiġu introdotti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-istudju u wara li tiġi kkunsidrata kif xieraq l-opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja tal-Kunsill tal-Ewropa.

Din ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma C6-R2: Il-ħolqien ta' servizz tal-prosekuzzjoni separat

L-għan ta' din il-miżura huwa li tissaħħaħ il-funzjonalità tas-servizzi tal-prosekuzzjoni f'Malta.

Din ir-riforma għandha tibni fuq il-pass inizjali li ttieħed fl-2019, meta nholq l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat biex jieħu f'idejha il-funzjonijiet mhux ta' prosekuzzjoni tal-Avukat Ġenerali (AĠ), billi jimplementa l-emendi legali meħtieġa u jħaddem it-trasferiment tal-prosekuzzjoni tal-każijiet serji kollha, jiġifieri li jkollhom sentenza ta' aktar minn sentejn priġunerija (inkluż il-ħasil tal-flus u l-korruzzjoni), mingħand il-pulizija għal għand is-Servizz tal-Prosekuzzjoni (immexxi mill-AĠ). L-Att Nru XXVIII tal-2021 jiddelinea l-fatt li l-Avukat Ġenerali jista', flimkien mal-Pulizija Eżekuttiva, imexxi l-prosekuzzjoni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, apparti li għandu l-kompetenza li jmexxi prosekuzzjoni quddiem il-Qorti Kriminali. Huwa jispjega wkoll il-proċedimenti mill-AĠ u l-Pulizija Eżekuttiva *ex officio*, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' ġudikatura kriminali. It-trasferiment ta' każijiet serji għandu jsegwi tranżizzjoni gradwali li bdiet f'Ottubru 2020 u għandha titlesta għalkollox fl-2024 permezz ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn il-pulizija u l-uffiċċju tal-AĠ u l-istabbiliment ta' Proċeduri Operattivi Standard bejn iż-żewġ entitajiet. Ir-riforma għandha tiżgura wkoll li għandu jiġi rekrutat il-persunal addizzjonali meħtieġ biex jassumi r-

responsabbiltà akbar fl-uffiċċju tal-AĠ. Għandha ssir ukoll valutazzjoni indipendenti biex jitkejjel kif id-delitti inqas serji l-oħra kollha, li jistgħu jwasslu għal multa jew sentenza ta' priġunerija ta' inqas minn sentejn, għandhom jiġu ttrasferiti mill-forza tal-pulizija għall-uffiċċju tal-AĠ. L-emendi leġiżlattivi li jirriżultaw minn dan ir-rieżami għandhom jiġu implimentati wkoll.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma C6-R3: It-tisħiħ tal-kapaċità tal-qafas istituzzjonali għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni; Implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni (NAFCS)

L-għan ta' din ir-riforma huwa li taġġorna l-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni tal-2008 (NAFCS), sabiex iżżid il-kapaċità, l-awtorità u r-responsabbiltà pubblika tal-istituzzjonijiet tal-Istat fdati b'funzjonijiet regolatorji u ta' kontroll fir-rigward tal-ġestjoni tar-riżorsi pubbliċi, u biex timplimenta wħud mill-azzjonijiet identifikati mill-istrateġija.

L-istrateġija ppubblikata tippreżenta tlieta u għoxrin azzjoni maqsuma f'erba' objettivi strateġiċi, jiġifieri (i) il-bini tal-kapaċità, (ii) l-istrateġija ta' komunikazzjoni, (iii) il-massimizzazzjoni tal-kooperazzjoni nazzjonali, u (iv) il-massimizzazzjoni tal-kooperazzjoni tal-UE u dik internazzjonali. Ir-riforma għandha timplimenta tliet punti ta' azzjoni, li jindirizzaw miżuri speċifiċi relatati mal-bini tal-kapaċità taħt l-oġettiv. L-ewwel nett, f'konformità mal-punt ta' azzjoni tlieta, għandha titħejja u tiġi ppubblikata valutazzjoni tar-riskju nazzjonali u strateġija ta' segwitu dwar il-frodi u l-korruzzjoni bl-għan li jinżamm reġim effettiv ibbażat fuq ir-riskju biex jiġu miġġielda l-frodi u l-korruzzjoni, għandhom jiġu prijoritizzati u allokat i r-riżorsi tas-settur pubbliku b'mod effiċjenti, għandhom jiġu meġhuna l-awtoritajiet nazzjonali fil-valutazzjoni tal-adekwatezza tal-kontrolli tagħhom u biex, meta jkun meħtieġ, isaħħuhom, u għandu jiġi aġġornat il-pjan ta' azzjoni attwali. It-tieni, f'konformità mal-punt ta' azzjoni sitta, għandhom jiffasslu u jingħataw żewġ korsijiet ta' taħriġ immirati għall-uffiċjali fl-awtoritajiet nazzjonali, li jiġġieldu l-frodi u l-korruzzjoni. L-ewwel wieħed għandu jipprovdi korsijiet bażiċi għall-uffiċjali maħtura mill-awtoritajiet nazzjonali u t-tieni għandu jindirizza l-ħtiġijiet ta' taħriġ tal-entitajiet ikkonċernati. Dawn jinkludu (a) id-Dipartiment tal-Awditjar Intern u l-Investigazzjonijiet, (b) l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, (c) l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat, (d) l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar, (e) il-Forza tal-Pulizija ta' Malta, (f) id-Dipartiment tad-Dwana, (g) l-Awditoritajiet Maniġerjali tal-UE, (h) l-Unità tal-Analiżi tal-Intelligence Finanzjarja, (i) il-Kummissarju tat-Taxxi, (j) il-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali, (k) Dipartiment tal-Kuntratti, (l) Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, u (m) l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. It-tielet, f'konformità mal-punti ta' azzjoni 13 u 14, għandha titfassal u tinholq sistema ta' repożitorju dokumentarju biex tissaħħa il-kollaborazzjoni bejn it-tlettax-il istituzzjoni li jiffurmaw parti mill-kumitat ta' koordinazzjoni dwar il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-frodi. Din is-sistema għandha (i) taħżen dokumenti elettroniċi, (ii) toffri aċċess ċentralizzat għad-dokumenti li jistgħu jinstabu faċilment mill-istituzzjonijiet li jiffurmaw parti mill-Kumitat ta' koordinazzjoni, u (iii) tipprovdi s-sigurtà meħtieġa għal informazzjoni sensittiva. It-taħriġ previst taħt il-punt ta' azzjoni sitta għandu jiżgura wkoll il-ħiliet meħtieġa fis-seħħ biex isir użu adegwat mis-sistema ta' repożitorju dokumentarju. Ir-riforma għandha tiżgura wkoll il-ħolqien ta' bażi tad-data dwar id-data tal-informaturi li għandha tkun operattiva u aċċessibbli mill-entitajiet kollha kontra l-korruzzjoni. Din għandha tinkludi data aġġornata regolarment dwar (i) l-għadd ta' lmenti li jaslu; (ii) meta jaslu; (iii) meta ġew ittrattati; (iv) meta l-informatur jiġi infurmat bl-eżitu; (v) is-setturi rrappurtati. Filwaqt li dan mhuwix wieħed mill-punti ta' azzjoni tal-NAFCS, il-qasam tal-protezzjoni tal-informaturi huwa ta' importanza kbira fil-ġlieda kontra l-frodi u l-korruzzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma C6-R4: Riforma tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC)

L-objettiv tal-miżura huwa li tippermetti funzjonament aktar indipendenti u effettiv tal-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC), permezz ta' emendi legali, bini ta' kapaċità u proċeduri operazzjonali msaħħin.

L-emendi legali għandhom ibiddlu l-mod kif jinħatru l-President u l-membri tal-Kummissjoni. Hija għandha temenda wkoll ir-rekord tar-rapportar tal-PCAC li r-rapporti tiegħu jiġu trażmessi direttament lill-Kap Prosekutur minflok lill-Ministru għall-Ġustizzja, kif kien isir qabel, u b'hekk jissaħħa l-funzjonament indipendenti tal-PCAC. Ir-riforma għandha tinkludi wkoll l-adozzjoni ta' baġit ta' tliet snin u pjan ta' riżorsi umani biex tissaħħa l-kapaċità organizzattiva tal-PCAC, il-promulgazzjoni ta' Proċeduri Operattivi Standard biex jgħinu lill-ħaddiema jwettqu operazzjonijiet ta' rutina, u l-ħolqien ta' reġistru diġitali ta' każijiet ta' informazzjoni miżmuma mill-PCAC li jkun aċċessibbli mill-istituzzjonijiet nazzjonali l-oħra kollha ta' kontra l-korruzzjoni.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Diċembru 2024.

Riforma C6-R5: Riforma tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

L-objettiv ta' din il-miżura huwa li jiżiedu s-setgħat u l-kapaċità tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi sabiex jissaħħa ir-rwol tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi fil-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-kriminalità finanzjarja.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità (l-Att Nru V tal-2021), li jinkludi emendi leġiżlattivi biex tissaħħa l-indipendenza tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi mill-gvern u biex l-Uffiċċju jintalab jistabbilixxi relazzjonijiet ma' istituzzjonijiet ekwivalenti barra minn Malta. Ir-riforma għandha ssaħħa ukoll il-kapaċità tal-Uffiċċju billi timpjega persunal addizzjonali.

Ir-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma C6-R6: Proċedura ġdida ta' ħatra tal-Kummissarju tal-Pulizija

L-għan ta' din il-miżura huwa li ssaħħa is-sistema ġudizzjarja, b'mod aktar speċifiku l-fergħa tal-investigazzjoni, billi tirriforma l-mod kif jinħatar il-Kummissarju tal-Pulizija.

Ir-riforma tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Att XIX tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija (il-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni biex jiġi stabbilit proċess trasparenti u kompetittiv ta' ħatra għall-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija. Skont il-proċess il-ġdid, il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha toħroġ sejħa pubblika għall-applikazzjonijiet, għandha tevalwa l-applikazzjonijiet sottomessi u mbagħad għandha tiffformula lista mqassra li tindika l-aktar żewġ kandidati adattati. Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku għandha mbagħad tirreferi din il-lista mqassra lill-Kabinett tal-Ministri. Il-Kabinett għandu jikkunsidra ż-żewġ kandidati u mbagħad għandu jirreferi l-aktar kandidat adattat għal smiġh quddiem il-Kumitat Parlamentari dwar il-Ħatriet Pubbliċi. Jekk dan il-Kumitat jagħti parir favur il-ħatra tal-kandidat magħżul, il-Prim Ministru għandu jaħtar il-kandidat magħżul wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Din hija miżura retroattiva li ġiet approvata mill-Parlament f'April 2020.

Riforma C6-R7: Implimentazzjoni tar-riforma li tikkonċerna l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni u deċiżjonijiet oħrajn tal-Avukat Ġenerali. Dan jinkludi l-assenjazzjoni tal-istatus ta' parti offiċja fil-liġi lil istituzzjonijiet speċifiċi meta jirrapportaw prattika korrotti

L-għan ta' din ir-riforma huwa li ssaħħa il-prosekuzzjoni tal-kawżi billi tiżgura li d-deċiżjonijiet tal-Prosekutur Pubbliku, b'mod partikolari d-deċiżjoni li ma ssirx prosekuzzjoni, ikunu soġġetti għal sħarriġ ġudizzjarju.

L-ewwel parti ta' din ir-riforma għandha tikkonsisti fid-dħul fis-seħħ tal-Att XLI tal-2020 biex ikun previst l-isħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet mill-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni fuq il-bażi ta' illegalità jew nuqqas ta' raġonevolezza. Il-korpi responsabbli għar-rappurtar ta' prattiki korrotti, inklużi l-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC), l-Ombudsman, il-Kummissarju għall-Istandards tal-Ħajja Pubblika u l-Awditur Ġenerali kollha għandhom jingħataw l-istatus ta' parti offiċja fil-liġi. L-Att XLI tal-2020 għandu jippermetti li dawn l-istituzzjonijiet jitolbu sħarriġ ġudizzjarju biss f'dawk il-każijiet meta jkunu huma li talbu lill-Avukat Ġenerali jmexxi, bl-istess mod bħall-parti offiċja.

It-tieni parti tar-riforma għandha tivvaluta, permezz ta' rieżami indipendenti, l-effettività tad-dispożizzjoni legali introdotta bl-ewwel parti bil-ħsieb li jitwessa' l-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Dan jippermetti li l-"partijiet offiċji" ta' hawn fuq ikunu jistgħu jitolbu sħarriġ ġudizzjarju fuq il-każijiet kollha, mhux biss fuq dawk il-każijiet irrappurtati mill-partijiet ikkonċernati, iżda wkoll fuq dawk il-każijiet meta ma tkun saret l-ebda prosekuzzjoni fi żmien raġonevoli. L-emendi leġiżlattivi għandhom jiġu introdotti f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet li jgħorġu mir-rieżami.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2026.

Riforma C6-R8: It-tisħiħ tal-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/tal-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/tas-sanzjonijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS) ta' Malta

L-oġġettiv ta' din il-miżura huwa li jiġi żgurat qafas sostenibbli, proattiv, reattiv u effettiv kontra l-ħasil tal-flus li jista' jirreaġixxi għar-riskji dejjem jinbidlu tal-ħasil tal-flus u tal-finanzjament tat-terroriżmu.

Ir-riforma għandha tikkonsisti fl-implimentazzjoni tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni nazzjonali għall-2021 dwar il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus/il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/is-sanzjonijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS), li tissostitwixxi l-Istrateġija implimentata għall-2017-2020. Ir-riforma għandha timplimenta t-82 azzjoni, li jiffokaw fuq seba' għanijiet ta' politika (i) l-aġġornament kostanti tal-leġiżlazzjoni f'konformità mat-talbiet tal-linji gwida tal-organizzazzjonijiet internazzjonali u mal-istandards Ewropej; (ii) il-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet AML/CFT/TFS abbażi ta' valutazzjoni tar-riskju nazzjonali aġġornata; (iii) il-koordinazzjoni tal-attivitajiet kollha (permezz tal-istabbiliment ta' sottokomitat tal-Komitat Nazzjonali ta' Koordinazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu - NCC) biex jitrawwem l-iskambju ta' informazzjoni sabiex tiġi żgurata l-akbar effettività ta' miżuri preventivi u oppressivi; (iv) il-prevenzjoni li r-rikavat tal-kriminalità jidħol fis-sistema Maltija billi jittejbu t-trasparenza u l-preċiżjoni tal-informazzjoni dwar is-sjieda benefiċjarja u jiġu applikati superviżjoni u sanzjonar effettivi bbażati fuq ir-riskju; (v) l-identifikazzjoni, l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni tal-ħasil tal-flus speċjalment fir-rigward ta' każijiet kumplessi, dawk li jinvolvu reati predikati barranin jew ħasil tal-flus professjonali minn faċilitaturi domestiċi; (vi) l-identifikazzjoni u l-ġestjoni effettivi bbażati fuq ir-riskju tal-assi kollha (inklużi dawk virtwali) soġġetti għal konfiska potenzjali u l-ġbir tat-taxxa minn attivitajiet kriminali; u (vii) monitoraġġ ibbażat fuq ir-riskju tal-finanzjament tat-terroriżmu u sanzjonijiet li jevadu r-riskji biex jiġi żgurat li l-ekonomija Maltija ma tiġix abbużata. Ir-riforma għandha tipprovdi wkoll taħriġ u sensibilizzazzjoni adegwati għall-membri rilevanti tal-NCC. Fl-aħħar nett, ir-riforma għandha timplimenta wkoll l-azzjonijiet meħtieġa biex tindirizza l-eżitu tal-evalwazzjonijiet tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja li tlestew f'Ġunju 2021.

L-implimentazzjoni tar-riforma għandha titlesta sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma C6-R9: Ippjanar aggressiv tat-taxxa (ATP) - Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta

L-objettiv ta' dawn il-miżuri huwa li titneħħa l-possibbiltà li d-dividendi derivati minn korpi ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx jiġu eżentati milli jiġu intaxxati Malta.

Ir-riforma għandha tabolixxi l-hekk imsejħa eżenzjoni tal-parteċipazzjonijiet li tippermetti li l-introjt mid-dividendi jew il-qliġ kapitali derivat minn investiment ta' parteċipazzjoni (normalment parteċipazzjoni azzjonarja ta' ekwità ta' mill-inqas 5 %) ikun eżentati mit-taxxa f'Malta. B'mod speċifiku, id-dividendi derivati mill-korp ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet li għew elenkati fil-lista tal-"Grupp dwar il-Kodiċi ta' Kondotta" ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal mill-inqas tliet xhur ma għandhomx jikkwalifikaw għal tali eżenzjoni. Biex tiġi applikata din id-dispożizzjoni l-għdida, ir-riforma għandha żżid ukoll l-għadd ta' investigaturi ddedikati għall-iskrutinju tad-dikjarazzjonijiet tal-kontribwenti.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Settembru 2022.

Riforma C6-R10: Leġiżlazzjoni Speċifika dwar l-Ipprezzar tat-Trasferimenti

L-għan tal-miżura huwa li tipprevjeni t-telf ta' dħul pubbliku permezz ta' arbitraġġ internazzjonali tat-taxxa.

Ir-riforma għandha tintroduċi dispożizzjonijiet ta' abilitazzjoni għal-leġiżlazzjoni dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti fil-qafas leġiżlattiv ta' Malta. Dawn għandhom ikunu segwiti minn proċess ta' konsultazzjoni qabel ma jiġu proposti regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferiment relatati mal-prinċipju ta' distakkament u ftehimiet ta' pprezzar avanzati. Fl-aħħar nett, dawn ir-regoli speċifiċi għat-trasferiment dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti għandhom jidħlu fis-seħħ. It-taħriġ tal-partijiet involuti (bħall-persunal tal-amministrazzjoni tat-taxxa u l-prattikanti privati tat-taxxa u r-rappreżentanti tal-kumpaniji) għandu jitwettaq ukoll qabel mar-regoli jibdew japplikaw.

Ir-riforma għandha tiġi ffinalizzata sal-31 ta' Diċembru 2023.

Riforma C6-R11: Studju dwar ir-rilevanza ta' miżuri relatati ma' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu

L-objettiv tal-miżura huwa li tipprovdi lill-gvern bi gwida għall-formulazzjoni ta' politika biex jittaffew ir-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa fil-qasam ta' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu

Ir-riforma għandha tinkludi studju indipendenti li janalizza s-sitwazzjoni attwali u jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-miżuri legali meħtieġa biex jiġu indirizzati l-pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties ħerġin u deħlin, bejn kumpaniji stabbiliti Malta u kumpaniji relatati stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet li jew jiffurmaw parti mil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx jew li huma kkunsidrati bħala ġuriżdizzjonijiet b'rata zero tat-taxxa jew b'rata baxxa tat-taxxa. L-istudju għandu jinkludi proposti konkreti biex jissaħħu l-miżuri kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Profitti għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u tal-evażjoni tat-taxxa u għall-promozzjoni tat-tassazzjoni ġusta. Il-gvern għandu jipprosegwi b'leġiżlazzjoni biex itaffi r-riskji identifikati mill-istudju.

Ir-riforma għandha tiġi implimentata sat-30 ta' Settembru 2024.

Riforma C6-R12: Mitigazzjoni kontra r-riskji ta' ATP minn individwi

L-objettiv tal-miżura huwa li jittaffew ir-riskji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa li ġejjin mill-iskema ta' ċittadinanza b'investiment.

Ir-riforma għandha timplimenta proċedura ta' diliġenza dovuta biex tiddetermina l-ġurisdizzjonijiet oriġinali tar-residenza tat-taxxa tal-applikanti għaċ-Ċittadinanza b'Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett u tinforma lill-awtoritajiet tat-taxxa bil-ġurisdizzjonijiet oriġinali tar-residenza tat-taxxa tal-applikanti li jkunu qed jingħataw iċ-ċittadinanza Maltija. Id-dħul fis-seħħ tal-proċedura għandu jiġi ddeterminat mill-pubblikazzjoni tal-linji gwida u l-formoli ta' applikazzjoni riveduti rispettivi.

Il-miżura għandha tiġi implimentata sal-31 ta' Marzu 2022.

Investiment C6-I1: Diġitalizzazzjoni fis-sistema ġudizzjarja

L-għan ta' din il-miżura huwa li l-amministrazzjoni tal-ġustizzja tkun iktar effiċjenti. L-investiment għandu l-għan li jimplimenta għadd ta' soluzzjonijiet u għodod diġitali siguri biex jappoġġaw lill-utenti tas-settur tal-ġustizzja permezz ta' kollaborazzjoni u integrazzjoni, aktar aċċessibbiltà għall-ġustizzja u tisħiħ fl-effiċjenza, f'konformità mal-Istrateġija tal-Ġustizzja Diġitali. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin huma l-Qrati tal-Ġustizzja, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali, l-Għajnuna Legali u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

Bi tħejjija għan-nefqa tal-investiment, l-atti legali dwar id-diġitalizzazzjoni tal-qrati tal-ġustizzja għandhom jidħlu fis-seħħ biex ikun possibbli li l-proċedimenti ċivili jsiru permezz ta' faċilitajiet tal-vidjokonferenzi diretti u li l-atti ġudizzjarji kriminali jiġu ppreżentati b'mod elettroniku. L-investiment imbagħad għandu jikkonsisti f'żewġ partijiet (a) immappjar u tfassil mill-ġdid tal-proċessi lejn proċessi diġitali minn tarf sa tarf, ġestjoni tal-proġetti, konsulenza legali u ġenerali u appoġġ għall-analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji - dan ikopri r-rekwiżiti orizzontali biex jiġi appoġġat l-investiment inkluż is-software ta' appoġġ kif ukoll is-servizzi ta' esternalizzazzjoni biex jiġi garantit li jkunu żgurati riżorsi, hili u għarfien espert adegwati; u (b) għadd ta' soluzzjonijiet diġitali għas-sistema ġudizzjarja. Din tal-aħħar għandha tinkludi (i) soluzzjoni għall-integrazzjoni u l-interoperabbiltà fit-trasferiment ta' każ diġitali, (ii) portal ġudizzjarju b'dashboards, (iii) Aġenzija tal-Qrati tal-Ġustizzja: laptops għal mobiltà akbar tal-utenti, (iv) Aġenzija tal-Qrati tal-Ġustizzja: soluzzjoni ta' seduti virtwali, (v) Aġenzija tal-Qrati tal-Ġustizzja: Wi-Fi, (vi) ċertifikati ta' kondotta permezz ta' Sistema Nazzjonali ta' Informazzjoni ta' Rekords Kriminali, (vii) integrazzjoni tal-pjattaforma tad-Dipartiment tal-Ġustizzja ta' appoġġ għall-vittmi ma' partijiet ikkonċernati nazzjonali, (viii) ċentru ta' tagħlim elettroniku "I Belong" (Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem), (ix) sistemi ta' ġestjoni tal-każijiet tal-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat, (x) sistema ta' ġestjoni ta' każijiet ta' għajnuna legali, (xi) sistema tal-libertà tal-informazzjoni, (xii) sistema ta' rkupru tal-assi, (xiii) soluzzjoni ta' terminazzjoni tal-mandati tal-Nutar tal-Gvern, (xiv) sistema tas-sigurtà u ta' televiżjoni b'ċirkwit magħluq integrat b'funzjonijiet avvanzati, (xv) tagħmir u software għall-kmamar tat-taħriġ u tal-konferenzi, (xvi) inizjattivi ta' sperimentazzjoni u speċjalizzazzjoni li jikkomplementaw t-tagħmir addizzjonali tal-vidjokonferenzi u kwistjonijiet relatati mal-iskenjar possibbli.

L-investiment għandu jiġi implimentat sat-30 ta' Ġunju 2026.

F.2. Stadji importanti, miri, indikaturi, u skeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.1	C6.R.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XLV tal-2020; u l-Att XLIII tal-2020	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att XLV tal-2020 u l-Att XLIII tal-2020				Q3	2020	Il-Kostituzzjoni ġiet emendata bl-għan li tipprevedi l-ħatra tal-Prim Imħallef bl-approvazzjoni ta' żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra tar-Rappreżentanti; għal bidla fil-kompożizzjoni tal-Kumitat għall-Ħatriet Ġudizzjarji sabiex il-maġġoranza tal-membri tiegħu jkunu membri tal-ġudikatura; u biex tipprevedi l-ħruġ ta' sejħiet pubbliċi għal postijiet vakanti fil-ġudikatura. L-Att XLV tal-2020 jistabbilixxi proċedura ġdida li permezz tagħha l-membri tal-ġudikatura jkunu jistgħu jitneħħew mill-kariga jew jgħaddu minn proċeduri dixxiplinari.
6.2	C6.R.1	Mira	Membri addizzjonali tal-ġudikatura		Numru	42	47	Q2	2021	Wara l-adozzjoni tal-Att XLIII tal-2020, fit-12 ta' Frar 2021 ġiet ippubblikata sejħa għall-applikazzjonijiet għall-ħatra ta' erba' mħallfin fil-Gazzetta tal-Gvern u nħatru fil-kariga f'nofs April 2021 u b'hekk kien hemm żieda ta' tlieta fl-għadd ta' Mħallfin. Barra minn hekk, is-sejħa għall-applikazzjonijiet għall-ħatra ta' erba' Maġistrati ġiet ippubblikata fl-20 ta' April 2021 u dawn inħatru f'Ġunju 2021 u b'hekk kien hemm żieda ta' tnejn fl-għadd ta' Maġistrati. Dan jirriżulta f'żieda netta ta' ħames membri tal-ġudikatura.
6.3	C6.R.1	Stadju importanti	Reviżjoni indipendenti tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati	Pubblikazzjoni online ta' rieżami indipendenti tat-tribunali speċjalizzati				Q4	2024	Għandu jiġi ingaġġat kuntrattur indipendenti permezz tal-proċeduri ta' akkwist pubbliku, sabiex tiġi vvalutata l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati fil-livell nazzjonali. Din il-valutazzjoni għandha titwettagħ f'komunikazzjoni mal-Kummissjoni ta' Venezia tal-Kunsill tal-Ewropa.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.4	C6.R.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġislattivi meqjusa neċessarji mir-rieżami indipendenti tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-liġi li tintroduċi bidliet leġislattivi meqjusa neċessarji mir-rieżami indipendenti tat-tribunali speċjalizzati				Q1	2026	Il-bidliet leġislattivi għandhom jieħdu azzjoni korrettiva bbażata fuq ir-riżultanzi/rakkomandazzjonijiet magħmulin mir-rieżami indipendenti dwar l-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati.
6.5	C6.R.2	Stadju importanti	Rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (AĠ)	Pubblikazzjoni online tas-sommarju eżekuttiv tar-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ.				Q4	2024	Għandu jsir rieżami minn kuntrattur indipendenti dwar it-trasferiment tal-prosekuzzjoni ta' reati inqas serji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, wara d-dħul fis-seħħ tar- <i>Regolamenti tal-2020 dwar Prosekuzzjoni ta' Reati (Dispożizzjonijiet Tranżitorji)</i> (A.L. 378 tal-2020). Ir-rieżami għandu jiffirma għażliet u rakkomandazzjonijiet ta' politika għat-trasferiment tal-kawżi li jifdal (jiġifieri kawżi sommarji). Dan għandu jiġi kondiviż mal-Kummissjoni Ewropea.
6.6	C6.R.2	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġislattivi li jitqiesu li jkunu meħtieġa mir-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ	Id-dħul fis-seħħ tal-emendi legali li jitqiesu li jkunu meħtieġa mir-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ				Q1	2026	Il-bidliet leġislattivi għandhom ikunu bbażati fuq ir-riżultanzi/rakkomandazzjonijiet li jsiru mir-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.7	C6.R.2	Mira	Il-bini tal-kapaċità fl-Uffiċċju tal-AĠ		Numru	73	104	Q4	2022	Skont il-Pjan tar-Riżorsi Umani tal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (2021), sal-aħħar tal-2022 għandhom jiġu impjegati t-total ta' 31 uffiċjal għid fl-Uffiċċju. Dawn għandhom jinkludu ż-żieda ta' avukati ġodda, Prokuraturi Legali, maniġers - inklużi maniġers superjuri - uffiċjali tal-ICT, kif ukoll persunal amministrattiv u ta' appoġġ ieħor.
6.8	C6.R.2	Stadju importanti	It-trasferiment tal-kawżi mhux sommarji kollha lill-Uffiċċju tal-AĠ.	It-trasferiment tal-kawżi mhux sommarji kollha lill-Uffiċċju tal-AĠ.				Q4	2024	Għandha titlesta t-tranżizzjoni gradwali li bdiet fl-2020 biex il-kawżi mhux sommarji kollha jiġu ttrasferiti mingħand il-korp tal-pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ.
6.9	C6.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att Nru XXVIII tal-2021 intitolat Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5)	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att Nru XXVIII tal-2021 intitolat Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5)				Q2	2021	L-Att Nru XXVII tal-2021 intitolat Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5), li daħal fis-seħħ fl-4 ta' Ġunju 2021, jipprevedi l-bidliet meħtieġa li jridu jsiru fil-Kodiċi Kriminali sabiex ikun hemm aktar ċarezza leġiżlattiva wara li l-prosekuzzjonijiet ta' reati serji jittieħdu mill-Avukat Ġenerali.
6.10	C6.R.3	Stadju importanti	Aġġornament tal-Istrateġija Nazzjonali tal-2008 Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni	Pubblikazzjoni online tal-Istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni Aġġornata				Q2	2021	L-istrateġija Nazzjonali Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni għandha l-għan li tiżgura qafas normattiv, istituzzjonali u operazzjonali għall-għieda effettiva u effiċjenti kontra l-frodi u l-korruzzjoni f'Malta, u dan jirrifletti r-rekwiżiti lokali u l-obbligi internazzjonali. L-istrateġija aġġornata ġiet ippubblikata meta ġiet ippreżentata fil-Parlament fit-tieni kwart tal-2021.
6.11	C6.R.3	Stadju importanti	Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali u strateġija ta' segwitu dwar il-frodi u l-korruzzjoni.	Pubblikazzjoni online tal-Valutazzjoni tar-Riskju tal-Frodi Nazzjonali.				Q3	2022	F'konformità mal-Punt ta' Azzjoni 3 tal-NAFCS, għandha ssir u tiġi ppubblikata Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali (NRA) mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni stabbilit skont l-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji (Kap. 461 tal-Liġijiet ta' Malta). L-għan tal-NRA huwa li (i) jinżamm reġim effettiv ibbażat fuq ir-riskju biex jiġu miġġielda l-frodi u l-korruzzjoni; (ii) ir-riżorsi tas-settur pubbliku jingħataw prijorità u jiġu allokati b'mod effiċjenti; (iii) l-Awtoritajiet Nazzjonali jingħataw għajnuna biex jivvalutaw l-adekwatezza tal-kontrolli tagħhom u jsaħħu hom meta jkun meħtieġ; (iv) tiżdied is-sensibilizzazzjoni fost il-pubbliku ġenerali; u (v) il-Pjan ta' Azzjoni preżenti li huwa parti integrali mill-NAFCS jiġi aġġornat

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.12	C6.R.3	Mira	Żewġ programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali maħtura mill-Awtoritajiet Nazzjonali		Numru	0	52	Q1	2024	F'konformità mal-punt ta' azzjoni 6 tal-NAFCS, mill-inqas żewġ parteċipanti minn 13-il istituzzjoni li jiffurmaw parti mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni għandhom jipparteċipaw f'kull wieħed miż-żewġ programmi ta' taħriġ. L-ewwel taħriġ għandu jipprovdi korsijiet bażiċi għall-uffiċjali maħtura mill-Awtoritajiet Nazzjonali dwar l-isfond legali, it-tekniki ta' investigazzjoni, l-intelligence, it-teknika analitika, il-kontabilità forensika u l-għodod tas-sistema ta' informazzjoni. Dawn il-korsijiet ta' taħriġ għandhom jiffurmaw parti minn programm ta' taħriġ li għandu jiġi konkluż fi żmien sena. It-tieni taħriġ għandu jkun ibbażat fuq analiżi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ.
6.13	C6.R.3	Stadju importanti	Sistema ta' Repożitorju Dokumentarju Ċentrali	Sistema ta' Repożitorju Dokumentarju Ċentrali aċċessibbli għall-istituzzjonijiet li jiffurmaw parti mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni				Q4	2024	F'konformità mal-punti ta' azzjoni 13 u 14 tal-NAFCS, għandha tinħoloq sistema ċentrali ta' repożitorju dokumentarju. Din għandha (i) taħżen dokumenti elettroniċi; (ii) toffri aċċess ċentralizzat għad-dokumenti li jistgħu jinstabu faċilment mill-istituzzjonijiet li jiffurmaw parti mill-Kumitat ta' Koordinazzjoni stabbiliti f'konformità mal-Att dwar Awditjar Intern u Investigazzjonijiet Finanzjarji; u (iii) tipprovdi s-sigurtà meħtieġa għal informazzjoni sensittiva.
6.14	C6.R.3	Stadju importanti	Bażi tad- <i>data</i> li tiġbor id- <i>data</i> dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta	Bażi tad- <i>data</i> /repożitorju tad- <i>data</i> dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta operazzjonali u aċċessibbli mill-entitajiet kollha kontra l-korruzzjoni				Q4	2024	Id- <i>data</i> /l-istatistika trid tkun aċċessibbli billi tiġi ppubblikata informazzjoni regolari dwar (i) l-għadd ta' lmenti li jaslu; (ii) meta jaslu; (iii) meta ġew ittrattati; (iv) meta l-informatur jiġi infurmat bl-eżitu; u (v) is-setturi rappurtati.
6.15	C6.R.4	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XLVI tal-2020	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att XLVI tal-2020				Q3	2020	L-Att XLVI tal-2020 jagħti aktar tiżiħ statutorju lill-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni. L-Att jispeċifika d-dispożizzjonijiet dwar kif jinħatru l-President u l-membri tal-Kummissjoni. L-Att jispeċifika li jekk fl-opinjoni tal-PCAC l-imġiba li tkun qed tiġi investigata tkun korrotta jew marbuta ma' għal prattiki korrotti jew twassal għal prattiki korrotti, ir-rapport irid jintbagħat lill-Avukat Ġenerali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.16	C6.R.4	Stadju importanti	Pjanijiet Baġitarji u għar-Riżorsi Umani tal-PCAC	Implimentazzjoni tal-Pjanijiet Baġitarji għar-Riżorsi Umani				Q4	2024	Sal-31 ta' Diċembru 2021, il-PCAC għandu jfassal pjan baġitarju kif ukoll Pjan għar-Riżorsi Umani għat-tliet snin li ġejjin, li jżid il-kapaċità tal-persunal. Il-pjan għandu jinkludi l-ħtiġijiet (baġit, operazzjonijiet, riżorsi umani) u jstabbilixxi kif jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet. Il-pjan għandu jiġi implimentat sa Q4 2024.
6.17	C6.R.4	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' reġistru diġitali ta' informazzjoni dwar każijiet ta' korruzzjoni miżmum mill-PCAC	Ir-reġistru diġitali tal-PCAC dwar każijiet ta' korruzzjoni operazzjonali				Q4	2024	Għandu jinholq reġistru diġitali biex tinġabar informazzjoni dwar każijiet ta' korruzzjoni, azzjonijiet/proċeduri sabiex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-operazzjonijiet tal-PCAC u biex tiġi appoġġata l-ħidma ta' awtoritajiet pubbliċi oħrajn dwar kwistjonijiet li jaqgħu taħt il-mandat tal-PCAC.
6.18	C6.R.4	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' Proċedura Operattiva Standard interna mill-PCAC	Tapplika Proċedura Operattiva Standard Interna				Q4	2024	Proċedura Operattiva Standard Interna għandha tipprovdi sett ta' struzzjonijiet pass pass biex tgħin lill-ħaddiema jwettqu operazzjonijiet ta' rutina. Din għandha tinkludi: (i) objettiv; (ii) leġiżlazzjoni, kamp ta' applikazzjoni u applikabbiltà; (iii) dettalji tal-politika; (iv) definizzjonijiet relatati mal-korruzzjoni, il-kollużjoni u l-protezzjoni tal-informaturi; (v) konformità mal-politika; (vi) żamma ta' rekords/reġistru; (vii) proċeduri interni (fażijiet, kompetenza tal-uffiċċju, kooperazzjoni interistituzzjonali); u (viii) taħriġ u komunikazzjoni.
6.19	C6.R.5	Mira	Żieda fl-għadd ta' persunal fl-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi		Numru	11	45	Q4	2023	F'konformità mal-Istrateġija tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi (2021-2023), it-total ta' 45 uffiċjal (ekwivalenti għal full-time) għandhom jiġu impjegati fi ħdan l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, inklużi uffiċjali tar-riċerka, uffiċjali fil-livell maniġerjali kif ukoll persunal amministrattiv u ta' appoġġ.
6.20	C6.R.5	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità V tal-2021	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att V tal-2021 dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità				Q1	2021	L-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità (Att Nru V tal-2021) jiddefinixxi mill-ġdid l-istruttura tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, filwaqt li jiddeskrivi r-relazzjoni tiegħu mal-Gvern u jsaħħaħ l-indipendenza tiegħu minnu.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.21	C6.R.6	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XIX tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija	Dispożizzjoni fil-liġi li tindika d-dħul fis-seħħ tal-Att XIX tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija				Q2	2020	L-Att XIX tal-2020 jemenda l-Att dwar il-Pulizija (il-Kapitolu 164 tal-Liġijiet ta' Malta) u l-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex jiġi stabbilit proċess trasparenti u kompetittiv ta' ħatra għall-kariga ta' Kummissarju tal-Pulizija.
6.22	C6.R.7	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att Nru XLI tal-2020 dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni mill-Avukat Ġenerali	Dħul fis-seħħ tal-Att Nru XLI tal-2020				Q3	2020	L-Att XLI tal-2020 jemenda l-Kostituzzjoni, il-Kodiċi Kriminali, u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Huwa jipprevedi stħarriġ ġudizzjarju tad-deċiżjonijiet tal-Avukat Ġenerali sabiex ma ssirx prosekuzzjoni fuq il-bażi ta' illegalità jew ta' nuqqas ta' raġonevolezza. Il-Kummissjoni Permanenti Kontra l-Korruzzjoni (PCAC), l-Ombudsman, il-Kummissarju għall-Istandards tal-Ħajja Pubblika u l-Awditur Ġenerali kollha għandhom jingħataw l- <i>istatus</i> ta' parti offiża fil-liġi. Dawn l-istituzzjonijiet jistgħu għalhekk jitolbu stħarriġ ġudizzjarju individwali biss f'każijiet meta jkun huma li talbu lill-Avukat Ġenerali jmessxi, bl-istess mod bħall-parti offiża.
6.23	C6.R.7	Stadju importanti	Rieżami indipendenti tad-dispożizzjoni għall-partijiet offiżi (fl-Att XLI tal-2020) biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni.	Finalizzazzjoni tar-rieżami indipendenti tad-dispożizzjoni għall-partijiet offiżi (fl-Att XLI tal-2020) biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni.				Q2	2024	Ir-reviżjoni kwalitattiva għandha tivvaluta l-implimentazzjoni tar-riforma tal-istħarriġ ġudizzjarju. Din għandha titwettaq minn kuntrattur indipendenti ingaġġat permezz ta' proċedura ta' akkwist pubbliku. Ir-rieżami għandu jivvaluta l-effetti tal-Att XLI tal-2020 u jekk appell kontra n-nuqqas ta' prosekuzzjoni mill-AG jew mill-Pulizija għandux ikun possibbli wkoll meta ma jkunx hemm prosekuzzjoni fi żmien raġonevoli. Ir-rieżami għandu jivvaluta wkoll jekk il-"partijiet li ġarrbu l-ħsara" msemmiha fl-Att XLI tal-2020 għandhomx ikunu jistgħu wkoll jappellaw kontra n-nonprosekuzzjoni fil-każijiet kollha u mhux biss meta jkun rappurtaw dawn l-atti lill-Avukat Ġenerali. L-istudju għandu jiġi kondiviż mal-Kummissjoni Ewropea.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.24	C6.R.7	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġislattivi li jemendaw l-istħarriġ ġudizzjarju għal partijiet li ġarrbu ħsara biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġislattivi li jemendaw l-istħarriġ ġudizzjarju għal partijiet li ġarrbu ħsara biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni				Q1	2026	Abbażi tas-sejbiet/rakkomandazzjonijiet tar-rieżami indipendenti tad-dispożizzjoni għal partijiet offiżi (fl-Att XLI tal-2020) biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni, l-emendi leġislattivi għandhom jidhru fis-seħħ sabiex tiġi aġġustata l-possibbiltà li l-“partijiet offiżi” msemmija fl-Att XLI tal-2020 ikunu jistgħu: (i) jappellaw kontra n-nuqqas ta' prosekuzzjoni mill-AĠ u mill-Pulizija meta ma jkunx hemm prosekuzzjoni fi żmien raġonevoli; (ii) jappellaw kontra n-nonprosekuzzjoni fil-każijiet kollha u mhux biss meta jkun rappurtaw dawn l-atti lill-Avukat Ġenerali.
6.25	C6.R.8	Stadju importanti	Implimentazzjoni kompluta tal-istrategġija u l-pjan ta' azzjoni għall-2021–2023 tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus/il-ġlieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/sanzjo nijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS)	Pubblikazzjoni online tar-rapport finali li juri li l-pjan ta' azzjoni tal-istrategġija nazzjonali AML/CMT/TFS u l-pjan ta' azzjoni għall-2021–2023 ġie implimentat bis-sħiħ.				Q4	2023	L-azzjonijiet kollha skont is-seba' Għanijiet ta' Politika definiti fl-istrategġija nazzjonali tal-AML/CMT/TFS u l-pjan ta' azzjoni għall-2021–2023 (inkluż iterazzjoni ġdida tal-valutazzjoni tar-riskju nazzjonali) ġew implimentati bis-sħiħ. Dan għandu jintwera f'rapport finali mħejji mis-Segretarjat tal-Kumitat Nazzjonali ta' Koordinazzjoni dwar il-Ġlieda Kontra l-Ħasil tal-Flus u l-Finanzjament tat-Terroriżmu (NCC) u approvat mill-Bord tal-NCC wara konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati ewlenin. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin għandhom jinkludu l-Ministeri responsabbli għall-Finanzi, l-Affarijiet Interni u l-Ġustizzja, l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi, il-Bank Ċentrali ta' Malta, il-Kummissarju għad-Dħul, l-Unità tal-Analiżi tal-Intelligence Finanzjarja (FIAU), l-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA), l-Awtorità Maltija tal-Logħob tal-Azzard (MGA), il-Forza tal-Pulizija ta' Malta u l-Avukat Ġenerali.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.26	C6.R.8	Mira	Għadd ta' taħriġ annwali ta' AML/CFT		Numru	5	10	Q2	2022	10 taħriġiet tal-AML/CFT għandhom jiġi pprovduti fl-2021. Il-kontenut speċifiku tal-korsijiet għandu jiġi speċifikat abbażi tal-ħtiġijiet ta' taħriġ identifikati mis-sottokumitat speċifiku tal-NCC li jikkordina t-taħriġ u l-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-AML/CFT/CPF. It-taħriġ għandu jkun miftuħ b'mod partikolari għall-membri tal-istess sottokumitat. Il-membri ta' dan is-sottokumitat huma: - Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) - L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta (MFSA) - L-Awtorità Maltija tal-Logħob tal-Azzard (MGA) - Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta (MPF) - L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (AGO) - L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (OCfR) - Is-Servizzi tas-Sigurtà ta' Malta (MSS) - Ir-Reġistru tan-Negozju ta' Malta (MBR) - Id-Dipartiment tad-Dwana - L-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi (ARB) - L-Uffiċċju tal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji (OCfR) - Bord għall-Monitoraġġ tas-Sanzjonijiet (SMB).
6.27	C6.R.8	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni meħtieġa wara l-evalwazzjoni tal-FATF, inkluż permezz ta' miżuri legali	L-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni meħtieġa wara l-evalwazzjoni tal-FATF, inkluż permezz ta' miżuri legali				Q4	2023	It-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja pprovdiet evalwazzjoni tal-qafas tal-AML ta' Malta f'Ġunju 2021. Malta timpenja ruħha li timplimenta, inkluż permezz ta' leġiżlazzjoni u regolament, ir-rakkomandazzjonijiet kollha pprovduti mill-FATF sa Diċembru 2023. L-istadju importanti jeħtieġ li l-miżuri kollha meħtieġa biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet kollha identifikati mill-FATF jidħlu fis-seħħ u/jew ikunu kompletament operattivi u kapaċi jwasslu l-effetti meħtieġa.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.28	C6.R.9	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva riveduta biex tinġabar informazzjoni dwar dividendi derivati minn korpi ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta.	Dħul fis-seħħ ta' dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva riveduta				Q2	2022	Dħul fis-seħħ tad-dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva riveduta għas-sena fiskali 2021. Din hija miżura amministrattiva li permezz tagħha d-dikjarazzjoni tat-taxxa għandha titlob <i>data</i> relatata ma' dividendi derivati minn korpi ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx.
6.29	C6.R.9	Mira	Assenjazzjoni ta' persunal iddedikat għall-iskrutinju tal-kontribwenti f'dan il-qasam tat-tassazzjoni	Assenjazzjoni ta' persunal iddedikat għall-iskrutinju tal-kontribwenti f'dan il-qasam tat-tassazzjoni	Numru	0	2	Q3	2022	Żewġ investigaturi huma assenjati biex jaħdmu full-time għall-iskrutinju tal-kontribwenti fir-rigward ta' holdings f'korpi ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx.
6.30	C6.R.10	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni rilevanti ta' abilitazzjoni għall-introduzzjoni ta' regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment	Provision in the law indicating entry into force of the relevant enabling dispożizzjoni għall-introduzzjoni ta' regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment				Q2	2021	Id-dispożizzjonijiet legali (l-Att dwar l-Implimentazzjoni tal-Miżuri Baġitarji) meħtieġa għall-introduzzjoni tal-ipprezzar ta' trasferiment huma promulgati u kompletament fis-seħħ.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.31	C6.R.10	Stadju importanti	Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u abbozzar ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti	Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u abbozzar ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti kkompletati u l-abbozz ta' avviż legali trażmess lill-Kabinett għall-approvazzjoni				Q2	2022	Il-konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati tkun tlestiet. L-abbozz ta' avviż legali dwar regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar ta' trasferiment huwa trażmess lill-Kabinett għall-approvazzjoni. Il-konsultazzjoni għandu jkollha l-għan li tikseb informazzjoni li għandha rilevanza għall-kamp ta' applikazzjoni u l-proċedura relatata mal-ftehimiet antiċipati dwar il-prezzijiet. Il-partijiet ikkonċernati ewlenin għandhom ikunu magħmula minn korpi rappreżentattivi ta' professjonisti li jitrattaw kwistjonijiet ta' tassazzjoni u għandhom jinkludu kontabilisti, avukati u prattikanti tat-taxxa oħrajn.
6.32	C6.R.10	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti	Dħul fis-seħħ ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti				Q4	2022	Dħul fis-seħħ ta' regoli speċifiċi relatati mal-prinċipju ta' distakkament u ftehimiet ta' pprezzar avanzati. Dawn ir-regoli għandhom jibdeu japplikaw mill-ewwel trimestru tal-2024.
6.33	C6.R.10	Mira	Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal mill-awtoritajiet tat-taxxa biex jispeċjalizzaw fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment.		Numru	2	8	Q2	2023	Sitt uffiċjali addizzjonali huma reklutati. It-tmien uffiċjali kollha li jaħdmu fuq l-applikazzjoni tar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment huma mħarrġa biex jaħdmu mad-Diviżjoni tal-Awtorità Kompetenti u tal-Investigazzjonijiet dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti. Huwa previst li t-taħriġ għandu jieħu l-forma ta' korsijiet li permezz tagħhom kull uffiċjal għandu jirċievi minimu ta' 80 siegħa taħriġ inkluż dwar il-prinċipju ta' distakkament, il-kunċett ta' komparabbiltà u l-metodi tal-ipprezzar ta' trasferiment fil-Linji Gwida tal-OECD dwar il-Prezzijiet ta' Trasferiment, id-dokumentazzjoni tal-prezzijiet ta' trasferiment u r-riżoluzzjoni tat-tilwim, b'mod partikolari peress li dawn huma relatati mar-regoli tal-ipprezzar ta' trasferiment ippubblikati.
6.34	C6.R.10	Mira	Avvenimenti ta' taħriġ għall-prattikanti tat-taxxa u r-rappreżentanti tal-kumpaniji		Numru	0	2	Q4	2023	Żewġ avvenimenti ta' taħriġ għandhom jiġu pprovduti mill-Kummissarju għall-Uffiċjali tad-Dħul, f'kooperazzjoni mal-atturi tal-industrija fejn meħtieġ. It-taħriġ għandu jdum 12-il siegħa u għandu jkopri suġġetti bħall-ambitu, il-ftehimiet Preliminari tal-Prezzijiet u l-metodi tal-ipprezzar tat-trasferimenti. Mill-inqas 250 prattikant tat-taxxa u rappreżentanti tal-kumpaniji li jitrattaw negozju transfruntier huma mmirati għal dawn l-avvenimenti.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.35	C6.R.11	Stadju importanti	Studju dwar miżuri relatati ma' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu	L-istudju sħiħ dwar il-miżuri relatati ma' pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties li jidħlu u joħorġu huwa kondiviż mal-Kummissjoni Ewropea.				Q4	2022	L-istudju għandu jiġi pprovdut minn kuntrattur indipendenti involut permezz ta' proċeduri ta' akkwist pubbliku. L-istudju għandu janalizza s-sitwazzjoni attwali u jipprovi rakkomandazzjonijiet għal miżuri legali meħtieġa biex jindirizzaw pagamenti ta' dividendi, imgħax u royalties deħlin u heġġin, bejn kumpaniji stabbiliti f'Malta u kumpaniji relatati stabbiliti f'ġuriżdizzjonijiet li jew jiffurmaw parti mil-lista tal-UE ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx jew li huma kkunsidrati bħala ġuriżdizzjonijiet b'taxxa żero jew b'taxxa baxxa. Ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jipprovdut analiżi u proposti konkreti biex jissaħħu l-miżuri kontra l-Erożjoni tal-Bażi u t-Trasferiment tal-Proffitt għall-prevenzjoni tal-frodi tat-taxxa u l-evazzjoni tat-taxxa. Is-sommarju Eżekuttiv għandu jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-gvern u l-istudju sħiħ għandu jinqasam mal-Kummissjoni Ewropea.
6.36	C6.R.11	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni relatata ma' pagamenti li jidħlu u joħorġu	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni relatata ma' pagamenti li jidħlu u joħorġu				Q3	2024	Din il-leġislazzjoni għandha tiġi introdotta bl-għan li jitnaqqsu r-riskji identifikati mill-istudju dwar il-pagamenti li jidħlu u joħorġu (bħal dividendi, imgħax u royalties).
6.37	C6.R.12	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-iskambju spontanju ta' informazzjoni (SEOI)	Pubblikazzjoni tal-linji gwida u tal-formoli tal-applikazzjoni li jeħtieġu skambju spontanju ta' informazzjoni				Q1	2022	Id-dħul fis-seħħ ta' mekkaniżmu ta' skambju spontanju ta' informazzjoni, fejn l-awtoritajiet tat-taxxa ta' Malta jiskambjaw informazzjoni mal-ġuriżdizzjonijiet oriġinali tar-residenza tat-taxxa ta' applikanti b'suċċess għaċ-Ċittadinanza b'Naturalizzazzjoni għal Servizzi Eċċezzjonali b'Investiment Dirett (Regolamenti dwar iċ-Ċittadinanza) li huma parti għall-Konvenzjoni tal-OECD dwar l-Assistenza Reċiproka li Kwistjonijiet tat-Taxxa u f'ġuriżdizzjonijiet oħra li mhumiex parti għal din il-Konvenzjoni iżda li magħhom Malta għandha mekkaniżmu ta' skambju bilaterali ta' informazzjoni fis-seħħ, dwar persuni li għandhom jingħataw ċittadinanza skont din l-iskema fil-futur. Id-dħul fis-seħħ huwa ddeterminat mill-pubblikazzjoni tal-linji gwida u l-formoli ta' applikazzjoni riveduti rispettivi.

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti i / Mira	Isem	Indikaturi kwalitattivi (għall-istadji importanti)	Indikaturi kwantitattivi (għall-miri)			Skeda ta' żmien għat-tlestija (indika t-trimestru u s-sena)		Deskrizzjoni u definizzjoni ċara ta' kull stadju importanti u mira
					Unità ta' kejl	Linja bażi	Objettiv	Trimestru	Sena	
6.38	C6.I.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' (i) Att Nru LIII tal-2020 (Emenda Nru 4); u (ii) l-Att Nru III tal-2021 (Emenda Nru 2) dwar id-diġitalizzazzjoni tal-qrati.	Dħul fis-seħħ ta' (i) Att Nru LIII tal-2020 (Emenda Nru 4) u (ii) Att Nru III tal-2021 (Emenda Nru 2) dwar id-diġitalizzazzjoni tal-Qrati tal-Liġi				Q1	2021	L-Att LIII tal-2020 (Emenda Nru 4) emenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u għamilha possibbli li l-proċedimenti ċivili jsiru permezz ta' faċilitajiet ta' vidjokonferenzi diretti. L-Att III tal-2021 (Emenda Nru 2) emenda l-Kodiċi Kriminali u għamilha possibbli li atti ġudizzjarji kriminali jiġu ppreżentati elettronikament.
6.39	C6.I.1	Mira	Nefqa mġarrba għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja		EUR	0	2 000 000	Q4	2023	Mill-inqas EUR 2 000 000 tħallu f'konformità mal-obbligi kuntrattwali fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni tas-sistema tal-Ġustizzja.
6.40	C6.I.1	Stadju importanti	It-tnedija u d-disponibbiltà għall-utenti tal-ġhodod u s-sistemi żviluppati tal-IT	It-tnedija u d-disponibbiltà għall-utenti tal-ġhodod u s-sistemi żviluppati tal-IT				Q2	2026	L-iżvilupp tal-ġhodod u s-sistemi kollha tal-IT ikun tlesta, tnieda u sar kompletament disponibbli għall-partijiet ikkonċernati primarji.

2. SPIŻA TOTALI STMATA TAL-PJAN GĦALL-IRKUPRU U R-REŻILJENZA

L-ispiża totali stmata tal-RRP Malti hija ta' EUR 344 900 000.

TAQSIMA 2: APPOĠĠ FINANZJARJU

1. Kontribuzzjoni finanzjarja

Il-pagamenti msemija fl-Artikolu 2(2) għandhom jiġu organizzati kif ġej:

1.1. L-ewwel Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.1	C1.R.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar l-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni
1.5	C1.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent aġġornat
1.8	C1.R.2	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija dwar l-Iskart tal-Kostruzzjoni u d-Demolizzjoni għal Malta
1.22	C1.I.3	Stadju importanti	Awditjar tal-Prestazzjoni tal-Enerġija ta' żewġ Skejjel Pubbliċi
2.1	C2.R.1	Stadju importanti	Stħarriġ Nazzjonali dwar l-Ivvjaġġar tal-Unitajiet Domestiċi
2.6	C2.R.4	Stadju importanti	Ftehim mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar iż-żoni ta' riġenerazzjoni f'żoni urbani
2.9	C2.R.5	Mira	15-il faċilità tal-uffiċċju operattivi li jippermettu xogħol mill-bogħod għall-uffiċjali tas-servizz pubbliku madwar il-Gżejjer Maltin
3.3	C3.R.2	Stadju importanti	Adozzjoni tal-Istrateġija ta' Speċjalizzazzjoni Intelliġenti ta' Malta
5.8	C5.R.3	Mira	It-twaqqif ta' żewġ unitajiet tal-awtiżmu (spazji fiżiċi mgħammra b'taġhmir u persunal tal-edukazzjoni mħarreġ) fl-iskejjel tan-nofs
6.1	C6.R.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XLV tal-2020; u l-Att XLIII tal-2020
6.2	C6.R.1	Mira	Membri addizzjonali tal-ġudikatura
6.9	C6.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att Nru XXVIII tal-2021 intitolat Att li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5)
6.10	C6.R.3	Stadju importanti	Aġġornament tal-Istrateġija Nazzjonali tal-2008 Kontra l-Frodi u l-Korruzzjoni
6.15	C6.R.4	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XLVI tal-2020
6.20	C6.R.5	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att dwar ir-Rikavat tal-Kriminalità V tal-2021
6.21	C6.R.6	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att XIX tal-2020 li jemenda l-Att dwar il-Pulizija
6.22	C6.R.7	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-Att Nru XLI tal-2020 dwar l-istħarriġ ġudizzjarju ta' deċiżjonijiet li ma ssirx prosekuzzjoni mill-Avukat Ġenerali
6.30	C6.R.10	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni rilevanti ta' abilitazzjoni għall-introduzzjoni ta' regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment

6.38	C6.I.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' (i) Att Nru LIII tal-2020 (Emenda Nru 4); u (ii) l-Att Nru III tal-2021 (Emenda Nru 2) dwar id-diġitalizzazzjoni tal-qradi.
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 60,116,664

1.2. It-tieni Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.3	C1.R.1	Stadju importanti	Taħriġ u ċertifikazzjoni ta' professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni
1.9	C1.R.2	Stadju importanti	Adozzjoni ta' standards għall-Industrija tal-Kostruzzjoni
1.11	C1.R.2	Stadju importanti	Irkupru tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni bil-mili mill-ġdid tal-isparzi vojta (barrieri)
1.12	C1.R.2	Stadju importanti	It-twaqqif ta' ħames korpi reġjonali muniċipali responsabbli għall-ġbir tal-iskart f'Malta u Għawdex
1.13	C1.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni riveduta dwar il-materjal tal-imballaġġ biex tippermetti l-ġbir reġjonali tal-iskart mill-imballaġġ
1.14	C1.I.1	Stadju importanti	Awditjar tal-Prestazzjoni tal-Enerġija ta' Binjiet Pubbliċi
1.17	C1.I.1	Stadju importanti	Tnedija ta' sejħa għall-applikazzjonijiet għal għotjiet immirati għar-rinnovazzjoni tal-binjiet tas-settur privat
1.19	C1.I.2	Stadju importanti	Awditu tal-Prestazzjoni tal-Enerġija tal-Isptar Pubbliku ta' Monte Carmeli
1.23	C1.I.3	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għar-rinnovazzjoni ta' żewġ Skejjel Pubbliċi
1.25	C1.I.4	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni ta' skola kważi newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju
2.4	C2.R.3	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli għar-Reġjun tal-Belt Valletta
2.8	C2.R.5	Stadju importanti	Pubblikazzjoni tal-Politika ta' Xogħol mill-Bogħod għall-Impjegati tal-Gvern
2.12	C2.I.1	Stadju importanti	Permess tal-Awtorità tal-Ippjanar
2.13	C2.I.1	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għal xogħlijiet ta' kostruzzjoni għal Post tal-Ħatt l-Art Ġdid għal-Laneċ u amenitajiet/faċilitajiet
2.15	C2.I.2	Stadju importanti	Sejħa miftuħa għall-applikazzjonijiet għal vetturi elettriċi u roti fis-settur privat, inkluża l-iskema tal-iskrappjar
2.20	C2.I.4	Stadju importanti	Memorandum ta' Qbil għas-sostituzzjoni parzjali tal-flotta Maltija tat-trasport pubbliku
3.1	C3.R.1	Stadju importanti	Tnedija ta' skema ta' boroż ta' studju għall-istudenti biex isiru professjonisti tal-ICT
3.10	C3.I.3	Mira	In-nefqa mġarrba b'rabta mal-post tax-xogħol diġitali modern u s-soluzzjonijiet biex titjieb l-esperjenza tal-klijenti avvanzati
3.14	C3.I.4	Stadju importanti	Tnedija tas-sejħiet għall-applikazzjonijiet
4.1	C4.R.1	Stadju importanti	Studju dwar l-ostakli u l-faċilitaturi għal integrazzjoni u benesseri aħjar tal-forza tax-xogħol barranija
4.5	C4.R.1	Stadju importanti	Rapport dwar il-prevalenza tal-obeżità fost dawk ta' età ta' bejn l-4 u l-5 snin fil-popolazzjoni Maltija
4.7	C4.R.2	Stadju importanti	Reviżjoni tal-qafas regolatorju relatat maċ-Ċentru tal-Bank tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli
4.11	C4.I.2	Stadju importanti	Kuntratt iffirmat għall-akkwist ta' soluzzjoni ta' tagħmir tal-Aċċelleratur tar-Reżonanza Manjetika Lineari fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo
4.13	C4.I.2	Stadju importanti	Il-kuntratti kollha ffirmati għas-servizzi tal-patoloġija diġitali fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-isptar Mater Dei
4.15	C4.I.2	Stadju importanti	Il-kuntratti kollha ffirmati għad-diġitalizzazzjoni tal-faċilità l-ġdida tal-outpatients fl-isptar Mater Dei

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
5.6	C5.R.2	Stadju importanti	Tnedija tal-Kulleġġ elettroniku
5.9	C5.R.3	Mira	L-istabbiliment ta' żewġ kmamar ġodda għat-tagħlim multisensorju (MSLR) (spazji fiżiċi mġhamra b'taġħmir u persunal tal-edukazzjoni mħarreġ) fil-kulleġġi
5.12	C5.R.5	Stadju importanti	Valutazzjoni tal-benefiċċji tal-qgħad
5.16	C5.R.6	Stadju importanti	Segwitu tar-Rapport ta' Rieżami tal-Pensjonijiet bi proposti ta' politika
6.7	C6.R.2	Mira	Il-bini tal-kapaċità fl-Uffiċċju tal-AĠ
6.11	C6.R.3	Stadju importanti	Valutazzjoni tar-Riskju Nazzjonali u strateġija ta' segwitu dwar il-frodi u l-korruzzjoni.
6.26	C6.R.8	Mira	Għadd ta' taħriġ annwali ta' AML/CFT
6.28	C6.R.9	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ ta' dikjarazzjoni tat-taxxa korporattiva riveduta biex tinġabar informazzjoni dwar dividendi derivati minn korpi ta' persuni residenti f'ġuriżdizzjonijiet elenkati fil-lista ta' ġuriżdizzjonijiet li ma jikkooperawx tal-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta.
6.29	C6.R.9	Mira	Assenjazzjoni ta' persunal iddedikat għall-iskrutinju tal-kontribwenti f'dan il-qasam tat-tassazzjoni
6.31	C6.R.10	Stadju importanti	Konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u abbozzar ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti
6.32	C6.R.10	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' regoli speċifiċi dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti
6.35	C6.R.11	Stadju importanti	Studju dwar miżuri relatati ma' pagamenti ta' dividendi, imġax u royalties li jidhru u joħorġu
6.37	C6.R.12	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-iskambju spontanju ta' informazzjoni (SEOI)
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 82,264,909

1.3. It-tielet Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.2	C1.R.1	Stadju importanti	Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni - kompletament operattiva
1.4	C1.R.1	Mira	Professjonisti fl-industrija tal-kostruzzjoni mħarrġa u ċċertifikati
1.10	C1.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' qafas regolatorju ġdid għall-ġestjoni tal-iskart tal-kostruzzjoni u d-demolizzjoni
1.15	C1.I.1	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għar-rinnovazzjoni ta' binjiet pubbliċi
1.20	C1.I.2	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għar-rinnovazzjoni u l-modifika radikali tal-Isptar Pubbliku Monte Carmeli
1.24	C1.I.3	Mira	Żewġ skejjes pubbliċi rinnovati
1.26	C1.I.4	Mira	Tlestiet il-kostruzzjoni ta' skola newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
2.3	C2.R.2	Mira	L-għadd ta' persuni fil-gruppi ta' koorti l-ġodda b'aċċess għal trasport pubbliku b'xejn
2.10	C2.R.6	Stadju importanti	Tlestija tal-istudju dwar it-titjib tal-ġestjoni tal-mobilità fis-servizz pubbliku Malti
2.16	C2.I.2	Mira	Numru ta' għotjiet mogħtija għal vetturi elettriċi taħt l-iskema għas-settur privat
2.18	C2.I.3	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għall-provvista ta' vetturi elettriċi għall-flotta tas-servizz pubbliku
3.2	C3.R.1	Mira	Individwi appoġġati biex itaffu d-distakk diġitali
3.5	C3.I.1	Mira	Żieda fiż-żmien operazzjonali tas-Sinsla Diġitali
4.2	C4.R.1	Stadju importanti	Għodda personalizzata għall-ippjanar tal-forza tax-xogħol
4.6	C4.R.1	Mira	Implimentazzjoni ta' programm ta' skrinjng ta' smiġħ neonatali
4.9	C4.I.1	Stadju importanti	Servizzi kuntrattati għall-kostruzzjoni ta' Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli
4.12	C4.I.2	Stadju importanti	Tagħmir ta' Aċċelleratur Lineari b'Reżonanza Manjetika operattiv u miftuħ għall-utenti
5.2	C5.R.1	Mira	Edukaturi mħarrġa fil-Programm ta' Rkupru tal-Qari (RR)
5.5	C5.R.2	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri inklużi fil-Pjan Direzzjonali dwar l-iżvilupp ta' sistema ta' gwida, il-bini tal-kapaċità għall-professjonisti tat-tagħlim għall-adulti u t-twaqqif ta' networks ta' gwida
5.18	C5.I.1	Mira	Nefqa mġarrba b'rabta mal-implimentazzjoni taċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (il-Kampus tal-ITS)
6.19	C6.R.5	Mira	Żieda fl-għadd ta' persunal fl-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi
6.25	C6.R.8	Stadju importanti	Implimentazzjoni kompluta tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-2021–2023 tal-pjan ta' azzjoni nazzjonali kontra l-ħasil tal-flus/il-għieda kontra l-finanzjament tat-terroriżmu/sanzjonijiet finanzjarji mmirati (AML/CFT/TFS)
6.27	C6.R.8	Stadju importanti	L-implimentazzjoni ta' kwalunkwe azzjoni meħtieġa wara l-evalwazzjoni tal-FATF, inkluż permezz ta' miżuri legali
6.33	C6.R.10	Mira	Ir-reklutaġġ u t-taħriġ tal-persunal mill-awtoritajiet tat-taxxa biex jispjeczjalizzaw fl-applikazzjoni tar-regoli dwar l-ipprezzar ta' trasferiment.
6.34	C6.R.10	Mira	Avvenimenti ta' taħriġ għall-prattikanti tat-taxxa u r-rappreżentanti tal-kumpaniji
6.39	C6.I.1	Mira	Nefqa mġarrba għad-diġitalizzazzjoni tas-sistema ġudizzjarja
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 60,116,664

1.4. Ir-raba' Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
-------------------	--	--------------------------	------

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.6	C1.R.2	Stadju importanti	Studju dwar il-fattibbiltà tal-espansjoni tal-obbligi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur għal flussi addizzjonali ta' skart
1.27	C1.I.5	Mira	Installazzjoni ta' infrastruttura fotovoltajka fi spazji pubbliċi miftuħa
2.17	C2.I.2	Mira	Numru ta' għotjiet mogħtija għal vetturi elettriċi taħt l-iskema għas-settur privat
3.4	C3.R.2	Mira	Ġestjoni tal-kontijiet bejn l-aġenziji bejn Malta Enterprise u l-Kunsill Malti għax-Xjenza u t-Teknoloġija
3.7	C3.I.2	Mira	Diġitalizzazzjoni tal-fajls tal-Bastimenti
3.12	C3.I.3	Mira	Akkwist ta' oġġetti addizzjonali ta' hardware u software tal-IT
4.8	C4.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ tal-qafas regolatorju rivedut relatat maċ-Ċentru tal-Bank tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli
4.14	C4.I.2	Stadju importanti	Servizzi ta' patoloġija diġitali pprovduti fid-dipartiment tal-istopatoloġija fl-isptar Mater Dei
5.1	C5.R.1	Mira	Għadd ta' studenti (bejn 6 u 7 snin) imħarrġa fil-Programm ta' Rkupru tal-Qari (RR)
5.3	C5.R.1	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri inklużi fl-Istrateġija għall-Ħiliet Bażiċi
5.4	C5.R.1	Stadju importanti	Sistema ġenerali ta' traċċar tal-Proġett tal-Maħżen tad-Data / tluq bikri mill-iskola (ESL)
5.7	C5.R.2	Mira	Studenti attratti lejn l-użu tal-pjattaforma l-ġdida tal-Kulleġġ elettroniku
5.13	C5.R.5	Stadju importanti	Proċess ta' monitoraġġ tal-isfidi u l-miżuri ta' politika relatati mal-benefiċċji tal-qgħad
6.3	C6.R.1	Stadju importanti	Reviżjoni indipendenti tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati
6.5	C6.R.2	Stadju importanti	Rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (AĠ)
6.8	C6.R.2	Stadju importanti	It-trasferiment tal-kawżi mhux sommarji kollha lill-Uffiċċju tal-AĠ.
6.12	C6.R.3	Mira	Żewġ programmi ta' taħriġ għall-uffiċjali maħtura mill-Awtoritajiet Nazzjonali
6.13	C6.R.3	Stadju importanti	Sistema ta' Repożitorju Dokumentarju Ċentrali
6.14	C6.R.3	Stadju importanti	Bażi tad-data li tiġbor id-data dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta
6.16	C6.R.4	Stadju importanti	Pjanijiet Baġitarji u għar-Riżorsi Umani tal-PCAC
6.17	C6.R.4	Stadju importanti	Il-ħolqien ta' reġistru diġitali ta' informazzjoni dwar każijiet ta' korruzzjoni miżmum mill-PCAC
6.18	C6.R.4	Stadju importanti	L-adozzjoni ta' Proċedura Operattiva Standard interna mill-PCAC
6.23	C6.R.7	Stadju importanti	Rieżami indipendenti tad-dispożizzjoni għall-partijiet offiċi (fl-Att XLI tal-2020) biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni.
6.36	C6.R.11	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni relatata ma' pagamenti li jidhru u joħorġu
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 60,116,664

1.5. Il-ħames Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.7	C1.R.2	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' leġislazzjoni li tista' titqies xierqa mill-istudju dwar il-fattibbiltà li jiġu mmirati flussi ġodda ta' skart permezz ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur
1.16	C1.I.1	Mira	Binjiet pubbliċi rinnovati
1.18	C1.I.1	Mira	Binjiet tas-settur privat rinnovati
2.2	C2.R.1	Stadju importanti	Tlestija ta' Kampanja ta' Sensibilizzazzjoni dwar trasport sostenibbli b'livell żero u baxx ta' karbonju
2.5	C2.R.3	Mira	Unitajiet Amministrattivi Lokali fir-Reġjun tal-Belt Valletta b'soluzzjonijiet ta' mobilità urbana mtejbja skont il-Pjan ta' Mobilità Urbana Sostenibbli
2.7	C2.R.4	Mira	Żoni ta' riġenerazzjoni maħluqa f'żoni urbani għal spazji miftuħa u mingħajr karożżi
2.11	C2.R.6	Mira	Żieda fil-mobilità kondiviża fis-servizz pubbliku
2.14	C2.I.1	Stadju importanti	Post ta' Ħatt l-Art ġdid u amenitajiet/faċilitajiet ta' mobbiltà mlestija b'servizzi ta' laneċ operazzjonali
2.19	C2.I.3	Mira	Perċentwal ta' vetturi elettriċi fil-flotta ta' użu ġenerali tal-Gvern
2.21	C2.I.4	Mira	Karożżi tal-linja elettriċi operattivi b'emissjonijiet żero introdotti għas-sostituzzjoni parzjali tal-flotta tat-trasport pubbliku
3.6	C3.I.1	Stadju importanti	Livell imtejjeb fil-qafas taċ-ċibersigurtà tan-NIST
3.8	C3.I.2	Stadju importanti	It-tnedija u d-disponibbiltà għall-utenti tal-għodod u s-sistemi żviluppati tal-IT
3.9	C3.I.2	Mira	Għoti ta' Taħriġ Tekniku lill-persunal
3.11	C3.I.3	Mira	Akkwist ta' liċenzji addizzjonali tal-Microsoft 365 (jew ekwivalenti)
3.13	C3.I.3	Mira	Żieda fl-użu tas-servizzi online
4.3	C4.R.1	Stadju importanti	Rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri u tqabbil tal-benesseri wara l-intervent meta mqabbel mal-valutazzjoni inizjali.
4.4	C4.R.1	Mira	Titjib tal-benesseri rrappurtat ta' ħaddiema barranin
4.10	C4.I.1	Stadju importanti	Ċentru tad-Demm, tat-Tessuti u taċ-Ċelloli miftuħ għall-utenti
4.16	C4.I.2	Stadju importanti	Id-diġitalizzazzjoni ta' faċilitajiet ta' outpatients ġodda fl-isptar Mater Dei hija operattiva u miftuħa għall-pazjenti
5.10	C5.R.3	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri tal-Istrateġija tal-Politika Nazzjonali dwar l-Inklużjoni aġġornata
5.11	C5.R.4	Stadju importanti	L-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma ta' evalwazzjoni u monitoraġġ li għadu kif ġie introdott
5.14	C5.R.5	Stadju importanti	Implimentazzjoni ta' miżuri fl-Istrateġija dwar l-Impjiegi li għadha kif ġiet adottata
5.15	C5.R.5	Stadju importanti	Implimentazzjoni tal-miżuri stabbiliti fil-Pjan ta' Azzjoni tal-Istrateġija dwar l-Integrazzjoni u l-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri li għadu kif ġie adottat
5.17	C5.I.1	Mira	Żieda fil-programmi ta' taħriġ b'riżultat tal-investiment

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investiment)	Stadju importanti / Mira	Isem
5.19	C5.l.1	Stadju importanti	Tnedija taċ-Ċentru għall-Eċċellenza fl-Edukazzjoni Vokazzjonali (il-Kampus tal-ITS) għall-industrija tal-ospitalità
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 41,132,454

1.6. Is-sitt Pagament (appoġġ mhux ripagabbli):

Numru Sekwenzjali	Miżura Relatata (Riforma jew Investment)	Stadju importanti / Mira	Isem
1.21	C1.I.2	Mira	Blokok tal-Isptar Monte Carmeli rinnovati
3.15	C3.I.4	Mira	Impriżi appoġġati f'investimenti fid-diġitalizzazzjoni
6.4	C6.R.1	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi meqjusa neċessarji mir-rieżami indipendenti tal-indipendenza tat-tribunali speċjalizzati
6.6	C6.R.2	Stadju importanti	Id-dħul fis-seħħ tal-bidliet leġiżlattivi li jitqiesu li jkunu meħtieġa mir-rieżami indipendenti dwar it-trasferiment ta' kawżi sommarji mingħand il-Pulizija għal għand l-Uffiċċju tal-AĠ
6.24	C6.R.7	Stadju importanti	Dħul fis-seħħ ta' bidliet leġiżlattivi li jemendaw l-istħarriġ ġudizzjarju għal partijiet li ġarrbu ħsara biex jappellaw id-deċiżjoni tal-Avukat Ġenerali li ma ssirx prosekuzzjoni
6.40	C6.I.1	Stadju importanti	It-tnedija u d-disponibbiltà għall-utenti tal-ġhodod u s-sistemi żviluppati tal-IT
		Ammont ta' Pagament Parzjali	EUR 12,656,140

TAQSIMA 3: ARRANĠAMENTI ADDIZZJONALI

1. **Arranġamenti għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza**

Il-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP Malti għandhom isiru skont l-arranġamenti li ġejjin:

Il-Ministeru responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE huwa l-awtorità inkarigata mill-koordinazzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll tal-proċess ta' implimentazzjoni ġenerali tal-RRP. Hija għandha tiżgura r-rispett tar-regoli nazzjonali u tal-UE stabbiliti, tiegħu miżuri biex tipprovdi kapaċità amministrattiva adegwata u twettaq l-attivitajiet meħtieġa ta' konsultazzjoni, komunikazzjoni u informazzjoni relatati mar-Regolament (UE) 2021/241. Fi ħdan il-Ministeru responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE, id-Diviżjoni tal-Ippjanar u l-Koordinazzjoni tal-Prijoritajiet (PPCD) hija fdata bl-implimentazzjoni effettiva tal-RRP, b'mod partikolari bil-funzjoni identifikata fl-Artikolu 22(2) u (3) u għandha tiegħu l-miżuri xierqa kollha biex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Unjoni u biex tiżgura li l-użu tal-fondi fir-rigward tal-miżuri fl-RRP Malti jikkonforma mal-liġi applikabbli tal-UE u dik nazzjonali. Huwa għandu jkun responsabbli wkoll għat-tfassil u l-iffirmar ta' dikjarazzjoni ta' ġestjoni u ta' sommarju tal-awditi li jakkumpanjaw it-talbiet għal pagament. L-istituzzjonijiet responsabbli involuti fl-eżekuzzjoni ta' kull riforma u investiment għandhom jikkollaboraw fuq bażi regolari mal-Ministeru responsabbli għall-ġestjoni tal-fondi tal-UE. Id-dipartiment tal-Awditjar Intern u tal-Investigazzjonijiet inħatar bħala l-awtorità tal-awditjar għall-finijiet tal-RRP, bħala korp indipendenti. L-istrateġija tal-awtorità tal-awditjar tinkludi kemm awditi tas-sistema, li jiffukaw fuq is-sistema fis-seħħ għar-rappurtar tal-istadji importanti u l-miri, kif ukoll fuq is-sistema għall-prevenzjoni tal-identifikazzjoni u l-korrezzjoni ta' irregolaritajiet serji, inkluża s-sistema tal-IT, kif ukoll ittestjar sostantiv ibbażat fuq kampjunar adegwat.

2. **Arranġamenti għall-forniment ta' aċċess sħiħ mill-Kummissjoni għad-*data* sottostanti**

Il-Ministeru responsabbli għall-ġestjoni tal-Fondi tal-UE, bħala l-korp ċentrali ta' koordinazzjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP Malti huwa l-punt ta' kuntatt għall-Kummissjoni. Huwa jaġixxi bħala korp ta' koordinazzjoni għall-monitoraġġ tal-progress dwar l-istadji importanti u l-miri u jipprovdi l-arranġamenti kollha meħtieġa għall-preżentazzjoni tat-talbiet għall-pagament. Huwa jikkoordina r-rappurtar tal-istadji importanti u l-miri, l-indikaturi rilevanti, iżda wkoll informazzjoni finanzjarja kwalitattiva u *data* oħra, bħal dwar ir-riċevituri finali. Is-sistema ta' ġestjoni u informazzjoni miżmuma mill-PPCD għandha tintuża biex tinġabar l-informazzjoni meħtieġa biex jiġi mmonitorjat iċ-ċiklu tal-ħajja sħiħ tar-riformi u l-investimenti, inklużi l-istadji importanti, il-miri u l-informazzjoni li tappoġġa l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni finanzjarja tagħhom.

Skont l-Artikolu 24(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, malli jitlestew l-istadji importanti u l-miri rilevanti maqbula fit-Taqsima 2.1 ta' dan l-Anness, Malta għandha tressaq talba debitament ġustifikata għall-ħlas tal-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Kummissjoni. Malta għandha tiżgura li, fuq talba, il-Kummissjoni jkollha aċċess sħiħ għad-*data* sottostanti rilevanti li tappoġġa l-ġustifikazzjoni dovuta tat-talba għal pagament, kemm għall-valutazzjoni tat-talba għal pagament skont l-Artikolu 24(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll għal finijiet ta' awditjar u kontroll.